# EUROJUST

## Rapport Annwali 2016



Criminal justice across borders

© Eurojust, 2017

Din il-pubblikazzjoni tkopri l-perjodu 1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016

Catalogue number: QP-AA-17-001-MT-N
ISBN: 978-92-9490-116-3
ISSN: 2443-6585
DOI: 10.2812/473290

*Għal mistoqsijiet:*

Telefown: + 31 70 412 5000
E-mail: info@eurojust.europa.eu
Sit elettroniku: www.eurojust.europa.eu

# Rapport Annwali tal-Eurojust 2016

# Werrej











Daħla ........................................ 7
Sommarju Eżekuttiv ........................................ 9

**1. L-Eurojust fuq il-post tax-xogħol**

**1.1 Laqgħat tal-Eurojust fil-livell II ..........14**
**1.2 Laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ...15**
**1.3 Ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust ....17**
**1.4 L-Eurojust u l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti ..........18**
**1.5 Il-Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-Eurojust ..........22**

**2016 Kronoloġija ..........24**

**2. Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust**

**2.1 Introduzzjoni..........27**
*2.1.1 It-terroriżmu..........28*
*2.1.2 Iċ-ċiberkriminalità ..........30*
*2.1.3 Il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali......32*
*2.1.4 THB..........33*
*2.1.5 Il-frodi ..........34*
*2.1.6 Il-korruzzjoni..........35*
*2.1.7 It-traffikar tad-droga..........35*
*2.1.8 Kriminalità organizzata tal-proprjetà mwettqa mill-MOCGs..........36*
*2.1.9 Reati ta' PIF ..........36*

**2.2 Xogħol fuq każijiet tal-Eurojust dwar organizzazzjonijiet kriminali tat-tip tal-mafja..........36**

**L-Operazzjoni Avalanche: ħarsa aktar mill-qrib...38**

**3. L-imsieħba tal-Eurojust**

**3.1 Kooperazzjoni mal-Europol ..........41**
**3.2 Kooperazzjoni mal-OLAF ..........41**
**3.3 Ir-relazzjonijiet tal-Eurojust ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet ..........42**
*Ftehimiet ta' kooperazzjoni..........42*
*Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust li jinvolvu Stati terzi ..........42*
*Il-Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust.....42*
*Il-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fl-Istati terzi ...43*
*Kooperazzjoni mal-QKI ..........45*

**4. L-isfidi u l-aqwa prattika**

**4.1 Interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni...49**
**4.2 L-isfidi f'każijiet ta' frodi fiskali..........49**
**4.3 Mandat ta' Arrest Ewropew..........50**

**Fokus tas-Sena: Kunflitti ta' Ġurisdizzjoni .......54**








## 5. Amministrazzjoni


**5.1 Appoġġ għal ħidma operattiva u strateġika ....61**

**5.2 Riorganizzazzjoni tal-Amministrazzjoni ... 61**

**5.3 Persunal u baġit ....61**

**5.4 Żviluppi organizzazzjonali ....62**

**5.5 Bini ġdid ....63**


## 6. L-Eurojust u u n-netwerks tal-prattikanti


**6.1 NĠE ....65**

**6.2 Netwerk ta' JIT ....66**

**6.3 Netwerk għall-Ġenoċidji ....66**

**6.4 Forum Konsultattiv ....67**


## Tabelli


Xogħol fuq każijiet 2002 - 2016 ....10
Każijiet bilaterali/multilaterali 2012 - 2016 ....10
Każijiet bilaterali/multilaterali ....11
L-Istati Membri rikjedenti/rikjesti ....11
Laqgħat ta' koordinazzjoni ....16
L-Istati terzi, l-imsieħba tal-kooperazzjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-laqgħat ta' koordinazzjoni ....16
Iċ-Ċentri ta' koordinazzjoni ....17
JITs appoġġjati mill-Eurojust, inklużi t-tipi ta' reati ewlenin ....19
JITs iffinanzjati għal kull Stat Membru ....19
Każijiet skont l-Artikolu 13 ....23
Tipi ta' reati ta' prijorità tal-Eurojust ....27
Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament 2012 - 2016 ....43
L-aqwa għaxar Stati terzi fix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust ....45
Każijiet tal-EAW ....51

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| CBRN-E | Sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari u splussivi |
| CJEU | Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea |
| CJM | Moniter Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità |
| CMS | Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet |
| EAW | Mandat ta' Arrest Ewropew |
| EC3 | Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità |
| ECTC | Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu |
| EJCN | Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità |
| EJTN | Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju |
| EMPACT | Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali |
| EMSC | Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti |
| ENCS | Sistema Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Eurojust |
| EPPO | Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew |
| FTF | Ġellieda terroristi barranin |
| ICC ICC | Qorti Kriminali Internazzjonali |
| IIS | Faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali |
| IPR | Drittijiet ta' proprjetà intellettwali |
| ISP | Fornitur tas-servizz tal-internet |
| JIT | Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta |
| JITs | Netwerk Ġudizzjarju Ewropew |
| MLA | Assistenza legali reċiproka |
| MOCG | Grupp ta' kriminalità organizzata mobbli |
| OAP | Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali |
| OCG | Grupp ta' kriminalità organizzata |
| OPC | Kriminalità organizzata tal-proprjetà |
| PIF | Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea |
| TCM | Moniter tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu |
| THB | Traffikar ta' bnedmin |
| VAT | Taxxa fuq il-valur miżjud |

## *Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, ser issir referenza għaliha f'dan ir-rapport bħala d-'Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust'. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ħejja verżjoni kkonsolidata tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust għal finijiet ta' informazzjoni biss.

L-istatistika dwar il-każijiet tal-Eurojust inkluża f'dan ir-rapport ġiet prodotta abbażi tad-data li tinsab fis-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet tal-Eurojust. In-numri ġew estratti fis-16 ta' Jannar 2017 u jirriflettu d-data disponibbli f'dak il-mument. Minħabba n-natura kontinwa tal-każijiet, jistgħu jeżistu diskrepanzi possibbli man-numri li ġew irrapportati qabel.

Il-pubblikazzjonijiet u l-infografika tal-Eurojust huma disponibbli fuq is-sit web tagħna.



Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Eurojust, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-aġenziji tal-ĠAI u -Istati terzi huma elementi fundamentali fil-ħidma tal-Eurojust.

# Daħla

Għandi l-pjaċir nippreżenta l-15-il Rapport Annwali, li jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja.

Is-sena 2016 kienet waħda impenjattiva fil-kuntest tas-sigurtà. Issa qegħdin niffaċċjaw 'sitwazzjoni normali ġdida' u huwa mitlub minna li nsaħħu l-attivitajiet tagħna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata serja, inklużi l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żjara ta' Sir Julian King, il-Kummissarju tal-UE għall-Unjoni tas-Sigurtà, kienet opportunità tajba sabiex niddiskutu r-rwol ta' appoġġ ċentrali tal-Eurojust fil-ġlieda usa' tal-UE kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u l-ħolqa integrali tagħha fil-katina tas-sigurtà. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-Eurojust 2015 ikkonfermaw il-fokus u r-rwol meħtieġa tal-Eurojust fit-trattament tat-terroriżmu, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u ċ-ċiberkriminalità bħala prijoritajiet, kif ukoll fil-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattika sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Ix-xogħol fuq il-każijiet huwa fil-qalba tal-Eurojust. Fl-2016, l-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust f'2 306 każijiet, li jirrappreżentaw żieda ta' erbgħa fil-mija meta mqabbla mal-2015. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Eurojust, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-aġenziji tal-JHA u l-Istati terzi huma elementi fundamentali fil-ħidma tal-Eurojust. Dan ir-rapport juri ċ-ċiklu tal-ħajja ta' każ, l-effettività tal-għodod ta' koordinazzjoni tal-Eurojust b'fokus fuq il-laqgħat fil-livell II u l-użu dejjem jiżdied tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti.

L-Eurojust tibni l-pontijiet. L-Eurojust tilqa' taħt is-saqaf tagħha t-28 Membru Nazzjonali li jappoġġjaw lill-Istati Membri tagħhom fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u fil-kondiviżjoni tal-aqwa prattika. Billi nirrikonoxxu wkoll ir-rwol importanti tal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal materji relatati mat-terroriżmu, aħna qegħdin nintensifikaw ir-rabtiet u l-appoġġ għan-netwerk taċ-ċiberkriminalità ġudizzjarja li issa huwa stabbilit b'mod formali. Barra minn hekk, aħna qegħdin infittxu li nsaħħu l-involviment tal-Eurojust fiċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fl-Europol, billi nibnu fuq l-esperjenza tal-kooperazzjoni konġunta fl-EC3.

Il-kriminalità mgħandhiex fruntieri u l-kooperazzjoni mal-Istati terzi hija essenzjali. Matul is-snin, aħna stajna nosservaw xejra 'l fuq fl-involviment tal-Istati terzi fil-każijiet tal-Eurojust, fil-laqgħat ta' koordinazzjoni u fl-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti. Fl-2016, l-Eurojust ikkonkludiet ftehimiet ta' kooperazzjoni ġodda u kompliet tkabbar in-netwerk tagħha ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji madwar id-dinja. Tliet Prosekuturi ta' Kollegament, li ġejjin min-Norveġja, mill-Istati Uniti tal-Amerika u mill-Iżvizzera, huma ospitati mill-Eurojust. F'dan ir-rapport, il-Prosekutur ta' Kollegament Żvizzeru tagħti ħarsa lejn il-ħidma tagħha u l-valur miżjud ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Eurojust.

L-iżvilupp kostanti bħala ċentru ta' għarfien espert legali u ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea huwa għan importanti tal-Eurojust. Fl-2016, l-Eurojust ipproduċiet, *inter alia*, l-ewwel żewġ edizzjonijiet tal-*Moniter Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità*, rapport dwar ix-xogħol fuq każijiet fil-qasam tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u linji gwida aġġornati dwar il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni li jservu sabiex jintużaw mill-prattikanti u bħala informazzjoni għall-istituzzjonijiet tal-UE.

Wara li ħadna f'kunsiderazzjoni x-xenarju tat-theddida għas-sigurtà li qed jinbidel u l-qafas leġiżlattiv li jirrigwardja lill-Eurojust, aħna għamilna passi importanti, billi rrevedejna l-istrutturi organizzattivi u l-proċessi interni lejn is-simplifikazzjoni tan-negozju ewlieni u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Eurojust sabiex jiġu ssodisfati l-aspettattivi tal-Istati Membri fi żminijiet ta' limitazzjonijiet baġitarji. Is-sena d-dieħla ser niċċaqilqu lejn il-bini ġdid tagħna, li jimmarka avveniment importanti ieħor fl-istorja tal-Eurojust.

L-Eurojust għandha valur miżjud minħabba r-rispons immedjat tagħha għat-talbiet għal assistenza, l-għajnuna tagħha fl-iskambju tal-informazzjoni bejn il-fruntieri f'ammont ta' żmien minimu, l-appoġġ tagħha sabiex jingħelbu l-ostakoli legali u prattiċi f'każijiet kumplessi, kif ukoll l-appoġġ u l-finanzjament tagħha għall-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti. Jiena ninsab kunfidenti li, flimkien mal-Viċi Presidenti tiegħi, is-Sur Klaus Meyer-Cabri, li ġie elett riċentament, u s-Sur Ladislav Hamran, li ġie elett mill-ġdid, kif ukoll mal-kollegi tal-Kulleġġ u l-Amministrazzjoni, l-Eurojust ser tkompli tikber bħala parteċipant ewlieni fil-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-koordinazzjoni f'materji kriminali u tikseb il-potenzjal sħiħ tagħha.



Michèle CONINSX
*Il-President tal-Eurojust*





Eurojust building, the *Haagse Arc*, 2002 - 2017

# Sommarju Eżekuttiv

- In-**numru ta' każijiet** li għalihom l-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja żdied b'erbgħa fil-mija, minn 2 214 każ fl-2015 għal 2 306 każ fl-2016. **L-Istati terzi** kienu involuti fi 300 każ.

- **Ix-xogħol fuq każijiet** żdied : fit-terroriżmu, l-IIS, it-THB, il-frodi u l-ħasil tal-flus.

- Tingħata ħarsa lejn iċ-ċiklu tal-ħajja tal-każ u, b'mod partikolari, l-effettività tal-**laqgħat fil-livell II**, spjegati wkoll permezz ta' illustrazzjonijiet tal-każijiet.

- L-Eurojust organizzat 249 **laqgħa ta' koordinazzjoni** li jinvolvu 288 każ bil-parteċipazzjoni tal-Europol (87) u tal-OLAF (4) u 10 **ċentri ta' koordinazzjoni**. **L-Istati terzi** kienu involuti f'50 laqgħa ta' koordinazzjoni u żewġ ċentri ta' koordinazzjoni.

- L-Eurojust appoġġjat 148 **JIT**, żieda ta' 23 fil-mija fuq l-2015, li 69 minnhom kienu ġodda. **L-Istati terzi** kienu involuti f'14-il JIT.

- L-Eurojust ipprovdiet appoġġ finanzjarju lil 90 JIT, żieda ta' 32 fil-mija fuq l-2015; disa' minnhom kienu jinvolvu Stati terzi.

- L-Eurojust assistiet fl-**eżekuzzjoni tal-EAW** fi 315-il okkażjoni.

- In-**Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità** twaqqaf permezz ta' Konklużjoni tal-Kunsill fid-9 ta' Ġunju 2016. In-netwerk għandu jkun appoġġjat mill-Eurojust.

- **Laqgħat** organizzati:

  - laqgħa tattika dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, Frar
  - seminar strateġiku, *Keys to Cyberspace*, Ġunju
  - laqgħa konġunta tal-Forum Konsultattiv, taħt il-Presidenza Olandiża u l-Presidenza Slovakka, Ġunju
  - laqgħa tattika dwar it-terroriżmu, Ġunju
  - seminar ta' EMPACT dwar l-OPC, Ġunju
  - laqgħa tattika, *Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji ta' Reati Fiskali*, Ottubru
  - laqgħa ta' tnedija tal-EJCN, Novembru

- L-Eurojust **ipproduċiet**:

  - *Moniters tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu* u analiżijiet ġudizzjarji *ad hoc*
  - Ir-raba' *rapport dwar il-Ġellieda Terroristi Barranin*
  - Sommarju tat-tielet *rapport dwar il-Ġellieda Terroristi Barranin*
  - *Manwal dwar is-CBRN-E*
  - *Moniters Ġudizzjarji taċ-Ċiberkriminalità* u analiżijiet ġudizzjarji *ad hoc*
  - Analiżi tal-ġurisprudenza nazzjonali dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali (ES, FR, IT)
  - Rapport tal-Eurojust u tal-EMCDDA, *'Sustanzi psikoattivi ġodda fl-Ewropa: il-leġiżlazzjoni u l-prosekuzzjoni – l-isfidi attwali u s-soluzzjonijiet'*
  - Linji gwida sabiex jiġi deċiż *'Liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi?'*

- L-Eurojust tospita tliet **Prosekuturi ta' Kollegament**, li ġejjin min-Norveġja, mill-Istati Uniti tal-Amerika u mill-Iżvizzera. Tingħata ħarsa lejn il-ħidma tal-Prosekutur ta' Kollegament Żvizzeru.

- L-Eurojust iffirmat **ftehimiet ta' kooperazzjoni** mal-Montenegro u mal-Ukrajna, kif ukoll **Memorandum ta' Qbil** mal-EUIPO. Il-ftehim mar-Repubblika tal-Moldova daħal fis-seħħ fil-21 ta' Ottubru.

- L-Eurojust estendiet in-**netwerk tagħha ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji fi Stati terzi** madwar id-dinja għal total ta' 41 Stat terz.

- Bil-għan li tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-Eurojust indirizzat id-diffikultajiet prattiċi u legali fil-qasam tal-**interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni**, **il-każijiet ta' frodi fiskali** u l-**Mandat ta' Arrest Ewropew** u ppubblikat il-linji gwida riveduti tagħha dwar il-kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

- Il-Kulleġġ adotta **struttura organizzazzjonali ġdida** għall-Amministrazzjoni.

- **Il-baġit tal-Eurojust** għall-2016 kien ta' EUR 43 539 miljun. L-implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 99.89 fil-mija.

*Xogħol fuq każijiet 2002 - 2016*




*Każijiet bilaterali/multilaterali 2012 - 2016*



*Każijiet bilaterali/multilaterali*




| | Bilaterali | Multilaterali |
|---|---|---|
| Coll | | 2 |
| BE | 35 | 16 |
| BG | 105 | 5 |
| CZ | 92 | 15 |
| DK | 71 | 9 |
| DE | 144 | 43 |
| EE | 32 | 9 |
| IE | 33 | 1 |
| EL | 121 | 5 |
| ES | 53 | 20 |
| FR | 78 | 42 |
| HR | 15 | 3 |
| IT | 131 | 48 |
| CY | 6 | 0 |
| LV | 44 | 9 |
| LT | 66 | 14 |
| LU | 15 | 0 |
| HU | 85 | 17 |
| MT | 14 | 6 |
| NL | 30 | 11 |
| AT | 136 | 16 |
| PL | 96 | 5 |
| PT | 69 | 7 |
| RO | 95 | 23 |
| SI | 117 | 15 |
| SK | 47 | 3 |
| FI | 38 | 4 |
| SE | 61 | 18 |
| UK | 91 | 20 |

*L-Istati Membri rikjedenti/rikjesti*




| | Rikjedenti | Rikjest |
|---|---|---|
| BE | 51 | 149 |
| BG | 110 | 97 |
| CZ | 107 | 94 |
| DK | 80 | 64 |
| DE | 187 | 339 |
| EE | 41 | 34 |
| IE | 34 | 53 |
| EL | 126 | 81 |
| ES | 73 | 223 |
| FR | 120 | 236 |
| HR | 18 | 56 |
| IT | 179 | 250 |
| CY | 6 | 71 |
| LV | 53 | 75 |
| LT | 80 | 68 |
| LU | 15 | 64 |
| HU | 102 | 109 |
| MT | 20 | 35 |
| NL | 41 | 193 |
| AT | 152 | 145 |
| PL | 101 | 164 |
| PT | 76 | 55 |
| RO | 118 | 151 |
| SI | 132 | 43 |
| SK | 50 | 83 |
| FI | 42 | 34 |
| SE | 79 | 64 |
| UK | 111 | 262 |



# L-Eurojust fuq il-post tax-xogħol

1

**Xiex?** L-Eurojust hija l-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, li twaqqfet fl-2002 sabiex tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fir-rigward ta' kriminalità transkonfinali serja, b'mod partikolari meta din tkun organizzata.

Fuq talba ta' Stat Membru, l-Eurojust tista' tassisti wkoll fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw Stat Membru u Stat Terz partikolari jekk ikun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Istat Terz jew jekk ikun hemm interess essenzjali fl-għoti ta' tali assistenza.

Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, l-Eurojust tista' tassisti wkoll fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw biss lil dak l-Istat Membru u lill-Komunità.

**Min?** Il-Kulleġġ tal-Eurojust huwa magħmul minn 28 Membru Nazzjonali, li huma prosekuturi u mħallfin issekondati minn kull Stat Membru. Il-Membri Nazzjonali huma bbażati fl-Eurojust f' The Hague. Ħafna mill-Membri Nazzjonali huma megħjuna minn Deputat u/jew Assistent. Barra minn hekk, bħalissa hemm Prosekuturi ta' Kollegament min-Norveġja, mill-Iżvizzera u mill-Istati Uniti tal-Amerika stazzjonati fl-Eurojust.

**Kif?** Ir-rwoli u s-setgħat ewlenin tal-Eurojust jinkludu r-rispons għat-talbiet għal assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri. Min-naħa tagħha, l-Eurojust tista' titlob lill-Istati Membri jwettqu l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi. Il-Membri Nazzjonali jwettqu l-mandat tal-Eurojust li tikkoordina l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali f'kull stadju tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni kriminali. L-Eurojust tiġġestixxi l-laqgħat tagħha dwar ix-xogħol fuq każijiet fuq tliet livelli (*ara* t-taqsimiet 1.2 u 1.3).

## Eurojust case cycle




** May also occur at different stages of the cycle*

# 1.1 Laqgħat tal-Eurojust fil-livell II

Il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni huma fundamentali għall-ħidma tal-Eurojust. Il-komunikazzjoni effettiva u f'waqtha, b'mod partikolari bejn l-Uffiċċji Nazzjonali li jiffunzjonaw bħala l-ħolqa mal-awtoritajiet nazzjonali, hija l-pedament tal-attivitajiet tal-Eurojust. Fuq il-proposta tal-Membru Nazzjonali li l-awtoritajiet nazzjonali tiegħu talbu għall-assistenza tal-Eurojust, il-Kulleġġ tal-Eurojust jiddeċiedi matul il-laqgħat operattivi tiegħu – l-hekk imsejħa **laqgħat fil-livell I** – dwar ir-reġistrazzjoni tal-każijiet, kif ukoll dwar l-għeluq tal-każijiet meta jkun intlaħaq l-għan tal-involviment tal-Eurojust.

Wara li każ jiġi aċċettat mill-Eurojust u sussegwentement jiġi rreġistrat, l-Uffiċċji Nazzjonali involuti jistgħu jitolbu għal laqgħa fil-livell II, jekk ikun hemm bżonn, għall-finijiet tal-koordinazzjoni tal-każ. **Il-laqgħat fil-livell II** huma laqgħat bejn il-Membri Nazzjonali u, jekk ikunu involuti, il-prosekuturi ta' kollegament ospitati fl-Eurojust. Huma jistgħu jiġu organizzati f'qasir żmien. Din il-flessibbiltà hija ta' valur kbir f'sitwazzjonijiet urġenti li jkunu jeħtieġu rispons malajr. L-Uffiċċju Nazzjonali li fetaħ il-każ jispjega d-dettalji tal-każ u l-materji legali u/jew prattiċi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja inkwistjoni, kif ukoll l-appoġġ meħtieġ minn Stati involuti oħrajn. Laqgħa fil-livell II tista' tkun biżżejjed sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-każ.

Il-laqgħat fil-livell II huma prerekwiżiti għall-organizzazzjoni tal-laqgħat fil-livell III, magħrufa wkoll bħala laqgħat ta' koordinazzjoni (*ara* t-taqsima 1.2), u juru t-tranżizzjoni mill-ħidma interna għal dik esterna. Jekk Uffiċċju Nazzjonali jkollu l-ħsieb li jorganizza laqgħa ta' koordinazzjoni, il-laqgħa fil-livell II tintuża sabiex huwa jivvaluta l-ħtieġa, l-iskop u l-objettivi ta' laqgħa ta' koordinazzjoni. Il-laqgħat fil-livell II jintużaw ukoll sabiex jintlaħaq qbil dwar il-modalitajiet, il-parteċipazzjoni esterna, il-kunfidenzjalità u l-obbligi ta' divulgazzjoni u l-kwistjonijiet tas-sigurtà relatati, kif ukoll l-użu tal-konferenzi bil-vidjo. Barra minn

**Kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni f'każ ta' IIS solvut f'laqgħa fil-livell II**

Wara l-mewta traġika ta' madwar 300 migrant fil-Baħar Mediterran f'Ġunju 2016, l-awtoritajiet Taljani bdew investigazzjoni kriminali dwar iċ-ċirkostanzi tan-nawfraġju li kkawża t-telf ta' ħajjiet. L-investigazzjoni wriet li waqt li kienu qegħdin jipprovaw jaslu sal-kosta Taljana f'dgħajsa tal-injam mgħobbija żżejjed, il-migranti nstabu mill-awtoritajiet Griegi, li talbu għall-assistenza ta' tanker taż-żejt Norveġiż, li kien qed ibaħħar fil-qrib tal-bastiment, sabiex isalva l-migranti. Qabel ma l-migranti setgħu jittellgħu abbord, il-bastiment tal-injam inqaleb. Minħabba l-kundizzjonijiet ta' baħar imqalleb, il-bastiment tal-migranti ħabat ripetutament mal-buq tat-tanker taż-żejt u għereq.

Il-każ ippreżenta xi kwistjonijiet ġurisdizzjonali li affettwaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani. In-nawfraġju seħħ fl-ibħra miftuħa u, b'hekk, barra mill-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet Taljani. It-tanker taż-żejt kien itajjar il-bandiera Norveġiża u l-kaptan tiegħu kien ċittadin Spanjol. Abbażi ta' dawn il-fatti, kemm in-Norveġja kif ukoll Spanja kellhom interess fil-każ.

Kuntrarju għal ħafna mill-każijiet preċedenti li fihom l-Eurojust intalbet tgħin sabiex jiġi ddeterminat liema ġurisdizzjoni kienet tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tinvestiga u twettaq proċedimenti kriminali, il-pekuljarità ta' dan il-każ kienet tikkonsisti fl-eżistenza possibbli ta' kunflitt negattiv ta' ġurisdizzjoni. Il-ġurisdizzjoni Taljana ġiet eskluża għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq u ma kienx ċar jekk allura l-ġurisdizzjoni prevalenti kinitx in-Norveġja jew Spanja. B'hekk, ir-riskju ffaċċjat kien li ebda waħda mill-ġurisdizzjonijiet li kienu qegħdin jittrattaw il-każ ma kienet tipprevali.

Sabiex jiġi evitat kunflitt possibbli ta' ġurisdizzjoni, l-Eurojust intalbet tgħin sabiex jiġi ddeterminat liema ġurisdizzjoni kienet tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tinvestiga u twettaq proċedimenti kriminali fil-każ. Waqt **laqgħa fil-livell II** li saret f'Lulju, organizzata mill-Membru Nazzjonali Taljan, il-Membru Nazzjonali Spanjol u l-Prosekutur ta' Kollegament Norveġiż waslu għal fehim komuni tal-kwistjonijiet ġurisdizzjonali involuti u qablu li javviċinaw lill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi b'soluzzjoni ppreferuta. Bħala riżultat tal-isforzi ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, l-awtoritajiet nazzjonali min-Norveġja, bħala l-Istat tal-bandiera, aċċettaw l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni primarja fil-każ abbażi tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar (il-Konvenzjoni tan-NU ffirmata f'Montego Bay) u, b'hekk, żguraw strateġija konġunta u approċċ komuni għall-proċedimenti kriminali.

hekk, il-parteċipanti f'laqgħa fil-livell II jistgħu jivvalutaw il-ħtieġa għal analiżi u kontribuzzjoni possibbli mill-Europol jew it-twaqqif u l-funzjonament ta' JIT. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma għodda għalja, u l-laqgħat fil-livell II jiżguraw li dawn il-laqgħat isiru biss jekk iġibu valur miżjud għar-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, uħud mil-laqgħat ta' koordinazzjoni jittrattaw aktar minn każ wieħed.

## 1.2 Laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Eurojust

L-iskop ta' laqgħa ta' koordinazzjoni, hekk imsejħa **laqgħa fil-livell III**, huwa li tistimola u tgħin sabiex jintlaħaq ftehim bejn l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-kooperazzjoni tagħhom u/jew il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet fil-livell nazzjonali, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-diffikultajiet prattiċi u legali li jirriżultaw mid-differenzi fost it-30 sistema legali eżistenti fl-Unjoni Ewropea.




Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma għodda operattiva li tintuża b'mod frekwenti. L-Eurojust torganizza medja ta' laqgħa ta' koordinazzjoni waħda kull jum tax-xogħol, b'għadd totali ta' 249 laqgħa fl-2016, li 31 minnhom saru barra l-bini tal-Eurojust, jew fl-Istati Membri (pereżempju, fil-Greċja, fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovenja) jew inkella fi Stati terzi (fil-Bożnija-Herzegovina u fl-Iżvizzera). Il-każijiet ittrattati indirizzaw prattikament l-oqsma kollha tal-kriminalità transkonfinali organizzata serja, bl-aktar komuni fosthom huma l-ħasil tal-flus, il-frodi u t-traffikar tad-droga. F'dawn il-249 laqgħa ta' koordinazzjoni, ġew ittrattati 288 każ. Fl-2016, l-Eurojust ospitat l-akbar laqgħa ta' koordinazzjoni tagħha, bi 93 parteċipant minn 23 Stat Membru u l-Europol.

Għal dawn il-laqgħat jattendu parteċipanti esterni, jiġifieri l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji nazzjonali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, jistgħu jiġu mistiedna rappreżentanti minn Stati terzi, kif ukoll uffiċjali minn imsieħba tal-kooperazzjoni bħall-Europol u l-OLAF u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-INTERPOL.

Servizz kruċjali pprovdut matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni huwa l-interpretar simultanju, li jippermetti lill-parteċipanti jikkomunikaw direttament mal-kontropartijiet tagħhom u jippreżentaw il-kwistjonijiet ta' koordinazzjoni ġudizzjarja li jinqalgħu fl-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjonijiet kriminali bil-lingwi tagħhom.

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni jintużaw sabiex jiffaċilitaw l-iskambju tal-informazzjoni, jidentifikaw u jimplimentaw mezzi u metodi li jappoġġjaw l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA jew miżuri koerċittivi (eż. mandati ta' tfittxija u mandati ta' arrest), jiffaċilitaw it-twaqqif possibbli u l-funzjonament ta'JIT, jikkoordinaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jkunu għaddejjin u jindividwalizzaw, jipprevjenu jew isolvu kunflitti ta' ġurisdizzjoni, kwistjonijiet relatati mal-prinċipju ta' *ne bis in idem* jew problemi evidenzjali jew legali oħrajn.

*Laqgħat ta' koordinazzjoni*




| | Organizzaturi* | Parteċipanti |
|---|---|---|
| BE | 9 | 36 |
| BG | 5 | 14 |
| CZ | 9 | 18 |
| DK | 4 | 11 |
| DE | 19 | 55 |
| EE | 7 | 4 |
| IE | 4 | 4 |
| EL | 7 | 12 |
| ES | 12 | 46 |
| FR | 42 | 33 |
| HR | 1 | 1 |
| IT | 22 | 37 |
| CY | 0 | 1 |
| LV | 2 | 12 |
| LT | 7 | 12 |
| LU | 0 | 3 |
| HU | 2 | 12 |
| MT | 0 | 2 |
| NL | 21 | 50 |
| AT | 7 | 15 |
| PL | 1 | 24 |
| PT | 2 | 13 |
| RO | 24 | 22 |
| SI | 11 | 6 |
| SK | 0 | 7 |
| FI | 3 | 11 |
| SE | 9 | 13 |
| UK | 24 | 48 |
| CH | 5 | 21 |
| NO | 0 | 10 |
| L-Istati Uniti tal-Amerka | 0 | 12 |

* Fl-2016, ġew organizzati b'mod konġunt 10 CMs minn żewġ pajjiżi. F'kull każ, iż-żewġ pajjiżi huma inklużi fil-ħarsa ġenerali bħala organizzaturi.

*L-Istati terzi, l-imsieħba tal-kooperazzjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-laqgħat ta' koordinazzjoni*



# 1.3 Ċentri ta' koordinazzjoni tal-Eurojust

Meta l-każijiet kumplessi jkunu jirrikjedu skambju f'ħin reali ta' informazzjoni u azzjonijiet multilaterali fuq skala kbira (eż. l-eżekuzzjoni ta' diversi mandati ta' arrest f'pajjiżi differenti), l-Eurojust tista' tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati billi twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni fil-bini tagħha. Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni huma maħsuba biex iservu bħala ċentru ewlieni għall-iskambju f'ħin reali ta' informazzjoni, kif ukoll għall-koordinazzjoni tal-eżekuzzjoni konġunta ta' miżuri ġudizzjarji u ta' infurzar tal-liġi f'pajjiżi differenti (sekwestri, arresti, tfittxijiet fi djar/kumpaniji, ordnijiet ta' ffriżar u intervisti max-xhieda).




Fiċ-ċentri ta' koordinazzjoni, l-awtoritajiet parteċipanti kollha huma marbuta ma' xulxin il-ħin kollu, permezz ta' linji telefoniċi u kompjuters iddedikati, u l-informazzjoni tingħadda malajr minn awtorità waħda għal oħra permezz tal-Eurojust. L-eżekuzzjoni konġunta tal-miżuri tiġi ssorveljata u kkoordinata b'mod kostanti bil-għan li jiġu antiċipati u riżolti kwalunkwe ostakoli ġudizzjarji jew operattivi li jistgħu jħallu impatt fuq is-suċċess tal-operazzjoni.

Barra minn hekk, qabel ċentru ta' koordinazzjoni, l-Eurojust ġeneralment tipprovdi lill-awtoritajiet parteċipanti kollha

*Ċentri ta' koordinazzjoni*



b'ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni rilevanti dwar il-miri kollha soġġetti għall-azzjonijiet konġunti, inklużi n-numri tat-telefon, il-lokazzjonijiet u l-kontijiet bankarji tagħhom, jekk applikabbli.

Sebgħa minn fost l-għaxar ċentri ta' koordinazzjoni li ġew organizzati fl-2016 ittrattaw primarjament il-kriminalità finanzjarja (eż. frodi u ħasil tal-flus). F'erba' okkażjonijiet, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni ttrattaw każijiet li għalihom twaqqaf JIT.

## 1.4 L-Eurojust u l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti

L-Eurojust għandha rwol prominenti f'dan il-qasam, kemm billi tipprovdi l-appoġġ rilevanti lill-JIT, kif ukoll billi tagħti pariri lill-prattikanti, bħala ċentru ta' għarfien espert legali u ġudizzjarju. Fl-2016, ġew appoġġjati 148 JIT mill-Eurojust, li 69 minnhom kienu għadhom kif ġew ifformati.Wara d-dħul fis-seħħ fl-Italja f'Marzu 2016 tal-liġi li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/JHA, l-Eurojust assistiet lill-awtoritajiet nazzjonali fi tmien JITsstabbiliti ġodda li jinvolvu lill-Italja. L-Eurojust appoġġjat ukoll 14-il JIT li jinvolvu Stati terzi, li tlieta minnhom twaqqfu fl-2016 (il-Bożnija-Herzegovina (2), il-Moldova (2), in-Norveġja (3), is-Serbja (3), l-Iżvizzera (2), l-Istati Uniti tal-Amerika (1) u l-Ukrajna, l-Awstralja u l-Malasja (li pparteċipaw b'mod konġunt f'JIT wieħed)).




Fil-kuntest tal-għadd bla preċedent ta' migranti li daħlu fl-Unjoni Ewropea riċentament u l-involviment dejjem jikber tal-OCGs f'IIS relatata ma' din il-kriżi, l-Eurojust iffaċilitat id-diskussjonijiet mal-prattikanti sabiex flimkien jidentifikaw l-isfidi prattiċi u legali, jikkondividu l-aqwa prattika u jtejbu l-użu tal-JIT. Hdax-il JITittrattaw l-IIS, li ħamsa minnhom ġew ifformati riċentament u waħda minnhom kienet tinvolvi lis-Serbja.

Waqt il-laqgħa tattika dwar l-isfidi ġudizzjarji fl-IIS u waqt it-12-il laqgħa annwali tal-esperti tal-JITs, ġew diskussi l-isfidi u l-opportunitajiet ipprovduti mill-JITs f'każijiet ta' IIS, inkluża strateġija possibbli li tippermetti lill-prattikanti jibdew investigazzjonijiet transkonfinali u jagħmlu użu aktar proattiv mill-JITs sabiex iżarmaw in-netwerks tal-kuntrabandu. Ġie enfasizzat il-valur miżjud tal-involviment tal-Istati terzi fil-JITs. Sabiex jiffaċilitaw dan l-involviment, l-Eurojust u n-Netwerk tal-JITs żviluppaw għodda li tidentifika - għal kull Stat terz - il-bażi ġuridika applikabbli sabiex jiġu stabbiliti l-JITs u l-esperjenza prattika tal-pajjiż ikkonċernat f'dan il-qasam. L-għodda, li ġiet introdotta waqt il-laqgħa annwali u li hija disponibbli fil-qasam ristrett għan-Netwerk tal-JITs, ser tiġi aġġornata regolarment.

Ir-rispons dwar il-benefiċċji tal-JITs għall-Istati terzi ngħabar matul l-evalwazzjoni tal-JITs. F'JIT stabbilit bejn il-Bożnija-Herzegovina u Franza f'każ ta' THB (*ara* r-Rapport Annwali tal-Eurojust 2015, p. 51), il-JIT instab li huwa l-aktar mod effiċjenti sabiex jirrispondi b'mod adegwat għall-mobbiltà tal-membri tal-organizzazzjoni kriminali, sabiex iwettaq operazzjoni kkoordinata f'perjodu ta' żmien qasir u sabiex jiffaċilita approċċ konġunt għall-appoġġ mogħti lill-vittmi.

Fl-2016, il-JIT stabbilit bejn in-Netherlands, il-Belġju, l-Ukrajna, l-Awstralja u l-Malasja fir-rigward tat-tiġrif tat-Titjira MH17 fis-17 ta' Lulju 2014 (*ara* r-Rapport Annwali tal-Eurojust 2014, p. 22) wassal għal żvilupp importanti bil-preżentazzjoni tal-ewwel riżultati tal-investigazzjoni. Il-każ ibbenifika mill-flessibbiltà u l-ħeffa tal-iskambju ta' informazzjoni ffaċilitat mill-JIT. F'investigazzjoni kumplessa u ta' profil għoli bħal din – fejn huwa diffiċli li tiġi mbassra d-direzzjoni tal-investigazzjoni – l-użu ta' MLA ser ikun estremament ta' piż u mhux prattiku. Fil-prattika, l-JIT iffaċilita il-parteċipazzjoni tal-membri ssekondati (uffiċjali Olandiżi u Awstraljani), li pparteċipaw fl-intervisti max-xhieda

*JITs appoġġjati mill-Eurojust, inklużi t-tipi ta' reati ewlenin*




*JITs iffinanzjati għal kull Stat Membru*






fl-Ukrajna u fl-analiżi tal-evidenza, li parti sinifikanti minnha kienet tinsab ukoll fl-Ukrajna. Il-fiduċja mibnija permezz tal-JIT iffaċilitat approċċ komuni għall-vittmi, li kien ikkoordinat mill-awtoritajiet Olandiżi. Wara l-fażi ta' twaqqif, il-JIT opera b'mod awtonomu u rċieva finanzjament permezz tal-Eurojust, li ffaċilita il-laqgħat u l-komunikazzjoni mal-awtoritajiet Ukreni.

L-estensjoni tal-JIT għal Stati terzi ttieħdet f'kunsiderazzjoni meta ġew riveduti l-għodod prattiċi żviluppati sabiex jappoġġjaw l-użu tal-JITs mill-prattikanti: il-ftehim tal-mudell tal-JITs u l-Gwida Prattika tal-JITs. Il-ftehim tal-mudell il-ġdid ma għadux ibbażat esklussivament fuq l-istrumenti legali tal-UE, jinkorpora bażijiet ġuridiċi oħrajn tal-JIT u għandu jiffaċilita t-twaqqif ta' JIT ma' Stati terzi. Huwa ser jikkontribwixxi sabiex jitħaffef l-abbozzar tal-ftehimiet futuri. Il-Gwida Prattika tal-JITs tfasslet sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-JITs mill-prattikanti, b'mod partikolari minn Stati terzi.

## *L-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust għall-operazzjonijiet tal-JIT*

L-użu akbar tal-JITs huwa rifless fit-tkabbir fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju li rċeviet l-Eurojust: ġew ipproċessati 180 applikazzjoni għal finanzjament mis-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs (144 applikazzjoni fl-2015). L-għadd ta' applikazzjonijiet riċevuti minn JITs li jinvolvu Stati terzi (18) huwa konsistenti ma' din ix-xejra 'l fuq (13-il applikazzjoni fl-2015). Ingħataw ħmistax-il għotja, li ffinanzjaw disa' JITs u li jinvolvu lis-Serbja (2), l-Iżvizzera (2), in-Norveġja (2), il-Moldova (1), il-Bożnija-Herzegovina (1) u l-Ukrajna, l-Awstralja u l-Malasja (li pparteċipaw flimkien f'JIT wieħed). B'kollox, ġie pprovdut appoġġ finanzjarju lil 90 JIT (68 fl-2015). 58 minn dawn kienu ffinanzjati għall-ewwel darba matul is-sena.

Il-proċessi tal-għotjiet tal-JITs ġew riveduti sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet operattivi u jtejbu l-effiċjenza u ġew implimentati l-miżuri li ġejjin:

- l-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' kostijiet (trasferiment transkonfinali ta' evidenza/oġġetti ssekwestrati);
- l-estensjoni tal-appoġġ finanzjarju lil persuni li jikkontribwixxu għall-attivitajiet operattivi transkonfinali tal-JIT mingħajr ma jinħatru b'mod formali bħala membri (eż. interpreti, esperti forensiċi, eċċ.);
- l-introduzzjoni ta' kostijiet unitarji għal kategorija waħda (ivvjaġġar u akkomodazzjoni) sabiex jitħaffef ir-rimborż;
- l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet differenzjati tal-baġit sabiex tinkiseb flessibbiltà fl-użu u l-użu mill-ġdid tal-fondi rilaxxati; u
- is-simplifikazzjoni fir-rigward tad-dokumenti ta' sostenn għar-rimborż.

Is-sit web tagħna joffri infografika u gwida dwar il-finanzjament tal-JITs, disponibbli b'ħafna mil-lingwi uffiċjali tal-UE, bil-għan li jgħinu lill-prattikanti tal-jinnavigaw fil-proċess tal-finanzjament.

### Is-Serbja tipparteċipa f'JIT li jittratta l-falsifikazzjoni tal-muniti

Investigazzjoni Ċeka dwar każ li jinvolvi karti tal-flus tal-euro u tad-dollaru Amerikan foloz żvelat OCG magħmul primarjament minn ċittadini Serbi, li huma involuti wkoll fit-traffikar tad-droga. L-OCG offra ammonti kbar ta' karti tal-flus foloz għall-bejgħ, primarjament fi Praga. L-investigaturi sabu ħanut tal-istampar qrib Belgrad, is-Serbja. L-organizzatur ewlieni kien maħsub li aġixxa bħala kollegament bejn l-awturi fi Stati Membri oħrajn. Għat-trasportazzjoni tan-noti tal-flus foloz, l-OCG uża kompartimenti sigrieti fit-trakkijiet. In-noti tal-flus ġew offruti għal 15-20 fil-mija tal-valur nominali lil klijenti regolari u għal 30 fil-mija tal-prezz attwali lil oħrajn.

F'Diċembru 2014 bdiet kooperazzjoni intensiva tal-pulizija bejn ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, l-Awstrija, is-Serbja u l-Europol. L-Europol ikkonferma li nstabu karti tal-flus foloz bl-istess numri tas-serje mhux biss fir-Repubblika Ċeka, iżda wkoll fl-Awstrija, fl-Ungerija, fil-Ġermanja, fir-Repubblika Slovakka, fis-Slovenja, fir-Rumanija, fil-Kroazja u fil-Latvja, kif ukoll fl-Istati Uniti tal-Amerika. Il-karti tal-flus foloz kollha li ġew issekwestrati kienu ta' kwalità tajba ħafna.

Fil-bidu tal-2015, l-Eurojust intalbet tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja fost l-awtoritajiet nazzjonali tar-Repubblika Ċeka, tal-Awstrija, tal-Ungerija, tas-Serbja u tar-Repubblika Slovakka u tipprovdi assistenza fit-twaqqif ta' JIT. Bħala riżultat ta' laqgħa ta' koordinazzjoni li saret f'Marzu, id-delegazzjonijiet tar-Repubblika Ċeka u tas-Serbja qablu li jistabbilixxu JIT u li japplikaw għal finanzjament permezz tal-Eurojust. Minħabba li ma nbdiet ebda investigazzjoni fir-Repubblika Slovakka u fl-Ungerija, u minħabba li l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu għadhom fi stadju bikri ħafna fl-investigazzjoni tagħhom, dawn l-Istati Membri ma ssieħbux fil-JIT, iżda offrew l-appoġġ tagħhom. Abbażi ta' talba għal MLA, l-Ungerija kkooperat mal-awtoritajiet Ċeki fuq operazzjoni moħbija, fejn aġent sigriet xtara dollari foloz mingħand waħda mill-persuni suspettati fl-Ungerija.

L-Eurojust kellha rwol importanti fit-twaqqif ta' kuntatti bejn l-awtoritajiet Ċeki u Serbi u fil-bini ta' fiduċja fosthom. Fil-bidu, il-partijiet ħadu approċċ kawt u l-iskambju ta' informazzjoni kien miexi bil-mod. Il-laqgħat tal-JIT u t-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni kkontribwixxew għal titjib rapidu fir-relazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u għal kooperazzjoni b'suċċess mal-JIT. Uffiċjal ta' kollegament tal-pulizija Ċeka fis-Serbja ppparteċipa b'mod attiv fil-laqgħat kollha u għen sabiex jingħeleb l-ostakolu tal-lingwa. Il-ħidma fil-qafas tal-JIT iffaċilitat bil-kbir l-isforzi taż-żewġ partijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambju u l-iżgurar tal-ammissibbiltà tal-evidenza. L-evidenza miġbura fis-Serbja, inklużi r-riżultati ta' tfittxija f'dar u data tal-marki tas-swaba', eċċ., ġew mgħoddija malajr lill-awtoritajiet Ċeki.

Minkejja l-kooperazzjoni tajba, il-partijiet tal-JIT iffaċċjaw xi sfidi legali fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-evidenza. Fir-rigward tar-rekords tal-pulizija li jirrigwardjaw l-attivitajiet ta' aġent sigriet, għall-ewwel il-qorti Ċeka kienet prudenti, minħabba li l-provokazzjoni mill-pulizija hija illegali fir-Repubblika Ċeka. Eventwalment, il-qorti qieset din l-evidenza bħala ammissibbli, flimkien mar-rekords tas-sorveljanza tal-persuni suspettati fis-Serbja li kienu ġew skambjati fil-qafas tal-JIT.

Kwistjoni oħra li tqajmet kienet li kien skedat li waħda mill-persuni li ġew arrestati fis-Serbja tinstema' bħala xhud fil-proċedimenti Ċeki, iżda hija kienet meqjusa bħala persuna suspettata fis-Serbja. Il-fatt li l-persuna eventwalment instemgħet bħala persuna suspettata ħoloq ostakolu legali u x-xhieda tagħha ġiet iddikjarata bħala inammissibbli quddiem il-qorti Ċeka. Fortunatament, kien hemm ammont suffiċjenti ta' evidenza oħra disponibbli sabiex tiġi żgurata kundanna.

L-arrest ta' żewġ persuni suspettati u s-sekwestru ta' USD 130 000 f'karti ta' flus foloz seħħew fir-Repubblika Ċeka f'Settembru 2015. Fis-Serbja, ġew arrestati seba' persuni oħrajn u saret tfittxija f'dar. Ġie skopert ħanut tal-istampar mgħammar kompletament, inklużi USD 33 000 f'karti ta' flus foloz lesti għad-distribuzzjoni, karti tal-flus oħrajn fi stat ta' tħejjija u ħażniet ta' materjali meħtieġa għall-falsifikazzjoni. Iż-żewġ persuni suspettati fir-Repubblika Ċeka tressqu quddiem il-qorti. F'Settembru 2016, kull persuna ġiet ikkundannata għal 8 snin u nofs priġunerija. Sal-aħħar tal-2016, is-sentenza Ċeka kienet għadha ma saritx finali. Fis-Serbja, il-każ kontra xi membri tal-OCG kien wasal fl-istadju tal-proċess.

# 1.5 Il-Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-Eurojust

L-Eurojust ħadmet sabiex iżżid il-funzjonalità u l-operabbiltà tas-CMS, id-database interna li taħżen u tipproċessa informazzjoni relatata mal-każijiet, kif ukoll tiffaċilita l-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Ġew rilaxxati żewġ verżjonijiet aġġornati tas-CMS, bil-għan li tiżdied il-veloċità tal-ipproċessar tad-data u titwaqqaf sistema ta' ġestjoni tal-posta elettronika li tippermetti lill-utenti jimportaw jew jgħaqqdu kwantitajiet kbar ta' ittri elettroniċi mill-kaxxi postali komuni tas-CMS tal-Uffiċċji Nazzjonali fis-CMS.

L-Eurojust immonitorjat il-fluss tan-notifiki li rċeviet mingħand l-Istati Membri skont l-Artikolu 13(5) sa (7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust. Wara li kkonsulta mal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust, il-Kulleġġ approva verżjoni mtejba tal-formola tal-Artikolu 13. Il-formola ġiet ristrutturata sabiex l-użu tagħha jsir aktar sempliċi għall-Istati Membri, filwaqt li tista' tiġi importata direttament fis-CMS.

Sar progress fuq l-istabbiliment ta' konnessjonijiet tan-netwerk mat-28 Stat Membru bil-għan li tittejjeb is-sigurtà ġenerali fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Eurojust u l-Istati Membri. Il-konnessjoni tan-netwerk sigura mal-Awstrija bdiet taħdem, bit-total issa jitla' għal 14 (BE, BG, CZ, ES, LV, LU, HU, NL, PL, RO, SI, FI, SE).

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jikkonnettjaw lill-membri tal-ENCSs fl-Istati Membri mas-CMS twaqqfu temporanjament minħabba limitazzjonijiet finanzjarji. Ġew żviluppati approċċi ġodda sabiex tiżdied il-kapaċità tal-Eurojust li żżomm għarfien strateġiku u operazzjonali: il-Formola ta' Informazzjoni dwar il-Każijiet għall-ġbir ta' informazzjoni kwalitattiva, minbarra data personali, dwar każijiet tal-Eurojust, it-tfittxija għal mudelli, l-aqwa prattika u l-lezzjonijiet mitgħallma, u l-Interfaċċja tal-Ġestjoni tal-Għarfien, li tiċċentralizza informazzjoni strateġika, bħal rapporti tax-xogħol fuq każijiet dwar l-applikazzjoni tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u oqsma prijoritarji ta' kriminalità, illustrazzjonijiet tal-każijiet u r-riżultati tal-laqgħat tal-Eurojust.

### *Fiches Suédoises*

Sa issa, l-ENCS hija stabbilita f'25 Stat Membru. Il-*Fiches Suédoises* jipprovdu: (1) ħarsa ġenerali lejn l-istruttura u l-funzjonament tal-ENCS fl-Istati Membri, u (2) ġabra ta' linji gwida nazzjonali li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, għall-finijiet tat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni mill-Istati Membri lill-Eurojust u d-distribuzzjoni tal-każijiet bejn l-Eurojust u l-EJN. Sabiex tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tal-prattikanti, fl-2016 l-Eurojust żviluppat mudell ġdid li jiddeskrivi b'mod sħiħ kull ENCS nazzjonali. Barra minn hekk, il-*Fiches* ġodda jinkludu taqsima speċifika dwar l-esperjenza nazzjonali u l-aqwa prattika, għall-informazzjoni tal-Istati Membri kollha. Il-*Fiches* jiġu aġġornati regolarment u huma disponibbli għall-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust fiż-żona ristretta tal-Eurojust.

*Każijiet skont l-Artikolu 13*




| Artikolu 13 | | Nru. ta' każijiet* |
|---|---|---|
| Artikolu 13(5) | SIK | 18 |
| Artikolu 13(6)(a) | Reati serji | 64 |
| Artikolu 13(6)(b) | Involviment ta' organizzazzjoni kriminali | 19 |
| Artikolu 13(6)(c) | Riperkussjonijiet fil-livell tal-UE | 9 |
| Artikolu 13(7)(a) | Kunflitti ta' ġurisdizzjoni | 38 |
| Artikolu 13(7)(b) | Kunsinni kkontrollati | 21 |
| Artikolu 13(7)(c) | Diffikultajiet ripetuti fl-eżekuzzjoni ta' rikjesti | 7 |

* In-numru totali ta' każijiet ta' Eurojust li taħthom ġew sottomessi notifiki taħt l-Artikolu 13.

## 28 Eurojust National Coordination Systems



# 2016

## kronoloġija



**It-2 ta' Ġunju The Hague**
*Seminar strateġiku dwar* Keys to cyberspace
*taħt il-Presidenza Olandiża tal-UE*



**It-3 ta' Ġunju The Hague**
*Forum Konsultattiv Konġunt*
*taħt il-Presidenza Slovakka u l-Presidenza Olandiża*

**Is-7-9 ta' Ġunju Amsterdam/The Hague**
*Is-46 laqgħa plenarja tal-EJN u sessjoni ta' ħidma*
*mal- fiċċji Nazzjonali tal-Eurojust*



**Il-11-15 ta' April The Hague**
*Żjara ta' studju tal-EJTN*



**Il-15-16 ta' Ġunju The Hague**
*It-12-il laqgħa annwali tal-esperti nazzjonali tal-JIT*

| JANNAR | FRAR | MARZU | APRIL | MEJJU | ĠUNJU |
|---|---|---|---|---|---|



**L-4-5 ta' Frar The Hague**
*Laqgħa tattika dwar* L-isfidi ġudizzjarji li jirriżultaw mill-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali



**It-3 ta' Mejju Brussell**
*L-Eurojust u l-Montenegro*
*jiffirmaw Ftehim ta' Kooperazzjoni*



**It-23 ta' Mejju The Hague**
*L-ewwel Jum tal-UE*
*Kontra l-Impunità għad-delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra*

**L-24-25 ta' Mejju The Hague**
*L-20 laqgħa*
*tan-Netwerk Ewropew għall-Ġenoċidji*

**It-22-23 ta' Ġunju The Hague**
*Laqgħa tattika dwar* Il-bini ta' rispons ġudizzjarju effettiv għall-ġellieda terroristi barranin



**Is-27 ta' Ġunju The Hague**
*L-Eurojust u l-Ukrajna*
*jiffirmaw Ftehim ta' Kooperazzjoni*

**Id-29-30 ta' Ġunju The Hague**
*Laqgħa tal-EMPACT dwar*
Il-kriminalità organizzata tal-proprjetà



**Il-11 ta' Ottubru The Hague**
*Sir Julian King, Kummissarju tal-UE għall-Unjoni tas-Sigurtà, iżur l-Eurojust*



**It-12-13 ta' Ottubru The Hague**
*Il-21 laqgħa tan-Netwerk Ewropew għall-Ġenoċidji*



**Id-9 ta' Novembru The Hague**
*Is-Sur Klaus Meyer-Cabri jiġi elett Viċi President tal-Eurojust*



**It-28 ta' Ottubru The Hague**
*Laqgħa tal-Presidenza Slovakka dwar*
Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ta' reati fiskali



**Il-21-23 ta' Novembru Bratislava**
*Is-47 laqgħa plenarja tal-EJN*

**It-12 ta' Lulju The Hague**
*L-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea jiffirmaw Memorandum ta' Qbil*

LULJU | AWWISSU | SETTEMBRU | OTTUBRU | NOVEMBRU | DIĊEMBRU



**L-1 ta' Settembru The Hague**
*Is-Sa. Hilde Stoltenberg tiġi ssekondata għall-Eurojust bħala Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja*



**L-24 ta' Novembru The Hague**
*Laqgħa tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità*



**It-13 ta' Diċembru The Hague**
*Is-Sur Ladislav Hamran jiġi elett mill-ġdid Viċi President tal-Eurojust*



**It-30 ta' Novembru The Hague**
*Addiju lill-bini tal-Eurojust*



# Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust

2

## 2.1 Introduzzjoni

Il-fokus operattiv tal-Eurojust huwa allinjat mal-prijoritajiet tal-Aġendi Ewropej dwar is-Sigurtà u l-Migrazzjoni, adottati mill-Kummissjoni Ewropea fl-2015. L-Aġenda dwar is-Sigurtà tidentifika t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata bħala prijoritajiet għall-perjodu 2015-2020, minħabba t-theddida dejjem tikber li joħolqu, kif ukoll id-dimensjoni transkonfinali tagħhom. L-Aġenda dwar il-Migrazzjoni titlob għal azzjoni immedjata sabiex jiżżarmaw in-netwerks ta' kuntrabandu kriminali. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti 2015-2020 jistabbilixxi l-azzjonijiet speċifiċi li huma meħtieġa sabiex jiġu implimentati ż-żewġ aġendi.

Ir-rwol tal-Eurojust fil-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-koordinazzjoni huwa vitali sabiex jiżżarmaw l-OCGs, jiġu segwiti l-aspetti finanzjarji tal-kriminalità, jingħelbu l-kwistjonijiet ta' ġurisdizzjonijiet multipli u tinġabar evidenza ammissibbli sabiex l-awturi jitressqu quddiem il-ġustizzja. L-Eurojust tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-aġendi tal-UE u żiedet l-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata, inklużi IIS u THB. L-appoġġ operattiv ipprovdut jinkludi l-analiżi ta' kwistjonijiet legali, l-iżvilupp tal-aqwa prattika, il-kooperazzjoni ma' Stati terzi u mal-imsieħba tal-UE u l-ħidma mill-qrib ma' netwerks speċjalizzati ta' esperti ġudizzjarji.

Fl-2016, it-theddida emerġenti maħluqa miċ-ċiberkriminalità ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016 dwar it-twaqqif tal-EJCN. Dan in-netwerk ta' prosekuturi u mħallfin speċjalizzati għandu r-responsabbiltà li jindirizza l-isfidi maħluqa miċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità ċibernetika u l-investigazzjonijiet fiċ-ċiberspazju, kif ukoll l-ostakoli għall-iżgurar u l-kisba b'mod effettiv tal-evidenza elettronika. F'konformità mal-aspettattivi tal-Kunsill, l-Eurojust tipprovdi appoġġ lin-netwerk sabiex ikun jista' jilħaq l-objettivi tiegħu.

*Tipi ta' reati prijoritarji tal-Eurojust*




| Reat prijoritarju | Każijiet | | | Laqgħat ta' koordinazzjoni | | | JITs | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2014 | 2015 | 2016 | 2014 | 2015 | 2016 | 2014 | 2015 | 2016 |
| Terroriżmu | 14 | 41 | 67 | 4 | 15 | 18 | 2 | 3 | 4 |
| Ċiberkriminalità | 42 | 62 | 60 | 15 | 19 | 13 | 6 | 11 | 8 |
| IIS | 32 | 60 | 65 | 10 | 20 | 12 | 9 | 9 | 11 |
| THB | 71 | 79 | 93 | 12 | 32 | 33 | 18 | 21 | 32 |
| Frodi | 560 | 647 | 654 | 60 | 76 | 44 | 32 | 34 | 35 |
| Korruzzjoni | 55 | 90 | 74 | 9 | 10 | 15 | 4 | 4 | 2 |
| Traffikar tad-droga | 283 | 274 | 254 | 52 | 57 | 41 | 31 | 25 | 24 |
| MOCG | 128 | 201 | 199 | 13 | 21 | 19 | 13 | 13 | 12 |
| Reati ta' PIF | 70 | 69 | 41 | 7 | 11 | 11 | 2 | 5 | 5 |
| Reat mhux prijoritarju | | | | | | | | | |
| Ħasil tal-flus | 220 | 283 | 295 | 41 | 55 | 67 | 24 | 30 | 35 |
| Reat ambjentali | 5 | 5 | 6 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 |

Il-prijoritajiet operattivi tal-Eurojust jirriflettu sostanzjalment il-prijoritajiet tal-Kunsill għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata bejn l-2014 u l-2017. Bħala organizzazzjoni xprunata mid-domanda u mill-avvenimenti, il-prijoritajiet tal-Eurojust jinkludu wkoll il-korruzzjoni u t-terroriżmu.

### 2.1.1 It-terroriżmu

Is-sekwenza faħxija tal-attakki terroristiċi fatali fl-Ewropa enfasizzat il-ħtieġa li l-Istati Membri jiġġieldu t-terroriżmu b'mod ikkoordinat sabiex jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'suċċess u titrawwem kooperazzjoni ġudizzjarja. Ġew osservati l-livell dejjem jikber ta' fiduċja tal-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Eurojust u l-ħtieġa akbar għall-appoġġ tagħha fil-każijiet ta' terroriżmu.

Is-sena li għaddiet rat żieda bi kważi ħames darbiet fin-numru ta' każijiet ta' terroriżmu li ġew riferuti lill-Eurojust għall-assistenza mill-2014, kif ukoll progress sinifikanti fl-iskambju ta' informazzjoni mal-Eurojust dwar reati terroristiċi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA. L-Eurojust appoġġjat 67 każ ta' terroriżmu, inklużi l-attakki terroristiċi fi Brussell, imqabbla ma' 14-il każ fl-2014, u organizzat 18-il laqgħa ta' koordinazzjoni u appoġġjat erba' JIT, li waħda minnhom ġiet stabbilita riċentament.

Intbagħtet informazzjoni lill-Eurojust dwar prosekuzzjonijiet relatati mat-terroriżmu f'133 okkażjoni, imqabbla ma' 30 fl-2014, filwaqt li ntbagħtet ukoll informazzjoni dwar proċedimenti tal-qorti konklużi 275 darba, imqabbla ma' 180 fl-2014. L-iskambju ta' informazzjoni relatata mat-terroriżmu mal-Eurojust kien prominenti fuq l-aġenda politika, u huwa mistenni skambju sistematiku u aktar f'waqtu.

L-Eurojust kompliet tipproduċi l-*Moniter tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu* tagħha u analiżijiet ġudizzjarji *ad hoc* tal-kundanni ewlenin tat-terroriżmu bil-għan li xxerred lill-prattikanti l-aqwa prattika, kwistjonijiet legali kumplessi u diversi, is-sejbiet u l-argumenti tal-qrati, l-iżviluppi leġiżlattivi fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll elementi kritiċi, bħal tekniki ta' reklutaġġ ġodda u indikaturi bikrija tar-radikalizzazzjoni.

Waħda mid-deċiżjonijiet notevoli tal-qorti li ġew analizzati kienet tikkonċerna l-Operazzjoni CESTO, inizjattiva importanti tal-awtoritajiet Spanjoli li timmira għal netwerk ta' faċilitazzjoni u reklutaġġ li bagħat l-FTFs lejn is-Sirja. L-analiżi ġudizzjarja (dokument tal-Eurojust b'distribuzzjoni limitata) ġabret fil-qosor il-ħafna sfidi legali li ġew iffaċċjati, inkluż l-użu ta' rapporti ta' intelligence fi proċedimenti kriminali u d-diffikultajiet sabiex tiġi stabbilita n-natura terroristika ta' grupp. L-analiżi serviet bħala sors ta' ispirazzjoni fil-bini ta' każijiet ta' prosekuzzjoni ta' suċċess fl-Istati Membri.

***Moniter tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu***

It-TCM huwa dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat, li jitqassam lill-prosekuturi u lill-imħallfin li jittrattaw każijiet relatati mat-terroriżmu u li ilu jiġi ppubblikat regolarment mill-2008. Huwa jagħti ħarsa ġenerali lejn kundanni u liberazzjonijiet relatati mat-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea kollha, kif ukoll aġġornamenti legali u analiżi ġudizzjarja tas-sentenzi rilevanti.

It-TCM huwa bbażat fuq informazzjoni ta' sors miftuħ u informazzjoni dwar kundanni għal reati terroristiċi pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA. Il-kapitoli analitiċi tal-ħarġiet prodotti fl-2016 kienu jinkludu analiżi tas-sentenzi mogħtija mill-qrati fil-Belġju, fid-Danimarka, fi Franza, fl-Isvezja u fl-Iżvizzera dwar l-FTFs u n-netwerks għar-reklutaġġ ta' terroristi.

Kif mitluba mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-2015 dwar it-titjib tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, l-Eurojust immonitorjat il-kundanni tat-terroriżmu bil-għan li tirrikonoxxi jekk l-alternattivi għall-programmi ta' rijabilitazzjoni u priġunerija humiex imposti mill-qrati. Hija rawmet l-iskambju ta' prattika nazzjonali u l-lezzjonijiet mitgħallma, b'mod partikolari fir-rigward tal-għodod għall-valutazzjoni tar-riskji użati mill-imħallfin u mill-prosekuturi sabiex jivvalutaw il-livell ta' theddid maħluq mill-FTFs, kif ukoll il-programmi ta' deradikalizzazzjoni.

F'Novembru, l-Eurojust tat ħarsa lejn il-ħidma u s-sejbiet tagħha waqt is-seduta ta' smigħ tal-Kumitat LIBE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni.

Fl-2016, l-analiżi mill-Eurojust tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għall-fenomenu tal-FTF iffokat fuq kwistjonijiet speċifiċi: (i) is-setgħat speċjali u ta' emerġenza applikabbli f'każ ta' attakki terroristiċi; (ii) l-ammissibbiltà ta' intelligence (barranija) bħala evidenza fi proċedimenti kriminali; (iii) id-deradikalizzazzjoni u l-alternattivi għall-prosekuzzjoni u d-detenzjoni; u (iv) ir-rabtiet bejn it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

Waqt il-laqgħa tattika dwar *Il-bini ta' rispons ġudizzjarju effettiv għall-fenomenu ta' FTF* mal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu – inklużi prosekuturi speċjalizzati kontra t-terroriżmu mill-Iżvizzera, min-Norveġja, mill-Istati Uniti tal-Amerika,

mit-Turkija, mill-Montenegro, mill-Albanija, mis-Serbja u mill-Bożnija-Herzegovina, kif ukoll il-Koordinatur tal-UE Kontra t-Terroriżmu, il-kap tal-ECTC u d-Direttur taċ-Ċentru ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE – ġew skambjati esperjenzi operattivi, li jindirizzaw suġġetti bħan-netwerks ta' reklutaġġ, ir-rabtiet transkonfinali u l-atti preparatorji għat-terroriżmu.

Ir-raba' rapport dwar l-FTF (ikklassifikat bħala Ristrett għall-UE), maħruġ f'Diċembru, ġabar flimkien is-sejbiet rilevanti kollha tal-Eurojust matul is-sena, il-fehmiet tagħha dwar ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għall-fenomenu tal-FTF, l-iżviluppi leġiżlattivi fl-Istati Membri u għadd ta' rakkomandazzjonijiet għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri u azzjonijiet ta' segwitu għall-Eurojust.

L-Eurojust ipproduċiet ukoll sommarju tas-sejbiet ewlenin tar-rapport dwar l-FTF 2015, li ġie ippubblikat fl-2016 bħala dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat. Wara r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti dwar l-FTF 2014 u 2015 għal aġġornament tal-qafas legali tal-UE li jindirizza t-terroriżmu, u abbażi tal-esperjenza operattiva tagħha, f'April, l-Eurojust ippreżentat il-kontribut tagħha fuq il-proposta għal Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu waqt laqgħa parallela ("shadow meeting") tal-Kumitat LIBE.

L-Eurojust għandha rwol ewlieni fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u Stati terzi, b'mod partikolari dawk mill-Balkani tal-Punent u r-reġjuni tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA). L-Eurojust stabbilixxiet punti ta' kuntatt fl-Alġerija, fl-Eġittu, fl-Iraq, fl-Iżrael, fil-Ġordan, fil-Libanu, fl-Awtorità Palestinjana, fl-Arabja Sawdija u fit-Tuneżija. Fit-8 ta' Ġunju, l-Eurojust ipparteċipat fid-Djalogu bejn l-UE u t-Turkija dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, li wassal għal impenn imtenni sabiex jiżdiedu b'mod urġenti l-isforzi komuni kontra t-theddida maħluqa mill-FTFs u għal affermazzjoni tad-determinazzjoni tat-Turkija li taħdem mill-qrib mal-Eurojust u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-UE sabiex flimkien jiġġieldu dan il-fenomenu.

In-netwerk ta' korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal materji relatati mat-terroriżmu serva bħala punt ta' kuntatt primarju għar-rispons għall-attakki terroristiċi li saru fi Brussell fl-2016. Fi żmien siegħa mill-attakki tat-22 ta' Marzu, li kienu jinvolvu attakki suwiċidi bil-bombi kkoordinati fuq il-metro u fl-Ajruport ta' Zaventem fi Brussell u li ħallew 32 ruħ mejta u mijiet korruti, l-Eurojust attivat in-netwerk tagħha ta' korrispondenti nazzjonali għal materji relatati mat-terroriżmu sabiex tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti mill-Istati Membri kollha jkunu disponibbli l-ħin kollu sabiex jirċievu u jipproċessaw minnufih kwalunkwe talba urġenti għal, jew deċiżjoni dwar, il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

L-attivazzjoni tan-netwerk iffaċilitat l-għoti ta' assistenza komprensiva u malajr għall-investigazzjoni Belġjana dwar dan l-inċident terroristiku kbir billi tappoġġja u tikkumplimenta l-ħidma fil-livell nazzjonali b'enfasi fuq id-dimensjoni internazzjonali tal-attakki u l-identifikazzjoni ta' netwerks kriminali u attivitajiet kriminali konnessi. L-Eurojust tpoġġiet ukoll fuq stand-by sabiex tkun tista' tirrispondi fil-pront għal kwalunkwe talbiet għal assistenza u koordinazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-investigazzjoni fil-Belġju żvelat netwerk terroristiku sofistikat b'rabtiet kemm ma' Stati Membri oħrajn kif ukoll mal-attakki ta' Pariġi, bil-persuni li wettqu l-attakki suwiċidi bil-bombi jkunu appoġġjati minn diversi individwi u b'konnessjonijiet ma' reati serji oħrajn u netwerks li jinvolvu t-traffikar tal-armi u l-falsifikazzjoni tad-dokumenti. Dak li deher maġenb waħda mill-persuni li wettqu l-attakki suwiċidi bil-bombi fuq il-filmat ta' sorveljanza mill-attakk fil-metro ta' Brussell ħarab minuti qabel id-detonazzjoni u ġie identifikat bħala FTF magħruf fis-Sirja. Id-DNA tiegħu, li nstab f'diversi 'djar sikuri' u karozzi użati min-netwerk terroristiku, wassal għall-iskoperta ta' rabtiet ma' Stati Membri oħrajn u għall-involviment tiegħu mal-persuni li wettqu l-attakki f'Pariġi.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Federali tal-Belġju talab għal assistenza urġenti mill-Eurojust sabiex tiġi ffaċilitata MLA mibgħuta lejn Stat Membru ieħor. Ir-reazzjoni immedjata tal-Eurojust uriet li kienet strumentali fl-identifikazzjoni, f'ammont ta' żmien minimu, tal-awtorità korretta li magħha għandha ssir kooperazzjoni transkonfinali, sabiex minnufih tkun tista' tiġi eżegwita t-talba u jitħaffef l-iskambju ta' informazzjoni fil-livell ġudizzjarju.

L-appoġġ tal-Eurojust iggarantixxa li jkun jista' jinstab u jinqabad wieħed minn dawk li kienu kompliċi fl-attakki ta' Brussell. L-arrest tiegħu seħħ fit-8 ta' April, f'koordinazzjoni mal-arrest fl-istess jum tar-'raġel liebes il-kappell' li deher fuq il-kamera tas-CCTV bħala dak li wettaq l-attakk suwiċida bil-bombi fl-ajruport u li ħarab minn fuq ix-xena tad-delitt.

### *Manwal dwar is-CBRN-E*

Il-*Manwal dwar is-CBRN-E* huwa prodott tal-Eurojust li jiġi aġġornat regolarment u li jipprovdi lill-prattikanti tal-UE b'appoġġ legali u speċjalizzat multisettorjali għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet relatati ma' reati transnazzjonali li jinvolvu sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari u splussivi (CBRN-E).

Huwa jagħti ħarsa ġenerali lejn l-aktar leġiżlazzjoni internazzjonali u tal-UE rilevanti li tittratta s-CBRN-E, kif ukoll entitajiet supranazzjonali, sistemi u bażijiet ta' data fil-qasam tas-CBRN-E. Fl-2016 ġie prodott aġġornament tiegħu.

### 2.1.2 Iċ-ċiberkriminalità

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam taċ-ċiberkriminalità tiffaċċja ħafna sfidi distinti, li jirriżultaw l-aktar min-natura inerenti mingħajr fruntieri ta' dan il-fenomenu kriminali u mid-differenzi leġiżlattivi sinifikanti li jeżistu fil-livell nazzjonali. L-Eurojust appoġġjat 60 każ, 13-il laqgħa ta' koordinazzjoni u tmien JITs, li tnejn minnhom ġew stabbiliti riċentament.

Minbarra l-appoġġ operattiv, l-attivitajiet l-oħrajn tal-Eurojust fil-qasam taċ-ċiberkriminalità ffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-esperjenza u tal-għarfien espert fost il-prattikanti nazzjonali f'oqsma kritiċi bħall-kooperazzjoni mal-ISPs li jinsabu fl-Istati Uniti tal-Amerika u l-kriptaġġ tad-data.

L-Eurojust kienet strumentali fil-ħolqien ta' komunità ta' prattikanti speċjalizzati fiċ-ċiberkriminalità u laqgħet b'sodisfazzjon it-twaqqif tal-EJCN. L-EJCN huwa magħmul minn mill-inqas rappreżentant nazzjonali wieħed tal-awtoritajiet ġudizzjarji b'għarfien espert xieraq għal kull Stat Membru.

L-EJCN ser jiffaċilita u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti billi jippermetti l-iskambju ta' għarfien espert, l-aqwa prattika u għarfien rilevanti ieħor rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità. In-netwerk ser irawwem ukoll djalogu fost atturi u partijiet ikkonċernati differenti li għandhom irwol fl-iżgurar tal-istat tad-dritt fiċ-ċiberspazju. L-Eurojust ġiet inkarigata sabiex tipprovdi appoġġ lin-netwerk u tiżgura l-kooperazzjoni miegħu.

*Moniter Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità*

Fl-2016, l-Eurojust nediet is-CJM. Is-CJM huwa dokument tal-Eurojust b'aċċess limitat, li jiġi ppubblikat darba fis-sena u mfassal bħala għodda għar-rapportar sabiex jappoġġja lill-prattikanti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' ċiberkriminalità. Is-CJM jiddeskrivi l-iżviluppi leġiżlattivi rilevanti fil-qasam taċ-ċiberkriminalità u r-reati ċibernetiċi. Barra minn hekk, huwa jipprovdi analiżijiet estensivi tad-deċiżjonijiet ta' qrati nazzjonali magħżula f'każijiet ta' ċiberkriminalità, kif ukoll kapitolu dwar suġġett ta' interess, elaborat abbażi tad-diskussjonijiet li jkunu għaddejjin jew tax-xejriet emerġenti.

Fis-CJM li ġie ppubblikat is-sena li għaddiet ġew koperti żewġ suġġetti ta' interess: id-deċiżjonijiet tal-qorti fil-każ Belġjan ta' Yahoo! u l-aċċess remot għad-data jew għal sistema ta' kompjuter.

F'Novembru, il-laqgħa ta' tnedija tal-EJCN fl-Eurojust iffokat fuq l-ostakoli tekniċi, legali u prattiċi għall-kriptaġġ u l-investigazzjonijiet sigrieti online.

L-esperti tal-Eurojust ħadu sehem fil-laqgħat dwar l-evidenza elettronika organizzati mill-Kummissjoni bħala segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016 dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju, li indirizzaw tliet oqsma li fihom huwa mfittex titjib mill-prattikanti: l-eżekuzzjoni tal-MLAs, il-kooperazzjoni diretta mal-ISPs u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment ta' ġurisdizzjoni fiċ-ċiberspazju. L-Eurojust tat ħarsa lejn l-isfidi komuni li jiffaċċjaw il-prattikanti, kif ukoll lejn l-aqwa prattika sabiex jingħelbu dawn l-isfidi, inklużi kwistjonijiet ta' infurzar tal-ġurisdizzjoni fiċ-ċiberspazju.

L-Eurojust kompliet taħdem mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati oħrajn u msieħba istituzzjonali sabiex tkun żgurata l-effettività tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet f'każijiet ta' ċiberkriminalità. L-Espert Nazzjonali Ssekondat tal-Eurojust dwar iċ-Ċiberkriminalità, b'mod partikolari, aġixxa bħala dak li bena l-pontijiet bejn l-Eurojust u l-Europol, billi ffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u appoġġja u kkoordina l-kooperazzjoni mal-EC3.

Fil-qafas taċ-Ċiberkriminalità ta' EMPACT – L-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, l-Eurojust wettqet analiżi tal-każijiet tal-Eurojust li jikkonċernaw is-CSE online, li tiddeskrivi l-isfidi fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-każijiet ta' CSE, kif ukoll soluzzjonijiet u l-aqwa prattika.

Minn Jannar sa Marzu 2016, ġie ssekondat Prosekutur taċ-Ċiberkriminalità tal-Istati Uniti għall-Eurojust sabiex jaħdem mal-Uffiċċji Nazzjonali u mal-EC3 bil-għan li jistabbilixxi kooperazzjoni operattiva aktar mill-qrib mar-rappreżentant tal-Istati Uniti fi kwistjonijiet ta' ċiberkriminalità u jżid il-fehim tas-sistema tal-liġi kriminali tal-Istati Uniti. Kemm l-Eurojust kif ukoll l-awtoritajiet tal-Istati Uniti laqgħu b'sodisfazzjon din l-inizjattiva, li wasslet għal riżultati tajbin ħafna.

L-Eurojust issieħbet f'koalizzjoni dejjem tikber ta' entitajiet pubbliċi u privati li jappoġġjaw il-proġett 'No More Ransom', oriġinarjament imwaqqaf mill-awtoritajiet Olandiżi, mill-EC3 u minn żewġ kumpaniji privati tas-sigurtà ċibernetika. L-għan tal-proġett huwa li jgħin b'mod attiv lill-vittmi ta' ransomware billi jagħmel disponibbli ċ-ċwievet tad-deċifrar li jinstabu matul l-investigazzjonijiet kriminali.

L-Eurojust hija membru tal-kumitat ta' tmexxija tal-Proġett taċ-Ċiberkriminalità mniedi mill-Forum Ekonomiku Dinji fl-2015 bil-għan li tittejjeb il-kooperazzjoni pubblika-privata fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Fil-qafas ta' dan il-proġett, fl-2016 ġew ippubblikati r-'Rakkomandazzjonijiet għal Sħubija Pubblika-Privata kontra ċ-Ċiberkriminalità'.



Meeting of the European Judicial Cybercrime Network, November 2016

Is-Sur **Branislav Boháčik**, Prosekutur, fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakka, iddikjara:

*L-istabbiliment tal-EJCN huwa l-issodisfar ta' xewqa li l-prattikanti kellhom għal żmien twil. F'dan in-netwerk, huma ser ikunu jistgħu jikkondividu l-esperjenzi u l-għarfien espert tagħhom u jaħdmu mill-qrib flimkien mal-kollegi tagħhom mill-Istati Membri tal-UE sabiex jindirizzaw il-ħafna sfidi li jiffaċċjaw matul l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet taċ-ċiberkriminalità u ta' reati ċibernetiċi, bħall-kriptaġġ.*

### 2.1.3 Il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali

L-Istati Membri komplew jiffaċċjaw sfidi serji li jirriżultaw miż-żieda qawwija fl-IIS u stennew li l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE jidentifikaw u jimplimentaw toroq ġodda u aktar effettivi għall-indirizzar ta' din l-emerġenza umanitarja bla preċedent. L-Eurojust ġeddet l-isforzi tagħha lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jżarmaw l-OCGs wara n-netwerks tat-traffikar u tal-kuntrabandu u jieħdu passi kontrihom.

L-Eurojust irreġistrat 65 każ, żieda żgħira meta mqabbla mal-2015, fl-eqqel tal-kriżi umanitarja, organizzat 12-il laqgħa ta' koordinazzjoni u appoġġjat 11-il JIT, li ħamsa minnhom ġew stabbiliti riċentament. JIT wieħrd kien jinvolvi Stat terz (is-Serbja). L-użu ta' JITs f'każijiet ta' IIS u l-involviment ta' Stati terzi f'JITs kienu t-temi tal-laqgħa annwali tal-esperti tal- JITs' SIK (*ara* t-taqsimiet 1.4 u 6.2).

L-Eurojust tappoġġja lill-Istati Membri l-aktar esposti li jiffaċċjaw pressjoni migratorja fil-fruntieri esterni tagħhom. L-attivitajiet li jsiru fil-postijiet Hotspot jiffokaw

**Il-ġurisdizzjoni f'każ ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali**

F'Awwissu 2015 instab trakk abbandunat qrib awtostrada fl-Awstrija, viċin il-fruntiera Ungeriża. F'dan it-trakk instabu l-iġsma ta' 71 migrant. Dan l-inċident wassal sabiex jinbdew minnufih investigazzjonijiet fl-Ungerija u fl-Awstrija. Erba' persuni suspettati ta' nazzjonalità Bulgara u persuna suspettata waħda ta' nazzjonalità Afgana, li lkoll jappartjenu għal OCG involut f'IIS, ġew identifikati u arrestati fl-Ungerija xi jiem wara. L-allegati faċilitaturi tar-reati ġew arrestati aktar tard fil-Ġermanja u tressqu wkoll każijiet kontra persuni suspettati fil-Bulgarija u fis-Serbja.

Bil-għan li tiġi żgurata kooperazzjoni ġudizzjarja rapida fost il-pajjiżi affettwati, l-awtoritajiet Ungeriżi talbu l-appoġġ tal-Eurojust. Ġew organizzati laqgħa ta' koordinazzjoni, ippreċeduta minn laqgħa operattiva fl-Europol fi żmien 48 siegħa mit-talba. Waqt il-laqgħa ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, saret ċara l-eżistenza ta' aktar minn 10 investigazzjonijiet li għaddejjin fil-Ġermanja dwar it-trasportazzjonijiet tal-migranti ppjanati, organizzati u mwettqa mill-istess OCG, li jenfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni. Ġie ikkunsidrat JIT bejn l-Ungerija, l-Awstrija u l-Ġermanja; madankollu, il-parteċipanti qablu li kooperazzjoni abbażi tat-talbiet għal MLA kienet aktar addattata. L-Awstrija kienet diġà bagħtet diversi talbiet għal MLA lill-Ungerija u ħarġet EAW kemm lill-Ungerija kif ukoll lill-Bulgarija.

Wara l-laqgħa ta' koordinazzjoni, l-Eurojust immonitorjat u ffaċilitat l-eżekuzzjoni tat-talbiet mill-Ungerija għal MLA mibgħuta lis-Serbja, lir-Repubblika Slovakka u lill-Italja sabiex jinġabru informazzjoni u provi relatati mal-każijiet. Ostakolu legali relatat maż-żamma tad-data seħħ meta ntbagħtet talba mill-Ungerija għal MLA lir-Repubblika Slovakka fir-rigward tad-data tat-telekomunikazzjoni. Minħabba l-invalidazzjoni tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data mis-CJEU fl-2015, ma kien hemm ebda leġiżlazzjoni dwar iż-żamma tad-data fis-seħħ fir-Repubblika Slovakka fiż-żmien tal-inċident. Wara d-dħul fis-seħħ f'Jannar 2016 ta' leġiżlazzjoni Slovakka ġdida b'perjodu ta' żamma ta' sitt xhur, l-awtoritajiet nazzjonali, bl-assistenza tal-Eurojust, setgħu jissalvagwardjaw l-eżekuzzjoni f'waqtha tat-talba.

Bil-għan li jiġu evitati l-kunflitti ta' ġurisdizzjoni possibbli li jistgħu jinqalgħu jekk ikunu qegħdin jitmexxew diversi investigazzjonijiet paralleli u li kieku jinħarġu mandati ta' arrest, l-Eurojust żgurat li jintlaħaq qbil fuq strateġija effettiva tal-każijiet. Minħabba l-attivitajiet mifruxa tal-OCG, kienet meħtieġa diviżjoni tal-kompiti sabiex jiġu żgurati prosekuzzjonijiet ta' suċċess. Billi l-investigazzjonijiet urew li l-allegati qtil u faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin seħħew fit-territorju Ungeriż, ġie diskuss it-trasferiment tal-proċedimenti mill-Awstrija, minħabba li l-konċentrazzjoni tal-proċedimenti fi Stat Membru wieħed ittejjeb l-effettività u s-solidità tal-każ kontra l-membri tal-OCG. L-investigazzjoni parallela kompliet sa Novembru 2015, meta seħħ it-trasferiment tal-proċedimenti Awstrijaċi, u l-awtoritajiet Ungeriżi qablu li jieħdu passi fuq l-aspetti kollha. Għal dan il-għan, l-evidenza miġbura fl-Awstrija, inklużi l-opinjonijiet ta' esperti, l-awtopsji u t-testijiet tad-DNA, ġew sottomessi sabiex jintużaw fil-proċedimenti Ungeriżi. Fl-istess ħin, l-Awstrija ttrasferiet il-proċedimenti f'każ marbut ieħor lill-awtoritajiet Ungeriżi. Il-prosekuzzjoni tal-faċilitaturi li ġew arrestati fil-Ġermanja kellha ssir mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Sabiex jassistu fid-distinzjoni li trid issir bejn is-sewwieqa u l-organizzaturi fi ħdan l-OCG, l-awtoritajiet Ungeriżi pprovdew lill-kontropartijiet Ġermaniżi tagħhom bid-dispożizzjonijiet legali li abbażi tagħhom tressqu l-akkużi kriminali Ungeriżi. Sal-aħħar tal-2016, kemm il-proċedimenti Ungeriżi kif ukoll dawk Ġermaniżi kienu fl-istadju ta' qabel il-proċess.

primarjament fuq l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-iskrinjar tal-migranti. L-Eurojust mhijiex preżenti fiżikament fil-Hotspots, iżda stabbilixxiet punti ta' kuntatt ġudizzjarji ddedikati fil-Greċja u fl-Italja sabiex jappoġġjaw il-Hotspots u jgħaddu l-informazzjoni u l-każijiet rilevanti lill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust għal segwitu ġudizzjarju u koordinazzjoni fil-livell tal-UE.

Il-Grupp Tematiku dwar il-Faċilitazzjoni ta' Immigrazzjoni Illegali, li twaqqaf fl-2015, jipprovdi assistenza lill-prattikanti li jittrattaw l-IIS transkonfinali. L-Eurojust ħejjiet analiżijiet tal-ġurisprudenza nazzjonali dwar l-IIS u r-reati relatati fi Spanja, l-Italja u Franza, fejn identifikat l-isfidi legali u prattiċi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, flimkien mal-aqwa prattika. L-Eurojust qed tiġbor informazzjoni u tiżviluppa għodod għall-prattikanti fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar l-IIS u r-reati relatati fl-Istati Membri, inklużi l-vantaġġi u n-nuqqasijiet ta' tali liġijiet, bil-għan li tingħata għajnuna lill-prattikanti fit-tfassil ta' strateġiji prosekutorjali effettivi. L-Eurojust appoġġjat ukoll lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-liġi tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni irregolari, l-hekk imsejħa 'Pakkett tal-faċilitaturi', billi pprovdiet il-kontribut tagħha minn perspettiva prosekutorjali.

Fi Frar, l-Eurojust organizzat laqgħa tattika, *Judicial challenges arising from illegal immigrant smuggling ('L-isfidi ġudizzjarji li jirriżultaw mill-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali').* Il-parteċipanti taw ħarsa ġenerali lejn il-kooperazzjoni operattiva fost l-imsieħba Ewropej fil-ġlieda kontra l-IIS u l-esperjenza tal-punti ta' kuntatt u tal-maġistrati ta' kollegament stazzjonati fi Stati Membri oħrajn, kif ukoll fil-Hotspots fl-Italja u fil-Greċja. L-enfasi kienet fuq il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, il-ġbir u l-ammissibbiltà tal-evidenza u kwistjonijiet prattiċi oħrajn li jaffettwaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Huma ddiskutew ukoll kwistjonijiet li jikkonċernaw it-traduzzjoni u l-interpretar, li kkawżaw diffikultajiet serji għall-awtoritajiet nazzjonali, eż. fl-identifikazzjoni ta' tradutturi u interpreti ċċertifikati u affidabbli għal lingwi mitkellma rari u djaletti użati mill-migranti u mill-OCGs, inklużi l-ispejjeż għoljin u l-volum kbir ta' evidenza. F'eżempju wieħed li ġie diskuss waqt il-laqgħa, prosekutur ma setax juża l-evidenza (interċettazzjonijiet telefoniċi) minn Stat Membru ieħor, minħabba li t-traduzzjoni kienet tinvolvi spejjeż kbar ħafna, li l-fondi għalihom ma kinux disponibbli. In-nuqqas ta' fondi għat-traduzzjoni ta' ordni ta' kustodja qabel il-proċess li tammonta għal aktar minn 350 paġna kien ukoll fattur f'każ kumpless ta' IIS li ġie rreġistrat fl-Eurojust. It-traduzzjoni kienet essenzjali għall-ftuħ ta' investigazzjonijiet fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. B'konsegwenza ta' dan, mhux l-Istati Membri kollha fetħu investigazzjonijiet. Rapport ta' eżitu tal-laqgħa ġie ppubblikat bħala d-dokument 9456/16 tal-UE.

F'April, l-Eurojust laqqgħet flimkien prattikanti ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi minn Franza, mir-Renju Unit, mill-Belġju u min-Netherlands għal laqgħa operattiva dwar l-IIS fir-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana. Il-parteċipanti enfasizzaw il-ħtieġa li tittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, li jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet finanzjarji ffokati fuq is-sekwestru tal-profitti konsiderevoli ġġenerati minn attivitajiet ta' kuntrabandu, li tiżdied l-attenzjoni fuq l-użu ta' dokumenti uffiċjali foloz u ffalsifikati u li jittejbu l-operazzjonijiet ta' sorveljanza transkonfinali bil-għan li jiġu identifikati aħjar ir-reati ta' kuntrabandu u jinbnew każijiet ta' prosekuzzjoni aktar b'saħħithom.

L-Eurojust kompliet taħdem sabiex iżżid il-kooperazzjoni operattiva ma' Stati terzi u msieħba istituzzjonali oħrajn u pparteċipat fil-grupp ta' kuntatt tal-Kummissjoni ta' aġenziji tal-UE dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.

Delegazzjoni ta' livell għoli tal-EUNAVFOR MED żaret l-Eurojust f'Lulju, iddiskutiet l-attivitajiet tagħha mal-Kulleġġ, skambjat opinjonijiet dwar aspetti ġudizzjarji u l-kwalità tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u kompliet tesplora modi kif issaħħaħ ir-relazzjoni reċiproka tagħhom fil-qafas tal-Ittra ta' Fehim iffirmata f'Ottubru 2015. Saru laqgħat regolari mal-Europol sabiex jiġu diskussi l-involviment f'każijiet ta' prijorità għolja u l-progress bil-JOT MARE. L-Eurojust ipparteċipat fl-attivitajiet taħt EMPACT FII (Faċilitazzjoni ta' Immigrazzjoni Illegali).

### 2.1.4 THB

L-appoġġ tal-Eurojust għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet nazzjonali tat-traffikar tal-bnedmin żdied. L-Eurojust irreġistrat 93 każ u organizzat 33 laqgħa ta' koordinazzjoni. Għall-ewwel darba, żewġ pajjiżi Amerikani Latini, il-Kolombja u l-Paragwaj, kienu involuti fil-każijiet bħala pajjiżi rikjesti. Ġiet osservata żieda sinifikanti fl-użu tal-JITs: 32 JIT kienu attivi f'każijiet relatati mat-THB (21 fl-2015), li 19 minnhom kienu għadhom kif ġew stabbiliti fl-2016.

L-Eurojust akkoppjat l-appoġġ operazzjonali tagħha mal-attivitajiet strateġiċi sabiex ittejjeb l-effettività tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u ssaħħaħ is-sħubija tagħha ma' istituzzjonijiet u aġenziji oħrajn tal-UE bl-iskop li tissimplifika l-azzjonijiet u tottimizza r-riżorsi fil-ġlieda kontra t-THB.

F'Ġunju, il-Koordinatriċi tal-UE Kontra t-Traffikar żaret l-Eurojust sabiex tiddiskuti l-impatt tal-liġijiet nazzjonali li jikkriminalizzaw lill-konsumaturi finali u lill-utenti ta' servizzi jew attivitajiet li jirriżultaw mill-isfruttament tal-vittmi tat-traffikar, skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2011/36/UE Kontra t-Traffikar. Hija ppreżentat ukoll lill-Kulleġġ is-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-qasam tat-THB u *L-Istudju dwar il-każistika li tirrigwardja t-THB għall-isfruttament tal-ħaddiema*, li ġie ppubblikat f'Ottubru 2015.

L-Eurojust tat il-kontribut tagħha għal *L-Istrateġija tal-UE wara l-2016 dwar it-Traffikar tal-Bnedmin*, li ssegwi *L-Istrateġija tal-UE lejn l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin 2012-2016.* L-Eurojust identifikat il-prijoritajiet

li ġejjin: it-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet transkonfinali ta' THB, inkluża l-kooperazzjoni ma' Stati terzi; l-esplorazzjoni tar-rabtiet bejn it-THB u l-IIS; u l-indirizzar tal-karatteristiċi tal-każijiet ta' THB li jinvolvu vittmi tfal.

L-Eurojust appoġġjat il-proġett *TeamWork!* (*'It-tisħiħ tal-kooperazzjoni multidixxiplinarja kontra t-traffikar għall-isfruttament tal-ħaddiema'*) u mmoderat is-sessjoni ta' ħidma *Prosecuting THB for labour exploitation* (*'Il-prosekuzzjoni tat-THB għall-isfruttament tal-ħaddiema'*). Bħala riżultat, ġie prodott manwal għall-esperti dwar il-kooperazzjoni multidixxiplinarja kontra t-THB għall-isfruttament tal-ħaddiema, li jitlob għall-użu tal-appoġġ li tista' toffri l-Eurojust lill-prosekuturi li jittrattaw il-każijiet transkonfinali ta' THB.

L-Eurojust ikkontribwixxiet ukoll għar-rapport li segwa s-sessjoni ta' ħidma tal-esperti tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-JHA dwar il-vittmi ta' reati serji u organizzati intitolat *How can JHA agencies improve the impact of their work relating to victims of serious and organised crime?* (*'Kif jistgħu l-aġenziji tal-JHA itejbu l-impatt tal-ħidma tagħhom fir-rigward tal-vittmi ta' reati serji u organizzati?'*) L-Eurojust enfasizzat l-importanza tal-ħarsien mhux biss tal-vittmi ta' THB iżda wkoll tal-familji tagħhom fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom, kif ukoll tas-sensibilizzazzjoni tal-prosekuturi dwar il-vittmi.

## 2.1.5 Il-frodi

Il-każijiet ta' frodi jirrappreżentaw l-akbar numru ta' każijiet irreġistrati (654), li kienu jinkludu laqgħat ta' koordinazzjoni (44), ċentri ta' koordinazzjoni (5) u JITs (35, li disgħa minnhom ġew stabbiliti riċentament). L-Eurojust appoġġjat lill-awtoritajiet nazzjonali billi pprovdiet l-għarfien espert tagħha, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT u l-kriminalità fiskali, kif ukoll il-ħarsien tal-IPR.

Il-każijiet ta' frodi tal-VAT (imsejħa wkoll 'frodi karusell') huma partikolarment kumplessi, billi jinvolvu negozjanti frodulenti li jimportaw u jesportaw oġġetti mingħajr VAT minn diversi Stati Membri. F'kull stadju ta' dan in-negozju frodulenti tiżdied il-VAT (xi drabi sa 25 fil-mija), bil-kumpaniji involuti fil-karusell imbagħad jgħibu mix-xena. L-esportatur finali jitlob rifużjoni tal-VAT mill-gvern u mbagħad jgħib mix-xena huwa wkoll.

Il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-imsieħba istituzzjonali ssoktat. F'Lulju, l-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), li qabel kien magħruf bħala l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (OHIM), iffirmaw Memorandum ta' Qbil (MoUMoU) sabiex jestendu l-kollaborazzjoni produttiva eżistenti bil-għan li jappoġġjaw lill-prosekuturi Ewropej li jaħdmu fuq każijiet li jikkonċernaw il-ksur tal-IPR. Il-MoU jippermetti l-iżvilupp ulterjuri ta' proġetti ta' kooperazzjoni speċifiċi, bħal seminars konġunti, taħriġ u intelligence, taħriġ u intelligence, maħsuba biex jappoġġjaw lill-prosekuturi. Barra minn hekk, il-MoUMoU isaħħaħ il-kapaċitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Prosekuturi tal-Proprjetà Intellettwali (EIPPN).

F'Ottubru, l-Eurojust, f'kooperazzjoni mal-Presidenza Slovakka tal-UE, organizzat laqgħa tattika, *Judicial Cooperation in Tax Crime Matters* (*'Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji ta' Kriminalità Fiskali'*), ma' prosekuturi ta' livell għoli speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-frodi mill-Istati Membri, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti tal-Amerika (*ara* t-taqsima 4.2).

L-Eurojust ipparteċipat fis-seduta pubblika tal-Parlament Ewropew, *Anti-money laundering and tax evasion: Who assures compliance with the rules and enforces them?* (*'Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa: Min jiggarantixxi l-konformità mar-regoli u jinfurzahom?'*), li saret f'Novembru.

L-Eurojust saret membru tal-Bord Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Koalizzjoni Kkoordinata dwar il-Kriminalità tal-Proprjetà Intellettwali, li twaqqaf fl-Europol f'Lulju 2016 bil-għan li jlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati mis-settur pubbliku u minn dak privat u bil-għan li jinħolqu sinerġiji bejn l-azzjonijiet meħuda minn entitajiet differenti involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità tal-proprjetà intellettwali.

### Strateġija tal-każijiet ta' korruzzjoni maqbula waqt laqgħa fil-livell II

Fl-2013 bdiet investigazzjoni Spanjola dwar il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus assoċjat fl-operazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, wara talba għal MLA mil-Lussemburgu li indikat li parti mill-attività kriminali f'dak l-Istat Membru setgħet kienet ġejja minn Spanja. Il-prattiki illegali kienu jinvolvu istituzzjonijiet pubbliċi fl-Angola u kumpaniji pubbliċi u privati fi Spanja. Ir-reati allegatament twettqu minn uffiċjali eżekuttivi ta' kumpanija pubblika Spanjola kkummissjonata sabiex tipprovdi vetturi, uniformijiet u provvisti oħrajn lill-Pulizija Nazzjonali tal-Angola. F'Ottubru 2014, l-imħallef investigattiv fil-Lussemburgu għalaq formalment il-każ u għaddieh lill-awtoritajiet Spanjoli bħala skambju spontanju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tas-sena 2000 dwar l-MLA.

L-investigazzjonijiet fil-Lussemburgu u fi Spanja żvelaw li l-awtoritajiet tal-Angola ħallsu aktar minn EUR 150 miljun lill-kumpanija Spanjola permezz ta' kont bankarju fiċ-Ċina. Madankollu, il-kumpanija Spanjola inkwistjoni kkonsenjat biss provvisti tal-pulizija lill-Angola stmati li

jiswew madwar EUR 50 miljun. L-ammont ta' EUR 100 miljun li jifdal kien allegatament miżapproprjat minn persuni fl-Angola u fi Spanja. Il-persuni suspettati ħolqu netwerk ta' kontijiet bankarji u kumpaniji fittizji (shell companies) fl-Angola, fl-Ewropa u fl-Asja sabiex jaħbu d-destinazzjoni finali tal-flus misruqa, billi segwew xejra klassika ta' ħasil tal-flus fi stadji suċċessivi: tqegħid, layering u integrazzjoni.

Sabiex jiġbru d-dikjarazzjonijiet tax-xhieda u l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji użati fl-Angola, l-awtoritajiet Spanjoli bagħtu talba għal MLA lill-Angola fi Frar 2015, abbażi tal-Konvenzjoni tan-NU tal-2003 kontra l-Korruzzjoni. Billi l-banek u l-individwi f'diversi pajjiżi Ewropej kienu allegatament involuti wkoll fir-reati kriminali, l-awtoritajiet Spanjoli avviċinaw lill-Eurojust f'Ġunju 2015, fejn għall-ewwel fittxew informazzjoni dwar l-istat tal-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA li qabel kienu nħarġu lil-Lussemburgu, lill-Belġju u lill-Iżvizzera skont il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fi Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali.

L-Uffiċċju Nazzjonali Spanjol organizza **laqgħa fil-livell II** mal-Uffiċċju Nazzjonali Belġjan u mal-Prosekutur ta' Kollegament Żvizzeru sabiex jintlaħaq qbil fuq strateġija ta' kooperazzjoni. Bħala riżultat, l-Eurojust iffaċilitat l-eżekuzzjoni fil-pront ta' diversi talbiet għal MLA lill-Iżvizzera u lill-Belġju sabiex tinkiseb informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji miżmuma mill-persuni suspettati u sabiex jiġu ffriżati b'mod urġenti l-kontijiet. Hekk kif il-każ kompla jagħmel progress u nġabret aktar evidenza, f'Ottubru 2015, Spanja ħarġet talbiet għal MLA lil Franza, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit. Sabiex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni li jifdal, l-Eurojust ipprovdiet analiżi tax-xejra tal-ħasil tal-flus applikata u tal-persuni suspettati involuti, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn l-istat tal-eżekuzzjoni tat-talbiet.

L-Eurojust għenet lill-awtoritajiet Spanjoli meta nħarġet talba supplimentari għal MLA lill-Angola, fejn l-awtoritajiet tal-Angola ntalbu jservu akkużi kontra erba' persuni suspettati. Bil-għan li tittejjeb l-eżekuzzjoni tat-talbiet inizjali u supplimentari għal MLA, l-Uffiċċju Nazzjonali Portugiż irrakkomanda l-assistenza tal-prosekutur tal-Angola li huwa punt ta' kuntatt għal kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali għall-Komunità tal-pajjiżi fejn hu mitkellem il-Portugiż (CPLP). Din l-azzjoni wasslet għal kooperazzjoni b'suċċess mal-awtoritajiet tal-Angola u, sa Ottubru 2016, it-talbiet għal MLA kienu ġew eżegwiti.

Bħala riżultat tal-investigazzjonijiet b'suċċess u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali permezz tal-Eurojust, inbdew proċedimenti kontra wħud mill-persuni suspettati fi Spanja fl-2016.

### 2.1.6 Il-korruzzjoni

Il-korruzzjoni timmina l-fiduċja fis-settur pubbliku u f'dak privat. L-Eurojust hija impenjata li tappoġġja lill-awtoritajiet ġudizzjarji u prosekutorjali tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jiġġieldu l-korruzzjoni u ttrattat 74 każ li jinvolvu l-korruzzjoni, organizzat 15-il laqgħa ta' koordinazzjoni u appoġġjat żewġ JITs, li waħda minnhom ġiet stabbilita riċentament.

Bil-għan li tinforma lill-imsieħba operattivi potenzjali dwar il-ħidma tal-Eurojust fil-qasam tal-korruzzjoni, l-Eurojust ospitat żjarat ta' rappreżentanti mill-Corruption Hunters' Network, kif ukoll ta' żewġ awtoritajiet Ukreni, il-Bureau Nazzjonali, aġenzija tal-Istat għall-infurzar tal-liġi, li hija responsabbli mill-investigazzjoni ta' reati ta' korruzzjoni minn uffiċjali għolja tal-gvern taħt il-kompetenza tagħha, u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali Kontra l-Korruzzjoni, responsabbli mit-tmexxija tal-prosekuzzjoni ta' każijiet investigati mill-Bureau Nazzjonali.

L-Eurojust ilha tipparteċipa bħala osservatur fin-Netwerk tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN) u fil-Pjattaforma tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (ARO) mill-2004 u mill-2008, rispettivament.

### 2.1.7 It-traffikar tad-droga

L-Eurojust ittrattat numru sinifikanti ta' każijiet ta' traffikar tad-droga (254), li kienu jinkludu laqgħat ta' koordinazzjoni (41), ċentru ta' koordinazzjoni (wieħed) u JITs (24, li 13 minnhom ġew stabbiliti riċentament). L-Eurojust, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba istituzzjonali, ħadmet sabiex issaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jindirizzaw b'mod effettiv it-theddidiet emerġenti fil-qasam tas-sustanzi psikoattivi ġodda (SPĠ), kif ukoll il-kunsinni kkontrollati.

F'Novembru, l-Eurojust u l-EMCDDA ppubblikaw rapport intitolat *New psychoactive substances in Europe: legislation and prosecution – current challenges and solutions ('Sustanzi psikoattivi ġodda fl-Ewropa: il-leġiżlazzjoni u l-prosekuzzjoni – l-isfidi attwali u s-soluzzjonijiet')*. Ir-rapport huwa maħsub biex jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali li qegħdin jiffaċċjaw l-evoluzzjoni rapida tas-suq Ewropew għas-SPĠ, li sfidahom isibu mekkaniżmi ta' kontroll xierqa

u effiċjenti. Ir-rapport jikkombina l-esperjenza operattiva tal-Eurojust fil-prosekuzzjonijiet transkonfinali relatati mad-droga u fl-analiżi tad-deċiżjoni tatas-CJEU-UE tal-10 ta' Lulju 2014 dwar il-prodotti mediċinali (il-Kawżi Konġunti C-358/13 u C-181/14) mal-kapaċitajiet analitiċi u tal-monitoraġġ tad-droga tal-EMCDDA.

L-Eurojust tagħti pariri lill-awtoritajiet nazzjonali dwar il-konverżjoni tal-informazzjoni miġbura waqt kunsinna kkontrollata f'evidenza u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u dokumenti wara t-talbiet għal MLA. F'Ottubru 2015, il-Kulleġġ organizza diskussjoni tematika dwar ir-rekwiżiti legali u l-kwistjonijiet operazzjonali li jikkonċernaw kunsinni kkontrollati (*ara* r-Rapport Annwali tal-Eurojust 2014, p. 60). L-Eurojust kompliet tikkollabora mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-Europol sabiex tidentifika s-sinerġiji possibbli u kkondiviet ir-rapport tagħha intitolat *Legal and Operational Issues Identified by Eurojust in Controlled Deliveries* ('*Il-Kwistjonijiet Legali u Operattivi Identifikati mill-Eurojust f'Kunsinni Kkontrollati*') fi ħdan il-proġetti tal-EMPACT relatati. L-Eurojust qed tikkontribwixxi għall-abbozzar ta' manwal dwar il-kunsinni kkontrollati, inizjattiva mmexxija mill-Grupp Pompidou (il-Kunsill tal-Ewropa), li mistenni jiġi ppubblikat fl-2017.

### 2.1.8 Kriminalità organizzata tal-proprjetà mwettqa mill-MOCGs

Il-kategorija ta' OPC imwettqa minn gruppi ta' kriminalità organizzata mobbli (MOCGs) tkopri firxa wiesgħa ta' reati, bħal reati konnessi ma' vetturi bil-mutur, serq ta' metall, serq mill-bwiet, serq u serje ta' serqiet. L-Eurojust appoġġjat 199 każ, 19-il laqgħa ta' koordinazzjoni u 12-il JIT, li erbgħa minnhom ġew stabbiliti riċentament. L-Eurojust organizzat żewġ ċentri ta' koordinazzjoni li ttrattaw reati konnessi ma' vetturi bil-mutur.

Programm ta' tliet snin, żviluppat b'mod konġunt mill-Eurojust u minn Spanja fil-qafas ta' azzjoni operattiva fi ħdan il-proġett EMPACT dwar l-OPC, intemm b'seminar f'Ġunju organizzat mill-Eurojust, li għalih attendew esperti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-OPC, inklużi rappreżentanti mill-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, tan-Norveġja u tal-Iżlanda, il-Kummissjoni, is-CEPOL u l-Europol. L-għanijiet tas-seminar kienu li titqajjem sensibilizzazzjoni fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u l-imħallfin dwar l-aspetti uniċi tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-OPC u tal-MOCGs, li jiġu skambjati opinjonijiet dwar il-lakuni legali u d-diffikultajiet prattiċi possibbli, kif ukoll li tiġi identifikata l-aqwa prattika.

Ir-rapport finali, maħruġ f'Diċembru, ġabar fil-qosor id-diskussjonijiet u s-sejbiet, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-programm ta' tliet snin. Ir-rapport sab li, filwaqt li ma jidhirx li hemm lakuni legali sinifikanti li jaffettwaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-OPC, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrevedu l-prattiki u l-istrateġiji attwali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi u l-metodi użati f'investigazzjonijiet kumplessi ta' reati organizzati serji oħrajn (eż. evidenza forensika (DNA) jew tekniki investigattivi speċjali (eż. interċettazzjoni tal-komunikazzjoni)) u jżidu l-livell ta' kooperazzjoni internazzjonali, inkluż mal-Eurojust u mal-EJN.

### 2.1.9 Reati ta' PIF

L-appoġġ operattiv tal-Eurojust f'każijiet li jittrattaw reati li jaffettwaw jew li jistgħu jaffettwaw direttament jew indirettament l-interessi finanzjarji tal-UE (reati ta' PIF) baqa' fl-istess livelli bħal fl-2015, bi 11-il laqgħa ta' koordinazzjoni u ħames JITs, li waħda minnhom ġiet stabbilita riċentament, għalkemm in-numru ta' każijiet ta' PIF li ġew irreġistrati fl-2016 naqas minn 69 għal 41. Fl-istatistika tal-Eurojust, il-frodi tal-VAT hija ttrattata bħala kategorija separata.

## 2.2 Xogħol fuq każijiet tal-Eurojust dwar organizzazzjonijiet kriminali tat-tip tal-mafja

Sa mill-2012, kien hemm aktar minn 145 każ tal-Eurojust li ttrattaw OCGs tat-tip tal-mafja Taljana, bħal Cosa Nostra, Camorra u 'Ndrangheta. Ix-xogħol fuq każijiet fl-Eurojust jikkonferma d-dimensjoni transnazzjonali tal-OCGs tat-tip tal-mafja Taljana, li matul is-snin ikkonsolidaw is-sħubiji globali tagħhom ma' gruppi kriminali oħrajn madwar id-dinja li huma attivi, b'mod partikolari, fl-oqsma tat-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus.

Minbarra li jaħslu f'pajjiżi barranin ir-rikavat tal-attivitajiet illeċiti mwettqa fl-Italja, dawn l-OCGs infiltraw b'mod massiv l-ekonomija leġittima ta' ħafna Stati Membri, bħal Spanja (iffavoriti b'mod partikolari mill-Camorra Taljana), in-Netherlands, ir-Rumanija, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit, inkluż permezz tal-preżenza f'dawn l-Istati Membri ta' Taljani perikolużi maħrubin flimkien man-netwerks ta' persuni assoċjati u faċilitaturi tagħhom. Tali infiltrazzjonijiet ġeneralment jitwettqu direttament mill-persuni assoċjati tal-OCG jew mill-mexxejja tiegħu permezz ta' investimenti fil-proprjetà u parteċipazzjoni f'kuntratti pubbliċi jew privati, b'mod partikolari fil-qasam tal-kostruzzjoni, l-utilitajiet pubbliċi u r-rimi tal-iskart.

Skont il-leġiżlazzjoni kriminali Taljana, il-'parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali' hija reat awtonomu punibbli b'sentenzi ta' priġunerija fit-tul skont l-Artikoli 416 u 416*bis* tal-Kodiċi Kriminali Taljan, kif mitlub mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/JHA dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha adottaw dispożizzjonijiet

simili li jinkriminaw il-'parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali' bħala reat distint. Meta huma jkunu għamlu dan, il-firxa tal-applikazzjoni ta' u l-pieni mehmuża ma' tali reati tvarja ħafna, hekk ukoll il-possibbiltà u r-rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' tekniki investigattivi speċjali bħal interċettazzjonijiet tal-linji telefoniċi.

L-esperjenza turi li l-eżistenza ta' definizzjonijiet legali differenti u n-nuqqas ta' ekwivalenti għall-Artikolu 416*bis* tal-Kodiċi Kriminali Taljan jikkawżaw ostakoli legali u operattivi kbar għal kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva.

L-Eurojust appoġġjat l-operazzjonijiet imwettqa b'suċċess billi identifikat l-isfidi ġudizzjarji u ssuġġeriet soluzzjonijiet, inkluż it-titjib tal-użu tal-JITs, billi ħadet f'kunsiderazzjoni l-oqfsa legali differenti u l-approċċi prosekutorjali lejn l-OCGs Taljani li jeżistu fil-livell nazzjonali. L-awtoritajiet Taljani, bl-appoġġ tal-Uffiċċju Taljan fl-Eurojust, informaw lill-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri affettwati dwar it-theddida konkreta maħluqa mill-OCGs tat-tip tal-mafja Taljana li joperaw fit-territorju tagħhom, kif ukoll assistew fl-identifikazzjoni u l-ġbir ta' evidenza li tikkonċerna l-kriminalità prerekwiżita (ta' spiss il-ħasil tal-flus) u ddiskutew u qablu fuq mezzi operattivi kkoordinati sabiex iżarmaw dawn il-gruppi, billi użaw tekniki investigattivi speċjali bħal interċettazzjonijiet tal-linji telefoniċi u, aktar riċenti, il-JITs. Hemm diversi każijiet irreġistrati mill-Uffiċċju Nazzjonali Taljan li għadhom għaddejjin. Eżempju ta' każ appoġġjat b'suċċess mill-Eurojust juri l-isfidi li jeżistu.

Investigazzjoni Taljana dwar OCG affiljat mal-Camorra kienet tinvolvi n-negozjar ta' kull xorta ta' komoditajiet iffalsifikati (eż. ġeneraturi tal-elettriku, lupi, drill hammers u ħwejjeġ). Il-prodotti illeċiti ġew manifatturati fiċ-Ċina u t-tikketti ffalsifikati ta' kumpaniji magħrufa sewwa twaħħlu fl-Italja. Il-prodotti tqassmu madwar id-dinja kollha mill-Port ta' Napli. Barra minn hekk, l-apparat u l-għodod tal-elettriku nnegozjati mill-OCG ma kinux konformi mal-istandards tas-sikurezza tal-UE. L-attività kriminali kienet profittabbli ħafna (eż. il-prezz ta' ġeneratur tal-elettriku, manifatturat fiċ-Ċina għal EUR 35, mibjugħ għal EUR 400, filwaqt li tali prodott ta' ditta leġittima jiswa EUR 1 250). L-OCG kien ibbażat fil-qrib ta' Napli, iżda l-operazzjonijiet illeċiti tiegħu kienu mifruxa f'aktar minn għoxrin pajjiż fl-Ewropa, kif ukoll fl-Awstralja u fl-Iżlanda.

L-isforzi tal-koordinazzjoni tal-Eurojust għenu lill-awtoritajiet Taljani u awtoritajiet nazzjonali oħrajn jirrikostitwixxu l-OCG u jaslu għal fehim komuni dwar kif dan kien jopera fil-livell nazzjonali. Intlaħaq qbil fuq strateġija operattiva konġunta u azzjonijiet ikkoordinati. L-istrateġija kienet iffokata fuq il-ftuħ u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet nazzjonali dwar il-ħasil tal-flus, b'mod parallel mal-investigazzjonijiet oriġinali għall-parteċipazzjoni f'OCG tat-tip tal-mafja, immexxija fl-Italja. L-Eurojust appoġġjat l-investigazzjonijiet nazzjonali paralleli u l-eżekuzzjoni ta' aktar minn 30 talba mill-Italja għal MLA. Il-konklużjoni b'suċċess tal-operazzjonijiet, ikkoordinati permezz tal-Eurojust, bl-appoġġ analitiku tal-Europol, laħqet il-qofol tagħha f'azzjonijiet simultanji mmexxija f'seba' Stati Membri (CZ, DE, ES, FR, IT, SE, UK), li wasslu għall-arrest ta' 67 individwu, għat-tfittxija f'143 maħżen u għas-sekwestru ta' aktar minn 800 tunnellata ta' materjali ffalsifikati, kif ukoll għall-irkupru ta' assi li jaqbżu l-EUR 11-il miljun.

L-Eurojust ħadet nota tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u s-segwitu tar-riżoluzzjoni tas-CRIM li titlob lill-Kummissjoni tissottometti rapport li jivvaluta t-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/JHA dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.



# L-Operazzjoni Avalanche: ħarsa aktar mill-qrib

## Theddidiet ewlenin

Fl-2012 inbdiet investigazzjoni Ġermaniża dwar l-operazzjoni ta' OCG imsejħa Avalanche involuta f'attivitajiet ta' malware, phishing u spam, wara li mewġa ta' encryption ransomware infettat numru sostanzjali ta' sistemi kompjuterizzati u wasslet għall-imblukkar tal-aċċess tal-utenti. L-investigazzjoni esponiet l-eżistenza ta' infrastruttura teknika sofistikata ħafna li ntużat sabiex tinfetta miljuni ta' sistemi kompjuterizzati kummerċjali u privati b'malware (eż. Trojans bankarji u ransomware), li ppermettiet lill-kriminali joperaw in-netwerk sabiex jiġbru passwords bankarji u ta' e-mails.

B'din l-informazzjoni, il-kriminali setgħu jwettqu trasferimenti bankarji mill-kontijiet tal-vittmi. Ir-rikavat imbagħad ġie dirett mill-ġdid lejn il-kriminali permezz ta' infrastruttura maħluqa speċifikament sabiex tiggarantixxi r-rikavat tal-attività kriminali. Minbarra t-tnedija u l-ġestjoni tal-attakki b'malware globali tal-massa, in-netwerk Avalanche ntuża għal kampanji ta' reklutaġġ ta' kurrier ta' flus miksuba illegalment. L-infrastruttura Avalanche twaqqfet b'mod li kienet reżiljenti ħafna kontra t-tneħħijiet u l-azzjoni ta' infurzar tal-liġi (permezz tal-hekk imsejħa teknoloġija 'double fast-flux').

## L-Eurojust u l-Europol

Il-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali wiesgħa qamet fl-2015. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni Ġermaniżi avviċinaw lill-Eurojust u lill-Europol sabiex jagħtu l-appoġġ tagħhom. Filwaqt li f'dan il-punt fiż-żmien seħħew ċerti azzjonijiet kontra partijiet min-netwerk, ma ġiet stabbilita ebda kooperazzjoni wiesgħa, u lanqas ġew identifikati l-awturi tar-reati.

Saru diversi laqgħat operattivi u ta' koordinazzjoni, li laqqgħu flimkien numru kbir ta' Stati Membri u Stati terzi, inklużi l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ażerbajġan, fl-Europol u fl-Eurojust, biż-żewġ aġenziji jikkooperaw mill-qrib. Qabel il-laqgħa ta' koordinazzjoni finali, saret laqgħa fil-livell II fl-Eurojust, li għaliha attendew eċċezzjonalment prosekuturi Ġermaniżi u mill-Istati Uniti u uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, bi grupp limitat ta' pajjiżi li ma jkunux preżenti waqt il-laqgħa ta' koordinazzjoni ta' wara. Il-laqgħat operattivi u ta' koordinazzjoni servew sabiex jiġi ppjanat jum ta' azzjoni konġunta globali u sabiex jiġu kkjarifikati l-kwistjonijiet legali u l-kunċetti relatati ma' din il-forma ta' ċiberkriminalità.

> L-**Eurojust** appoġġjat il-ħidma tal-awtoritajiet ġudizzjarji involuti billi fasslet ir-rekwiżiti legali sabiex isiru l-interventi meħtieġa, kif ukoll iffaċilitat l-abbozzar u l-eżekuzzjoni f'waqtha tal-ittri ta' talba.

> L-**EC3** appoġġja l-investigazzjoni billi ffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni sigura, ipprovda analiżi fil-fond u appoġġ forensiku diġitali avvanzat, kif ukoll rawwem kooperazzjoni bejn l-imsieħba privati u tal-infurzar tal-liġi.

## Impatt

L-infrastruttura Avalanche ilha tintuża mill-2009, li kkawżat madwar EUR 6 miljun f'danni f'attakki ċibernetiċi kkonċentrati fuq is-sistemi bankarji online fil-Ġermanja biss. Barra minn hekk, it-telf monetarju assoċjat mal-attakki b'malware mwettqa fuq in-netwerk Avalanche kien stmat li jlaħħaq il-mijiet ta' miljuni ta' euro madwar id-dinja, għalkemm kien diffiċli li jsiru kalkoli eżatti minħabba n-numru kbir ta' familji ta' malware ġestiti permezz tal-pjattaforma. Inizjalment, kien previst jum ta' azzjoni għall-2015. Dan il-jum ta' azzjoni ġie pospost għall-aħħar tal-2016 sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-awturi tar-reati, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti.

Filwaqt li tqajjem tħassib inizjali dwar is-sovranità minħabba l-fatt li s-servers soġġetti għal tneħħija kienu jinsabu f'diversi ġurisdizzjonijiet, id-diskussjonijiet fost l-awtoritajiet rilevanti solvew il-kwistjoni. Bl-istess mod, tqajjem tħassib li, skont il-leġiżlazzjoni ta' diversi pajjiżi parteċipanti, is-sekwestru tal-hekk imsejħa 'unborn domains' ma kienx possibbli. L-Espert Nazzjonali Ssekondat tal-Eurojust dwar iċ-Ċiberkriminalità seta' jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali li f'dan il-każ il-problema ma tqumx, hekk kif l-istatus tad-dominji inkwistjoni jinbidel minn 'unborn' għal 'born' sal-mument li jseħħu l-azzjonijiet. Ir-rwol konsultattiv tiegħu lejn l-Uffiċċji Nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompla matul l-investigazzjoni kollha. Barra minn hekk, huwa pprovda d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ġudizzjarji f'pajjiżi barra n-netwerk ta' kuntatt tal-Eurojust.

## Is-settur privat

Inbdiet kooperazzjoni ma' diversi msieħba fis-settur privat u mingħajr skop ta' profitt sabiex tkun tista' ssir l-analiżi ta' aktar minn 130 TB ta' data maqbuda u l-identifikazzjoni tal-istruttura tas-server tal-botnet, li twassal għall-għeluq tas-servers u għall-kollass tan-netwerk kriminali kollu. L-imsieħba kienu jinkludu l-*Fraunhofer-Institut für Kommunikation, Informationsverarbeitung und Ergonomie*

tal-Ġermanja, il-Fondazzjoni Shadowserver, ir-Reġistratur tal-Aħħar Istanza u l-Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati (ICANN). Imsieħba oħrajn, bħall-INTERPOL u n-Netwerk Ibero-Amerikan għall-Kooperazzjoni Legali Internazzjonali (IberRed), kellhom ukoll irwol importanti, b'mod partikolari fit-tħejjija tal-jum ta' azzjoni konġunta. L-IberRed serva bħala kollegament mal-pajjiżi fejn hu mitkellem l-Ispanjol, primarjament fl-Amerika t'Isfel.




## Riżultati

Fil-jum ta' azzjoni f'Novembru 2016, l-Europol ospitat post ta' kmand, fejn l-Eurojust ipparteċipat u pprovdiet appoġġ immedjat lill-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fil-jum ta' azzjoni. Fil-post ta' kmand, il-prosekutur Ġermaniż u l-uffiċjali tal-pulizija ħadmu flimkien ma' rappreżentanti tal-pajjiżi involuti u msieħba tal-industrija privata sabiex jiżguraw is-suċċess ta' tali operazzjoni fuq skala kbira. Dan l-isforz globali sabiex jitneħħa n-netwerk kien jinvolvi l-appoġġ kruċjali tal-prosekuturi u tal-investigaturi minn 29 pajjiż.



Bħala l-ewwel riżultat, ġew arrestati ħames individwi, saru tfittxijiet f'37 bini u ġew issekwestrati 39 server. Ġew identifikati vittmi ta' infezzjonijiet b'malware f'aktar minn 180 pajjiż. Barra minn hekk, ġew skonnettjati 221 server permezz ta' notifiki ta' abbuż li ntbagħtu lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting. Aktar minn 800 000 dominju assoċjati mal-infrastruttura kriminali għaddew mill-proċess ta' 'sinkholing' u nħolqu paġni web iddedikati għall-pubbliku sabiex jgħinu fit-tneħħija tal-malware mill-kompjuters tagħhom u jipprevjenu aċċess illegali ulterjuri.

## Lezzjonijiet mitgħallma

Sabiex il-pajjiżi involuti jiġu megħjuna fl-investigazzjonijiet tagħhom, il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Eurojust u l-Europol fl-organizzazzjoni ta' laqgħat konġunti wasslet għall-iffrankar kemm ta' ħin kif ukoll ta' flus.

Din l-operazzjoni wriet li huwa biss meta l-entitajiet pubbliċi u privati jikkollaboraw bħala tim li jista' jitneħħa netwerk kriminali kbir u sofistikat. Iċ-ċiberkriminalità hija tassew fenomenu globali u tirrikjedi kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, li xi drabi tiġi stabbilita bl-aktar mod effiċjenti billi jiġu sfruttati n-netwerks reġjonali ta' prattikanti.

Wara kull attività riskjuża ta' ċiberkriminalità li tirnexxi hemm mudell kummerċjali. Permezz tal-immirar tal-mudell kummerċjali tan-netwerk Avalanche u t-tfassil ta' modi ta' interferenza mal-awturi tar-reati u mal-infrastruttura teknika, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-għoti ta' appoġġ lill-vittmi, wieħed mill-aktar netwerks ta' ċiberkriminalità sofistikati tal-aħħar snin kien effettivament mitfi. L-operazzjonijiet rendew intuwizzjonijiet siewja dwar il-mudell kummerċjali taċ-ċiberkriminalità. Fl-istess ħin, il-fiduċja mibnija fost l-entitajiet pubbliċi u privati li kkooperaw ser tkun imprezzabbli fil-ġlieda futura kontra ċ-ċiberkriminalità. Sa mill-jum ta' azzjoni, l-approċċ fil-każ tqies bħala l-aqwa prattika fost l-investigaturi u l-prosekuturi taċ-ċiberkriminalità.


© ZKI Lüneburg

Il-prosekutur ewlieni, is-Sur **Frank Lange**, qal:

*Kooperazzjoni internazzjonali rapida u affidabbli, lil hinn mill-mezzi tradizzjonali ta' assistenza legali, kienet essenzjali għas-suċċess ta' Avalanche. L-Eurojust u l-EC3 kellhom irwol importanti sabiex jistabbilixxu l-atmosfera għall-kooperazzjoni bejn il-parteċipanti ġudizzjarji u l-pulizija. L-organizzazzjoni tal-laqgħat ta' koordinazzjoni fl-Eurojust u tal-laqgħat operattivi fl-Europol, kif ukoll l-appoġġ ulterjuri tagħhom billi jibagħtu informazzjoni u ittri ta' talba lill-benefiċjarji korretti, wittew il-pedamenti għal approċċ verament multinazzjonali. Aħna ninsabu tassew grati.*



# L-imsieħba tal-Eurojust

# 3

## 3.1 Kooperazzjoni mal-Europol

Il-kooperazzjoni ssaħħet permezz tal-ħidma tal-Kumitati ta' Tmexxija tal-Eurojust-Europol dwar Kwistjonijiet Operattivi u dwar Kwistjonijiet Strateġiċi, li fihom ġew diskussi numru ta' suġġetti, inkluż l-appoġġ tal-Eurojust għall-Punti Fokali tal-Europol u l-Jiem ta' Azzjoni Konġunta 2016, il-kwestjonarju ta' CARIN dwar konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, proġetti ta' żamma tad-data, il-finanzjament ta u l-programm ta' skambju. Ir-Rapport Annwali Konġunt għall-2015 ġie ppreżentat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fid-19 ta' Mejju.

L-Eurojust qed tesplora l-passi għall-ħolqien ta' pont bejn l-Eurojust u ċ-Ċentri tal-Europol. Waqt il-laqgħa ta' livell għoli bejn l-Eurojust u l-Europol, ingħata appoġġ sabiex jiġu stazzjonati rappreżentanti tal-Eurojust fl-ECTC u fl-EMSC, wara li ġie segwit l-eżempju tajjeb stabbilit mill-Espert Nazzjonali Ssekondat tal-Eurojust dwar iċ-Ċiberkriminalità stazzjonat fl-EC3.

L-informazzjoni dwar il-laqgħat operattivi skedati fl-Europol u l-laqgħat ta' koordinazzjoni fl-Eurojust kompliet tiġi skambjata fuq bażi regolari. L-Europol attendiet 87 laqgħa ta' koordinazzjoni.

L-Eurojust ikkontribwixxiet għall-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-OAPs fl-oqsma prijoritarji kollha tal-kriminalità tal-EMPACT u l-Punti Fokali. L-Eurojust ipparteċipat, bħala mexxejja, ko-mexxejja u parteċipanta, f'azzjonijiet meħuda sabiex jiżdiedu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ikkoordinati fi ħdan l-OAPs u sabiex jiġu identifikati l-isfidi ġudizzjarji u l-aqwa prattika. Il-Kulleġġ iddeċieda li jirrazzjonalizza r-rwol u l-assenjazzjonijiet tal-Punti ta' Kuntatt tiegħu għall-Punti Fokali, billi jallinjahom mal-istruttura ġdida adottata fl-Europol u mal-prijoritajiet strateġiċi u operattivi tal-Eurojust.

L-Eurojust kisbet assoċjazzjoni formali ma' APATE (frodi) u HYDRA (terroriżmu ispirat mir-reliġjon Iżlamika), fejn tellgħet l-għadd totali ta' fajls tal-Europol appoġġjati mill-Eurojust għal 25.

L-Eurojust ikkontribwixxiet għall-prodotti strateġiċi, il-*Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata* (SOCTA), li mistennija tiġi rilaxxata fl-2017, u t-taqsima intitolata Kundanni u Pieni, flimkien mal-anness ta' statistika rilevanti tar-*Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu* (TE-SAT).

Wara inizjattiva tal-President Olandiż tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol, f'Diċembru saret laqgħa konġunta tal-Bord ta' Tmexxija u l-Kulleġġ tal-Eurojust sabiex jiġu diskussi riflessjonijiet komuni dwar il-kooperazzjoni, jiġi promoss fehim aħjar tal-mandati rispettivi tal-Eurojust u tal-Europol u tittejjeb il-kumplimentarjetà sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jiġu moqdija aħjar.

## 3.2 Kooperazzjoni mal-OLAF

L-isforzi konġunti tal-Eurojust u tal-OLAF sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u reati oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea ssoktaw u enfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ effettiv ta' diversi aġenziji għal każijiet transkonfinali, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' informazzjoni u involviment reċiproku. L-uffiċjali tal-OLAF ħadmu mal-Eurojust fuq erba' każijiet u ħadu sehem f'erba' laqgħat ta' koordinazzjoni.

Il-kooperazzjoni ġiet żgurata mill-Eurojust u mit-tim ta' kollegament tal-OLAF permezz ta', fost l-oħrajn, l-iskambju regolari ta' sommarji tal-każijiet u taħriġ konġunt dwar il-kooperazzjoni prattika, bl-użu ta' każijiet li juru lill-prattikanti kif il-kooperazzjoni u l-aqwa prattika bejn l-OLAF u l-Eurojust jgħinu fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

**Roadshows u seminars ta' reklamar**

L-Eurojust organizzat, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rispettivi, *seminars ta' reklamar* fil-Litwanja (Mejju), fil-Bulgarija (Ġunju) u fl-Irlanda (Lulju) u *roadshow* waħda fi Spanja sabiex tippromwovi l-kompiti, il-ħidma u l-valur miżjud tal-Eurojust fi kwistjonijiet operattivi u r-rikonoxximent tal-Eurojust bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert legali u ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea.

Għal dawn is-seminars attendew prosekuturi, imħallfin u/jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

**L-Eurojust u t-taħriġ**

Għal-laqgħat tematiċi tal-Eurojust jattendu l-prattikanti u dawn jippermettu l-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-aqwa prattika. Dawn il-laqgħat jistgħu jitqiesu bħala taħriġ prattiku. B'mod aktar speċifiku, l-Eurojust tappoġġja t-taħriġ fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali abbażi ta' MoU iffirmat mal-EJTN.

Fil-qafas tal-Programm ta' Skambju tal-EJTN, kien hemm 16-il prosekutur/imħallef minn 9 Stati Membri (BE, BG, ES, IT, HU, AT, PL, PT, SI) li ħadu sehem fil-perjodi ta' apprendistat fit-tul (tliet xhur jew erba' xhur) fl-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust, li appoġġjaw il-ħidma operattiva tagħhom. L-Eurojust organizzat ukoll żjara ta' studju ta' ġimgħa f'April, li għaliha attendew 27 prosekutur/imħallef minn 17-il Stat Membru.

Barra minn hekk, il-membri tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust ipparteċipaw b'mod attiv f'erba' seminars tal-EJTN fil-qafas tal-Proġett tal-Ġustizzja Kriminali I, *International Judicial Cooperation in Criminal Matters in Practice: EAW and MLA simulations* (*'Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali fil-Prattika: is-simulazzjonijiet ta' EAW u MLA'*). Ir-rappreżentanti tal-Eurojust f'dawn is-seminars jissorveljaw il-ħidma tal-prattikanti u jagħtu ħarsa lejn ir-rwol tal-Eurojust.

F'konformità mal-MoU mas-CEPOL u fil-kuntest tal-OAPs tal-2015 (EMPACT), l-Eurojust appoġġjat il-korsijiet ta' taħriġ f'oqsma differenti, bħal: l-investigazzjonijiet finanzjarji u l-frodi tas-sisa, il-kuntrabandu tal-kokaina u tal-eroina, l-FTF, il-falsifikazzjoni tal-oġġetti ul-IPR, it-THB u l-IIS.

Flimkien mas-CEPOL, l-EJTN u s-Segretarjat tan-Netwerk tal-JIT, l-Eurojust kompliet tipparteċipa fil-kors *Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti.*

Barra minn hekk, fil-qafas tal-proġett tal-IPA 2014 iffinanzjat mill-UE, *International Cooperation in Criminal Justice: the Prosecutors' Network of the Western Balkans* (*'Il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Ġustizzja Kriminali: in-Netwerk tal-Prosekuturi tal-Balkani tal-Punent'*), l-Eurojust ipprovdiet taħriġ u ospitat żjara ta' studju ta' ġimgħa għall-prattikanti mill-Balkani tal-Punent f'Lulju.

# 3.3 Ir-relazzjonijiet tal-Eurojust ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet

## Ftehimiet ta' kooperazzjoni

L-Eurojust għandha seba' ftehimiet ta' kooperazzjoni fis-seħħ, wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Moldova fil-21 ta' Ottubru. Ġew iffirmati ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Montenegro fit-3 ta' Mejju u mal-Ukrajna fis-27 ta' Ġunju, li għadhom iridu jidħlu fis-seħħ, u ġew imnedija negozjati formali sabiex jiġi konkluż ftehim ta' kooperazzjoni mal-Albanija.

Inżammu kuntatti mal-Bożnija-Herzegovina, mal-Brażil, mal-Ġeorġja, mal-Iżrael, mal-Messiku, mas-Serbja, mat-Tuneżija u mat-Turkija sabiex jiġu esplorati l-possibbiltajiet għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni. Barra minn hekk, ġiet ivvalutata l-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni fis-seħħ. F'dan il-kuntest, saru laqgħat ta' konsultazzjoni regolari mal-Iżvizzera u man-Norveġja.

## Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust li jinvolvu Stati terzi

L-Eurojust ipprovdiet assistenza fi 300 każ, li fihom kienu involuti 61 Stat terz differenti u li kienu jittrattaw primarjament frodi u ħasil tal-flus. L-Istati terzi kienu rrappreżentati f'50 laqgħa ta' koordinazzjoni, bl-Iżvizzera, l-Istati Uniti u n-Norveġja jkunu l-aktar parteċipanti frekwenti. L-Iżvizzera u n-Norveġja kienu involuti wkoll f'ċentri ta' koordinazzjoni. L-Istati terzi kienu involuti f'14-il JIT appoġġjati mill-Eurojust (*ara* t-taqsima 1.4).

## Il-Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust

Il-bażi ġuridika għall-issekondar ta' Prosekutur ta' Kollegament hija ftehim ta' kooperazzjoni. L-Eurojust għandha tliet Prosekuturi ta' Kollegament issekondati, li ġejjin min-Norveġja, mill-Istati Uniti tal-Amerika u mill-Iżvizzera.

Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera rreġistra 90 każ, li kienu jittrattaw primarjament imbrolju u frodi, ħasil ta' flus u reati kontra l-ħajja, l-integrità tal-persuna jew il-libertà personali, organizza ħames laqgħat ta' koordinazzjoni u pparteċipa f'21 laqgħa ta' koordinazzjoni u f'żewġ ċentri ta' koordinazzjoni. Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja rreġistra 65 każ, li kienu jittrattaw primarjament traffikar ta' droga, THB, reati kontra l-ħajja, l-integrità tal-persuna jew il-libertà personali u frodi u pparteċipa f'10 laqgħat ta' koordinazzjoni u f'ċentru wieħed ta' koordinazzjoni. Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Istati Uniti tal-Amerika rreġistra każ wieħed dwar il-piraterija marittima u pparteċipa fi 12-il laqgħa ta' koordinazzjoni. Il-preżenza tagħhom fl-Eurojust u l-involviment tagħhom fil-każijiet tqiesu bħala ta' benefiċċju, minħabba li jistgħu jaċċelleraw u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Istati terzi.


**Maria Schnebli**, *Liaison Prosecutor for Switzerland*


**Michael Olmsted**, *Liaison Prosecutor for the USA*


**Hilde Stoltenberg**, *Liaison Prosecutor for Norway*

## Il-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fl-Istati terzi

L-Eurojust kompliet testendi n-netwerk tagħha madwar id-dinja ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji fi Stati terzi billi żiedet punti ta' kuntatt mill-Kolumbja u mil-Libja. Fil-preżent, hemm 41 Stat terz li għandhom punti ta' kuntatt tal-Eurojust. Dawn il-punti ta' kuntatt, permezz tal-Eurojust, jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Istati terzi.

*Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament 2012 - 2016*



**Kooperazzjoni mal-Ukrajna u mal-Moldova f'każ ta' serq ta' arti**

L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni Taljani bdew investigazzjoni dwar serqa li saret f'mużew f'Verona, l-Italja, f'Novembru 2015. Insterqu sbatax-il pittura imprezzabbli, inklużi xogħlijiet minn Rubens, Tintoretto u Pisanello. L-allegati awturi kienu membri ta' OCG magħmul minn ċittadini Taljani, Ukreni u Moldovani. Infetaħ każ fl-Eurojust sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess li jinstabu l-kapolavuri misruqa, jiġu arrestati l-awturi u, finalment, ix-xogħlijiet artistiċi jiġu ssekwestrati u rritornati b'mod sikur lejn l-Italja.

Fil-bidu tal-2016, l-Italja ħarġet żewġ talbiet għal MLA lill-Moldova. F'Marzu ġew arrestati tnax-il persuna, sebgħa fl-Italja u ħamsa fil-Moldova. Madankollu, żewġ persuni suspettati ta' oriġini Moldovana għadhom maħruba, u huwa preżunt li dawn jinsabu f'Odessa, l-Ukrajna, u li għandhom fil-pussess tagħhom is-sbatax-il pittura kollha misruqa. F'April ġiet organizzata laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust sabiex jiġi vverifikat jekk kienx hemm proċedimenti relatati għaddejjin f'pajjiżi oħrajn, kif ukoll sabiex jiġu evitati kwalunkwe kunflitti ta' ġurisdizzjoni jew kwistjonijiet *ne bis in idem.*

L-appoġġ tal-Eurojust kien essenzjali sabiex jintlaħaq fehim komuni fost l-awtoritajiet nazzjonali, li jirriżulta fi ftehim sabiex tiġi skambjata informazzjoni dwar l-attivitajiet operattivi riċenti u tiġi żgurata l-eżekuzzjoni ta' talba mill-Italja għal MLA permezz ta' punt ta' kuntatt fl-Ukrajna. Dan il-punt ta' kuntatt kellu rwol importanti fil-bini tal-fiduċja u ta' fehim komuni fost il-partijiet involuti. Barra minn hekk, l-Eurojust iffaċilitat il-ftuħ ta' investigazzjoni parallela fl-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma informali magħmul minn investigaturi mill-pajjiżi involuti, li kellhom jikkonsultaw ma' xulxin bil-għan li jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 15(5) tal-Konvenzjoni 2000 tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali. L-eżitu tal-laqgħa ta' koordinazzjoni iggarantixxa riżoluzzjoni tal-każ f'qasir żmien. Ftit jiem wara l-laqgħa ta' koordinazzjoni, l-isforzi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja wasslu għall-irkupru b'suċċess tal-kapolavuri misruqa f'Odessa. Iż-żewġ persuni suspettati mill-Moldova ġew arrestati f'Mejju 2016.




* *Iffirmati iżda għadhom ma daħlux fis-seħħ*

*L-aqwa għaxar Stati terzi fix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust*




| Tagħrif ġenerali | Totali |
|---|---|
| Numru totali ta' każijiet li jinvolvu Stati terzi | 300 |
| Numru ta' Stati terzi differenti involuti fil-każijiet | 61 |

## Kooperazzjoni mal-ICC

L-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-ICC ffirmaw Ittra ta' Fehim dwar il-Kooperazzjoni fl-2007. Fl-2016, l-Eurojust u l-ICC esploraw ir-rabtiet li jeżistu bejn reati ewlenin (kif definiti fl-Istatut ta' Ruma tal-ICC), it-terroriżmu u reati oħrajn. F'Ġunju, l-Eurojust stiednet lir-rappreżentanti tal-ICC sabiex jiltaqgħu mal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu u ma' esperti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu min-Norveġja, mill-Iżvizzera u mill-Istati Uniti tal-Amerika bil-għan li jippreżentaw il-ħidma tal-ICC fil-Libja fir-rigward tar-rabtiet li nstabu bejn ir-reati ewlenin u t-terroriżmu. Il-ICC esprimiet ir-rieda tagħha li tassisti fl-iffaċilitar tal-MLA u fl-iskambju ta' informazzjoni meta jiġu identifikati tali rabtiet. L-Eurojust ħolqot il-possibbiltà għall-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali li jistabbilixxu kuntatti diretti mal-investigaturi tal-ICC għall-prosekuzzjoni b'mod effettiv tar-reati ewlenin u tar-reati relatati mat-terroriżmu. F'Lulju, id-Direttur tal-Investigazzjonijiet ippreżenta l-attivitajiet tal-ICC lill-Kulleġġ u ġew skambjati opinjonijiet dwar it-titjib tal-kooperazzjoni.

## Il-Prosekutur ta’ Kollegament għall-Iżvizzera taħt il-lenti

‘Jiena nħtart bħala l-ewwel Prosekutur ta’ Kollegament Żvizzeru fl-Eurojust f’Marzu 2015. Minn perspettiva Żvizzera, li jkollna Prosekutur ta’ Kollegament stazzjonat hawnhekk fl-Eurojust fuq bażi permanenti kienet ċertament qabża kbira. L-Iżvizzera diġà kellha relazzjoni ta’ ħidma fit-tul mal-Eurojust qabel daħal fis-seħħ il-ftehim ta’ kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Iżvizzera fl-2011. Bħala prosekutur federali mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Iżvizzera, sa mill-2002, jiena servejt bħala l-punt ta’ kuntatt operattiv mal-Eurojust. Bħala Prosekutur ta’ Kollegament, issa jiena ssekondata mal-Eurojust fuq bażi permanenti u ngħatajt uffiċċju mgħammar b’kollox.

Filwaqt li matul is-snin diġà kont familjari mal-Eurojust, l-affarijiet inbidlu b’mod fundamentali minn mindu bdejt naħdem bħala Prosekutur ta’ Kollegament. Id-differenza prinċipali hija li, bħala Prosekutur ta’ Kollegament, jiena nista’ niftaħ il-każijiet tiegħi stess fl-Eurojust u navviċina direttament lill-Uffiċċji Nazzjonali, li jistgħu jintalbu jagħtu l-appoġġ u l-kooperazzjoni tagħhom mill-prosekutur Żvizzeru fl-investigazzjoni tiegħu jew tagħha.

Il-Prosekuturi ta’ Kollegament jistgħu jattendu t-*tour de table* operazzjonali tal-laqgħa plenarja tal-Kulleġġ, kif ukoll jorganizzaw laqgħat fil-livell II u laqgħat ta’ koordinazzjoni, dawn tal-aħħar bl-appoġġ favorevoli pprovdut mill-Amministrazzjoni tal-Eurojust. Jiena nieħu sehem regolarment fil-laqgħat ta’ koordinazzjoni organizzati mill-Uffiċċji Nazzjonali fl-Eurojust, jew biex nakkumpanja lill-prosekuturi u l-investigaturi Żvizzeri li jieħdu sehem, jew inkella biex nirrappreżentahom meta ma jkunux jistgħu jivvjaġġaw lejn The Hague.

Kemm ilni fl-Eurojust, wieħed mill-kompiti tiegħi kien li norganizza u niffaċilita l-parteċipazzjoni u l-involviment attivi tal-esperti nazzjonali Żvizzeri f’oqsma ewlenin, bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità, li għalihom l-Eurojust tipprovdi pjattaformi siewja ħafna bil-laqgħat tattiċi u n-netwerks ta’ esperti tagħha.

Filwaqt li l-Eurojust ma kinitx magħrufa ħafna fl-Iżvizzera qabel bdejt bil-ħidma tiegħi hawnhekk, illum il-ġurnata l-prosekuturi huma familjari mal-Eurojust u bdew japprofittaw ruħhom mill-potenzjal tagħha. Kif kien qal prosekutur waqt waħda mir-roadshows li nagħmel regolarment fl-Iżvizzera, “infetħu orizzonti ġodda”. Din ix-xejra hija riflessa b’mod ċar fl-istatistika. Jiena ftaħt 47 każ fl-2015 u 90 każ fl-2016 u n-numri qegħdin ikomplu jiżdiedu.

Il-prosekuturi Żvizzeri javviċinawni b’każijiet dwar reati li jikkonċernaw il-Kodiċi Penali Żvizzeru kollu u l-“klijenti” tiegħi jinkludu s-26 uffiċċju tal-prosekuturi kantonali minn madwar it-tliet reġjuni lingwistiċi ta’ pajjiżi, kif ukoll l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Uħud mill-każijiet jissolvew faċilment, filwaqt li oħrajn ikunu kumplessi ħafna, jinvolvu pajjiżi oħrajn u jdumu għaddejjin diversi snin. Hekk kif isiru aktar familjari mal-ħidma mal-Eurojust, il-prosekuturi Żvizzeri gradwalment jissograw jidħlu f’oqsma pjuttost mhux magħrufa magħhom, bħall-JITs. Bħalissa għandna żewġ każijiet b’JITs attivi bil-parteċipazzjoni Żvizzera u hemm tlieta oħra ppjanati. Għall-Iżvizzera, din il-bidla hija importanti ħafna u ma tistax isseħħ mingħajr l-appoġġ offrut mill-Eurojust.

Kif nafu lkoll kemm aħna, il-kooperazzjoni hija bidirezzjonali u, f’dak is-sens, jiena ninsab konvinta – u r-reazzjonijiet tal-kollegi tiegħi fl-Uffiċċji Nazzjonali fil-ħidma tagħna ta’ kuljum jikkonfermaw dan is-sentiment – li l-preżenza tiegħi hawnhekk tipprovdi wkoll valur miżjud għalihom. L-Iżvizzera, bħala ċentru finanzjarju, hija sieħba mfittxija ħafna, b’mod partikolari f’każijiet relatati mal-kriminalità ekonomika, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni. Is-sistema legali tagħna hija pjuttost ikkomplikata u aħna għandna l-isfida addizzjonali ta’ tliet lingwi differenti. Il-fatt li nista’ niddiskuti u nsolvi l-kwistjonijiet pendenti mal-kollegi tiegħi fuq bażi regolari wera li kien utli ħafna u b’dan il-mod nista’ ngħin lill-prosekuturi tagħna f’pajjiżna, billi nipprovdilhom appoġġ u pariri fil-ħidma tagħhom ta’ kuljum.’

Maria Schnebli, ikkwotata f’*Aktuelle Juristische Praxis* AJP/PJA 8/2016, p. 105.

**Il-każ Żvizzeru ta' serq ta' ġojjellerija bl-armi**

Mill-2013 sal-lum, OCG Litwan bi struttura ta' ġerarkija wettaq aktar minn 10 serqiet ta' ġojjellerija bl-armi fl-Iżvizzera. L-awturi tar-reati heddew lill-vittmi bl-armi u użaw vjolenza fiżika, li wasslu għal ħsara permanenti fil-moħħ għal mill-inqas waħda mill-vittmi. Analiżi tad-DNA li saret matul l-investigazzjonijiet Żvizzeri rabtet lit-trasgressuri ma' serqiet li saru f'bosta pajjiżi Ewropej oħrajn, inklużi l-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Spanja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Finlandja u n-Norveġja. L-oġġetti ta' valur misruqa ġew mibjugħa fuq is-sit eBay bl-użu ta' kompjuters b'indirizzi IP Litwani.

L-investigazzjonijiet fl-Iżvizzera wasslu għal diversi arresti, iffaċilitati mill-awtoritajiet Litwani abbażi ta' MLA. Madankollu, l-attivitajiet tal-OCG komplew, minħabba li t-trasgressuri jew is-'suldati' f'livell baxx malajr ġew sostitwiti minn oħrajn u l-livell tal-quċċata tal-OCG ma ġiex indirizzat. F'dan l-istadju tal-każ, l-Eurojust ġiet avviċinata mill-awtoritajiet Żvizzeri sabiex tappoġġja l-kooperazzjoni ġudizzjarja ulterjuri. F'Diċembru 2015 saret laqgħa ta' koordinazzjoni. Minbarra li ffaċilitat l-eżekuzzjoni tat-talbiet pendenti u ppjanati għal MLA lejn il-Litwanja, il-laqgħa għenet sabiex tinstab strateġija komuni sabiex jiżżarma l-OCG sħiħ permezz ta' ffokar fuq il-mexxejja.

Filwaqt li l-kooperazzjoni abbażi ta' MLA mal-Litwanja ħadmet sewwa, il-pajjiżi parteċipanti talbu lill-awtoritajiet Litwani jibdew investigazzjoni, minħabba li l-awturi tar-reati kienu ta' nazzjonalità Litwana u billi mill-informazzjoni miġbura fil-Litwanja jibbenifikaw l-investigazzjonijiet madwar l-Ewropa kollha. Madankollu, in-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti, li trid tiġi pprovduta mill-pajjiżi affettwati mis-serqiet, kif ukoll in-nuqqas ta' evidenza disponibbli fil-Litwanja, waqqfu lill-awtoritajiet Litwani milli jiftħu investigazzjoni f'dak iż-żmien.

Waħda mill-isfidi fl-Iżvizzera kienet l-eżistenza ta' bosta investigazzjonijiet dwar l-attivitajiet tal-OCG fid-diversi kantons Żvizzeri. Wara l-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni, li fetħet id-djalogu fost il-pajjiżi kollha affettwati, l-Eurojust appoġġjat lill-awtoritajiet Żvizzeri u Litwani sabiex jirrestrinġu l-kooperazzjoni b'mod proviżorju, bil-għan li l-ewwel jindirizzaw l-isfidi speċifiċi li jaffettwaw lill-Iżvizzera u lil-Litwanja.

F'Ġunju 2016 saret laqgħa ta' koordinazzjoni bilaterali fl-Iżvizzera, li laqqgħet flimkien il-prosekuturi tal-kantons Żvizzeri kollha, l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Federali tal-Iżvizzera u l-awtoritajiet Litwani. Matul din il-laqgħa ġew identifikati l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni speċifiċi u ntlaħaq qbil li l-prosekuzzjonijiet preferibbilment għandhom isiru kemm fil-Litwanja kif ukoll fl-Iżvizzera, minħabba li l-persuni suspettati li ġew arrestati fl-Iżvizzera kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom awturi f'livell baxx.

L-uffiċċji tal-prosekuzzjoni kantonali fl-Iżvizzera qablu fuq il-prosekuzzjoni tas-serqiet, filwaqt li l-prosekuzzjoni tal-aspett organizzattiv kellha ssir mill-Prosekutur Federali Żvizzeru. Il-laqgħa ta' koordinazzjoni saħħet il-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet Żvizzeri u Litwani u ffaċilitat l-istabbiliment ta' kuntatti diretti bejn il-kontropartijiet.

Fid-dawl tar-riżultati pożittivi tal-kooperazzjoni fl-2016, l-isforzi tal-koordinazzjoni huma ppjanati li jkomplu fil-livell multilaterali fl-2017.



# L-isfidi u l-aqwa prattika

4

Permezz tal-ħidma strateġika u operattiva tagħha, l-Eurojust tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-isfidi u l-aqwa prattika f'oqsma differenti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Fl-2016, l-Eurojust indirizzat speċifikament id-diffikultajiet legali u prattiċi fil-qasam tal-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni, l-isfidi f'każijiet ta' frodi fiskali u l-EAW.

## 4.1 Interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni

F'Novembru saret diskussjoni tematika tal-Kulleġġ sabiex tiġi skambjata esperjenza tal-isfidi prattiċi u ġudizzjarji fil-qasam tal-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni. It-tliet suġġetti ewlenin li ġew indirizzati kienu: l-interċettazzjoni tradizzjonali tat-telekomunikazzjoni, l-interċettazzjoni tal-karozzi u l-użu ta' viruses bħal Trojan horse fuq apparat mobbli.

***Interċettazzjoni tradizzjonali tat-telekomunikazzjoni*** L-istandards legali differenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għadhom sfida sinifikanti fl-użu effettiv tal-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-ammissibbiltà tal-evidenza. Filwaqt li l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni tas-sena 2000 dwar l-MLA jippermetti lill-pajjiż rikjedenti jindika espressament il-formalitajiet u l-proċeduri li għandhom jiġu rrispettati, issemmew diversi eżempji li fihom instabet soluzzjoni ta' kompromess li takkomoda l-oqfsa legali u l-possibbiltajiet prattiċi taż-żewġ pajjiżi. Fid-dawl tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, il-prattikanti jirrakkomandaw li l-awtoritajiet rikjedenti għandhom jitolbu l-formalitajiet jew il-proċeduri biss meta dawn ikunu meqjusa bħala fundamentali skont il-liġi nazzjonali. Meta l-Istati Membri jkollhom regoli proċedurali differenti sabiex iħarsu l-istess prinċipju legali, eż. il-proporzjonalità, l-Istat Membru li jitlob l-interċettazzjoni għandu jirrikonoxxi l-qafas proċedurali tal-Istat Membru li jwettaq l-interċettazzjoni.

Jinqalgħu problemi addizzjonali meta s-suġġett ta' interċettazzjoni jaqsam bla mistenni l-fruntiera għal Stat Membru ieħor. Is-sistema legali tal-awtorizzazzjonijiet ex-post tvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiż għal ieħor u tista' twassal biex materjal miksub permezz ta' interċettazzjoni jkun inammissibbli bħala evidenza jekk ma tingħatax awtorizzazzjoni ex-post.

L-Eurojust tista' tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali b'talbiet urġenti għal interċettazzjoni bi traduzzjonijiet, bl-iffaċilitar tal-kuntatti mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u b'talbiet għal interċettazzjoni lil Stati terzi.

***Interċettazzjoni tal-karozzi*** Fl-hekk imsejħa 'sorveljanza f'kamra sigrieta', pereżempju fil-kuntest tal-interċettazzjoni ta' karozza sabiex jiġu interċettati l-konverżazzjonijiet li jkunu qegħdin isiru ġewwa, jinqalgħu sfidi ġudizzjarji sinifikanti meta l-karozza taqsam il-fruntiera għat-territorju ta' Stat Membru ieħor. Kuntrarju għall-interċettazzjoni tradizzjonali tat-telekomunikazzjoni, li hija rregolata espliċitament mill-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni tas-sena 2000 dwar l-MLA, ma jeżisti ebda strument legali speċifiku għall-interċettazzjoni ta' karozza f'kuntest transkonfinali. Ġew diskussi l-punt safejn jista' jiġi applikat l-Artikolu 20 b'analoġija u l-ħtieġa li jinkiseb kunsens mill-pajjiżi li minnhom ivvjaġġat il-karozza.

***Viruses bħal Trojan horse*** L-użu ta' viruses bħal Trojan horse għall-interċettazzjoni tal-attività fuq apparat mobbli jqajjem tħassib ta' proporzjonalità fid-dawl tan-natura intrużiva ħafna ta' din ix-xorta ta' interċettazzjoni.

## 4.2 L-isfidi f'każijiet ta' frodi fiskali

*L-Operazzjoni Vertigo* (*ara* r-Rapport Annwali tal-Eurojust 2015, pp. 54-55) uriet il-valur miżjud tal-Eurojust fil-koordinazzjoni ta' rispons ġudizzjarju, l-użu taċ-ċentri ta' koordinazzjoni u l-importanza tal-involviment bikri tal-Eurojust.

F'Ottubru, laqgħa tattika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ta' reati fiskali indirizzat l-ostakoli legali, l-aqwa prattika u s-soluzzjonijiet fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati fiskali transkonfinali, ir-rwol tal-JITs f'każijiet ta' reati fiskali u l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat ta' reati fiskali.

***JIT*** Ġew enfasizzati l-benefiċċji tal-JITs għar-rispons għall-isfidi identifikati f'każijiet ta' reati fiskali transkonfinali, hekk kif il-JITs jippermettu l-ġbir malajr tal-evidenza finanzjarja, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni fuq l-MLA u l-istrateġija komuni lejn l-Istati barra mill-JIT. Minħabba l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mill-qrib stabbiliti bejn l-awtoritajiet nazzjonali involuti, il-qafas tal-JIT jista' jipprovdi wkoll pjattaforma sabiex jiġu antiċipati l-kwistjonijiet ġurisdizzjonali u r-rekwiżiti tal-ammissibbiltà. Ġew enfasizzati l-possibbiltajiet li l-iffriżar/irkupru tal-assi jiġi inkluż fl-objettivi tal-JIT, kif ukoll il-ħatra ta' esperti dwar l-irkupru tal-assi bħala membri ta' JIT.

***Iffriżar u konfiska*** L-ostakoli legali ewlenin iffaċċjati fl-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat tar-reati fiskali huma li: (i) l-ordnijiet ta' ffriżar u sekwestru jistgħu jiġu rrifjutati u ma jiġux eżegwiti meta ċ-ċertifikat tal-iffriżar maħruġ mill-Istat Membru rikjedenti ma jkunx komplet jew preċiż, u (ii) l-ammonti riflessi fiċ-ċertifikat jistgħu ma jkunux jikkorrespondu għall-ordni ta' ffriżar. Iqumu problemi addizzjonali mill-ħtieġa li tiġi indikata b'mod preċiż il-lokazzjoni tal-proprjetà jew tal-evidenza, kif meħtieġ mid-Deċiżjoni Qafas 2003/577/JHA dwar l-ordnijiet ta' ffriżar. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tat-test tal-kriminalità doppja tista' tikkawża diffikultajiet fl-infurzar (ir-rikonoxximent) ta' ordnijiet ta' ffriżar barranin f'każijiet ta' reati fiskali.

F'dan ir-rigward, xi Stati Membri jinterpretaw il-prinċipju ta' kriminalità doppja *in concreto*, li jfisser li l-att deskritt fl-ittra ta' talba/ordni ta' ffriżar għandu jissodisfa l-kriterji kollha tal-punibbiltà skont il-liġi tal-Istat rikjest. Bil-maqlub, l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' kriminalità doppja *in abstracto* hija biżżejjed għal xi Stati Membri sabiex jinfurzaw miżuri koerċittivi li sussegwentement jistgħu jwasslu għal piena. Il-kriterju ta' distinzjoni sabiex jiġi vvalutat jekk ir-rekwiżit ta' kriminalità doppja huwiex issodisfat huwa li jiġi aċċertat jekk l-Istat rikjest huwiex mitlub jew le li japplika l-ġurisdizzjoni tiegħu sabiex imexxi l-proċedimenti kriminali matul l-għoti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

# 4.3 Mandat ta' Arrest Ewropew

L-Eurojust tiffaċilita l-applikazzjoni tal-EAW. Fl-2016, ġew irreġistrati fl-Eurojust 315-il każ dwar it-titjib tal-eżekuzzjoni tal-EAW, li jammontaw għal 14 fil-mija tal-każijiet kollha. Il-Greċja għamlet l-akbar numru ta' talbiet (65), segwita mill-Polonja (37) u mir-Renju Unit (23). L-aktar Stati Membri rikjesti ta' spiss kienu l-Italja (37), il-Ġermanja (34) u r-Rumanija (34).

L-Eurojust ġiet ikkonfrontata b'numru dejjem jikber ta' każijiet li fihom l-awtoritajiet ġudizzjarji esperjenzaw diffikultajiet bl-eżekuzzjoni tal-EAW minħabba l-kundizzjonijiet allegatament inadegwati tal-priġunerija fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat. Kemm qabel kif ukoll wara s-sentenza ta' importanza ewlenija tal-QtĠ-UE, *Aranyosi u Căldăraru* (Kawżi Konġunti C-404/15 u C-659/15 PPU), l-Eurojust għenet lill-awtoritajiet nazzjonali b'modi differenti. L-Eurojust qed tippjana li torganizza diskussjoni tematika fil-Kulleġġ fil-bidu tal-2017.

Fir-rigward tal-EAW kunfliġġenti, l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-EAW (DQ dwar l-EAW) jistabbilixxi li l-Eurojust tista' tintalab mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-eżekuzzjoni sabiex tipprovdi pariri dwar il-post ta' ċediment ta' persuna li hija s-suġġett ta' EAW maħruġa minn żewġ Stati Membri jew aktar. Fl-Eurojust infetħu tmien każijiet bħal dawn wara talbiet li saru mill-awtoritajiet ġudizzjarji mill-Belġju, min-Netherlands, mill-Awstrija, mill-Portugall u mir-Renju Unit.

Fir-rigward tal-ksur tal-limiti ta' żmien fl-eżekuzzjoni tal-EAW l-Artikolu 17(7) tad-DQ dwar l-EAW jistabbilixxi li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk Stat Membru ma jkunx jista' josserva l-limiti ta' żmien iddikjarati fl-Artikolu 17, huwa għandu jinforma lill-Eurojust u jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Ġew irreġistrati ħamsa u għoxrin ksur tal-limiti ta' żmien, li tlieta minnhom kienu jeħtieġu azzjoni ulterjuri. Bħal fis-snin ta' qabel, in-notifiki tal-ksur tal-limiti ta' żmien kienu kkonċentrati fi ftit Stati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, ir-Rumanija, is-Slovakkja, l-Isvezja u r-Renju Unit). Il-fatt li l-maġġoranza tal-Istati Membri ma nnotifikaw lill-Eurojust b'ebda ksur jista' jiġi spjegat b'żewġ modi: jew il-ksur tal-limiti ta' żmien seħħ biss fl-Istati Membri li jinnotifikaw jew inkella xi Stati Membri naqsu milli jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jinnotifikaw tali ksur.

L-Eurojust ipproduċiet rapport dwar *Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust fil-qasam tal-EAW*, li jkopri l-perjodu 2014-2016. Dan ir-rapport huwa segwitu għar-rapport preċedenti (ippubblikat bħala d-dokument tal-Kunsill 10269/14) u ser jiġi ppubblikat fl-2017. Bħall-preċedessur tiegħu, huwa jindirizza r-rwol tal-Eurojust f'dan il-qasam, kemm fil-livell operattiv kif ukoll f'dak strateġiku, u jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet prattiċi u legali identifikati fl-applikazzjoni tal-EAW.

**Opinjonijiet tal-Eurojust dwar EAW konkorrenti**

L-ewwel każ kien jikkonċerna ċittadin Belġjan involut f'reati relatati mad-droga fin-Netherlands u fil-Ġermanja. L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni Belġjani rċevew żewġ EAWdwar din il-persuna f'perjodu ta' tliet xhur. Fl-ewwel EAW, l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu ċ-ċediment ta' din il-persuna għall-finijiet ta' prosekuzzjoni għall-allegat irwol tagħha fit-tmexxija ta' faċilità għall-kultivazzjoni tal-kannabis fil-Ġermanja. It-tieni EAWnħareġ mill-awtoritajiet Olandiżi għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja, li kienet ġiet imposta minn qorti Olandiża fl-2013 għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali responsabbli għall-kultivazzjoni tal-kannabis fin-Netherlands.

It-tieni każ kien jikkonċerna persuna ta' nazzjonalità Portugiża u ta' Cape Verde li kienet qed tiskonta sentenza ta' kustodja fi Franza fiż-żmien meta lil din l-istess persuna nħarġulha EAW Olandiż u żewġ EAWsmil-Lussemburgu għal reati kriminali differenti. Waqt li kienet fin-Netherlands, il-persuna rikjesta kienet suspettata b'serq bl-armi u bil-pussess ta' arma tan-nar, filwaqt li l-awtoritajiet tal-Lussemburgu fittxew li jieħdu passi kontra l-persuna rikjesta għal numru kbir ta' reati, inklużi l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, attentat qtil u estorsjoni li tinvolvi theddid u vjolenza.

Fiż-żewġ każijiet intalab l-appoġġ tal-Eurojust sabiex tiffaċilita soluzzjoni għall-EAWs kompetituri. L-Uffiċċji Nazzjonali li rċevew il-EAWs fittxew il-kooperazzjoni tal-Uffiċċji Nazzjonali li ħarġu l-mandati. Ġew organizzati **laqgħat fil-livell II** sabiex jiġi kkunsidrat liema talba kellha tingħata prijorità u dawn wasslu biex jintlaħaq ftehim fost l-Uffiċċji Nazzjonali involuti li jitolbu opinjoni tal-Eurojust dwar l-EAWs konkorrenti, li tivvaluta formalment l-EAWs kompetituri u tagħti pariri dwar il-prijoritizzazzjoni tat-talbiet. Dawn l-opinjonijiet huma bbażati fuq il-qafas legali applikabbli u l-*Linji Gwida tal-Eurojust għat-Teħid ta' Deċiżjoni dwar il-EAWs kompetituri* (*ara* r-Rapport Annwali tal-Eurojust 2004 , pp. 82-86). Bħala riżultat tal-isforzi ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, intlaħaq ftehim fost l-awtoritajiet nazzjonali sabiex l-EAWs jiġu eżegwiti kif imressqa fl-opinjonijiet tal-Eurojust.

Fil-każ Belġjan, qorti Belġjana kkonfermat li jistgħu jiġu eżegwiti ż-żewġ EAWs lejn il-Belġju, iżda ma tat prijorità lil ebda wieħed mill-mandati. L-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni Belġjani ddeċidew li jeżegwixxu t-talbiet f'konformità mal-ftehim milħuq fl-Eurojust. Billi l-iskop tal-EAW Ġermaniż kien li ssir il-prosekuzzjoni tal-persuna rikjesta, ingħatat prijorità lil dan il-mandat fuq it-talba Olandiża.

Fil-każ Franċiż, l-EAW kollha nħarġu għall-iskop ta' prosekuzzjoni. Skont l-opinjoni tal-Eurojust, il-persuna rikjesta kellha tiġi ċeduta l-ewwel lin-Netherlands, minħabba, fost l-oħrajn, l-istadju aktar avvanzat tal-investigazzjoni kriminali Olandiża. Madankollu, sabiex ikun evitat li jiġu pperikolati l-investigazzjonijiet tal-Lussemburgu, il-persuna rikjesta kellha tiġi ċeduta temporanjament lil-Lussemburgu għal perjodu ta' żmien qasir, sabiex b'hekk setgħet tittieħed deċiżjoni formali dwar l-akkuża fil-Lussemburgu. L-opinjoni tal-Eurojust stiednet ukoll lill-awtoritajiet Olandiżi u Lussemburgiżi jikkonsultaw ma' xulxin direttament rigward ċediment sussegwenti tal-persuna rikjesta min-Netherlands lil-Lussemburgu wara li l-qrati Olandiżi waslu għall-verdett finali tagħhom.

*Każijiet ta' EAW*




**Rakkomandazzjoni konġunta dwar kunflitti ta' ġurisdizzjoni**

F'każ ta' imbrolju, il-karozzi mikrija fl-Italja u fi Spanja ġew esportati lejn il-Belġju, il-Ġermanja, Franza u l-Iżvizzera, mgħammra b'dokumenti ta' reġistrazzjoni Bulgari u Taljani ffalsifikati. Fl-2013 tnediet investigazzjoni Taljana, wara ilmenti minn diversi kumpaniji tal-kiri tal-karozzi Taljani li rrapportaw telf ta' madwar EUR 2 miljun. Saru wkoll ilmenti simili fil-Belġju u fi Spanja u, konsegwentement, infetħu investigazzjonijiet. Inbdiet ukoll investigazzjoni Franċiża dwar l-istess OCG wara tfittxija ta' rutina fil-fruntiera bejn Franza u Spanja, li matulha nstabu vetturi mingħajr liċenzja fi trakk.

Infetaħ każ kemm minn Franza kif ukoll mill-Italja. Saru laqgħat ta' koordinazzjoni sabiex jiġu identifikati kwalunkwe investigazzjonijiet paralleli, tiġi skambjata informazzjoni u jintlaħaq qbil fuq strateġija tal-każ bil-għan li jiġu evitati l-kunflitti ta' ġurisdizzjoni possibbli. Filwaqt li l-investigazzjoni Belġjana ngħalqet fl-2014, issoktaw investigazzjonijiet paralleli fi Spanja, Franza u l-Italja. L-Eurojust intalbet teżamina jekk dawk l-investigazzjonijiet paralleli jistgħux tabilħaqq iwasslu għal kunflitti ta' ġurisdizzjoni u sitwazzjoni potenzjali ta' *ne bis in idem.* Ċerti vetturi misruqa u diversi persuni suspettati kienu komuni għat-tliet investigazzjonijiet u r-reati twettqu matul l-istess perjodu ta' żmien.

L-analiżi tal-fatti u l-*modus operandi* wrew li l-maġġoranza tar-reati kriminali seħħew fl-Italja. Il-persuni suspettati ewlenin allegatament kienu jinsabu fl-Italja u ħafna minnhom kienu ta' nazzjonalità Taljana. L-awtoritajiet Taljani kellhom ukoll evidenza sinifikanti dwar il-każ. Tfasslet rakkomandazzjoni konġunta, li l-Membri Nazzjonali ta' Spanja u l-Italja ħarġu lill-awtoritajiet tagħhom, bil-għan li jaċċettaw li l-Italja kienet tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tittratta l-proċedimenti fil-każ attwali, jieħdu l-passi xierqa għal trasferiment malajr tal-proċedimenti rispettivi u jaċċettaw il-proċedimenti ttrasferiti minn Spanja. L-awtoritajiet Franċiżi appoġġjaw it-trasferiment tal-proċedimenti lill-Italja.

L-awtoritajiet nazzjonali Taljani u Spanjoli aċċettaw ir-rakkomandazzjoni konġunta u l-Uffiċċji Nazzjonali kkonċernati fl-Eurojust iffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-proċedura għat-trasferiment tal-proċedimenti bejn iż-żewġ ġurisdizzjonijiet. L-awtoritajiet Taljani qiesu r-rakkomandazzjoni bħala gwida utli dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-kunflitti ta' ġurisdizzjoni u t-trasferiment tal-proċedimenti, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni li ġiet implimentata riċentament.


Meeting of the Consultative Forum under the Dutch and Slovak EU Presidencies, June 2016

Is-Sur **Herman Bolhaar**, President tal-Bord tal-Prosekuturi Ġenerali tan-Netherlands, u s-Sur **Jozef Szabó**, Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakka, iddikjaraw:

*Din il-laqgħa tal-Forum Konsultattiv, l-ewwel waħda li tlaqqgħet taħt il-Presidenzi konġunti, reġgħet ikkonfermat li l-Forum huwa pjattaforma adatta sewwa għar-rappreżentanti tas-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika tal-Istati Membri sabiex jiskambjaw strateġiji u l-aqwa prattika għat-titjib tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, bil-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni ġudizzjarja tal-Istrateġija Interna tal-UE.*




# Fokus tas-Sena

## Kunflitti ta’ Ġurisdizzjoni

# Linji gwida sabiex jiġi deċiż
# *‘Liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi?’*

***Riveduti fl-2016***

## PARTI I: IL-KUNTEST

Matul is-snin, iż-żieda fil-kriminalità transkonfinali wasslet għal aktar każijiet li fihom bosta Stati Membri għandhom, skont il-leġiżlazzjoni domestika tagħhom, ġurisdizzjoni sabiex jieħdu passi u jressqu dawn il-każijiet quddiem il-Qorti.

F’konformità mal-mandat tagħha, l-Eurojust ilha sa mit-twaqqif tagħha tindirizza l-kwistjoni ta’ liema ġurisdizzjoni hija fl-aħjar pożizzjoni sabiex tieħu passi f’każijiet transkonfinali, li fihom prosekuzzjoni tista’ tiġi mnedija jew kienet imnedija f’żewġ ġurisdizzjonijiet jew aktar. Għall-prevenzjoni ta’ u l-appoġġ għas-soluzzjoni tal-kunflitti ta’ ġurisdizzjoni li jistgħu jirriżultaw fi ksur tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem*, kif ukoll għall-iżgurar li jkun hemm fis-seħħ l-aktar prattiki effettivi fir-rigward tal-proċedimenti kriminali fl-Unjoni Ewropea (UE), fl-2003 l-Eurojust ippubblikat il-*Linji gwida sabiex jiġi deċiż ‘Liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi?’*. Il-*Linji Gwida* jissuġġerixxu l-fatturi li jridu jittieħdu f’kunsiderazzjoni fil-każijiet multiġurisdizzjonali. Minn mindu ġew adottati, huma kienu ta’ għajnuna għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jiddeterminaw liema ġurisdizzjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tieħu passi f’każijiet transkonfinali. Il-*Linji Gwida* jgħinu wkoll lill-Eurojust, li tista’ tagħti pariri lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar din il-kwistjoni. Barra minn hekk, minn mindu ġew ippubblikati, il-*Linji Gwida* ntużaw minn xi Stati Membri bħala punt ta’ referenza meta jiżviluppaw il-leġiżlazzjoni jew il-linji gwida tagħhom.

Wara li kkunsidrat l-iżviluppi fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-UE, l-esperjenza operattiva miksuba mill-Eurojust fuq perjodu ta’ aktar minn għaxar snin u l-ħtiġijiet tal-prattikanti kif espressi f’għadd ta’ okkażjonijiet, l-Eurojust qiegħda b’dan toħroġ verżjoni riveduta tal-*Linji Gwida* tagħha.

Billi l-maġġoranza vasta tal-Istati Membri ma stabbilixxewx kriterji sabiex jiġi deċiż l-aħjar post għall-prosekuzzjoni fir-rigward tal-kunflitti transkonfinali ta’ ġurisdizzjoni u billi ma jeżisti ebda strument legali ‘orizzontali’ tal-UE f’dan ir-rigward, il-Linji Gwida huma maħsuba biex ikunu għodda flessibbli li tiggwida u tfakkar lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati. Huma jipprovdu punt tat-tluq komuni li abbażi tiegħu tista’ tintlaħaq deċiżjoni. Il-*Linji Gwida* ma jikkostitwixxux regoli vinkolanti u huma mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali, tal-UE u internazzjonali applikabbli.

F’dawn il-*Linji Gwida*, ‘awtoritajiet ġudizzjarji’ huma maħsuba biex jirreferu għal imħallfin, prosekuturi jew kwalunkwe awtoritajiet oħrajn kompetenti f’konformità mal-liġi nazzjonali.

### *Il-qafas legali tal-UE*

Il-*Linji Gwida* ħadu f’kunsiderazzjoni l-qafas legali rilevanti tal-UE, b’mod partikolari:

- Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/JHA tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta’ kunflitti ta’ eżerċizzju ta’ ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali bħalissa hija l-uniku strument tal-UE ddedikat għal din il-materja. Hija tipprevedi mekkaniżmu għal konsultazzjonijiet diretti bejn l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiksbu soluzzjoni effettiva u jevitaw kwalunkwe konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-proċedimenti paralleli. Fil-preambolu (premessa 9) issir referenza għal xi fatturi rilevanti li jridu jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti, inklużi dawk fil-Linji Gwida tal-Eurojust tal-2013.
- Strumenti legali oħrajn fil-qasam tal-kwistjonijiet kriminali, b’mod partikolari t-testi relatati mat-tipi ta’ reati speċifiċi, bħad-Deċiżjoni Qafas 2002/475/JHA tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (Artikolu 9) u d-Deċiżjoni Qafas 2008/841/JHA tal-24 ta’ Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (Artikolu 7), jinkludu dispożizzjonijiet li jirreferu għall-fatturi li jridu jittieħdu f’kunsiderazzjoni bil-għan li l-proċedimenti jiġu ċċentralizzati fi Stat Membru wieħed meta jkun hemm aktar minn Stat Membru wieħed li jkun jista’ jieħu passi b’mod validu abbażi tal-istess fatti.
- Id-dispożizzjonijiet relatati mal-assistenza tal-Eurojust fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali jinkludu:
  - l-Artikolu 85(1)(ċ) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE;
  - l-Artikoli 6, 7 (ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet mhux vinkolanti tal-Eurojust) u 13(7) (l-obbligu tal-Istati Membri li jinformaw lill-Eurojust f’każijiet fejn inqalgħu jew x’aktarx li jinqalgħu kunflitti ta’ ġurisdizzjoni) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA li tistabbilixxi l-Eurojust, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/JHA;
  - l-Artikolu 12 u l-premessi 4, 9, 10 u 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/JHA; u
  - l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/841/JHA.

## PARTI II: LINJI GWIDA PRATTIĊI

### Prinċipji ewlenin

- '*Ne bis in idem*' huwa prinċipju bażiku tad-dritt kriminali rregolat fil-livelli nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, li abbażi tiegħu konvenut ma għandux jitħarrek aktar minn darba għall-istess aġir kriminali, irrispettivament minn jekk l-ewwel prosekuzzjoni tkunx wasslet għal kundanna jew liberazzjoni. Fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-UE, is-sorsi legali ewlenin għal dan il-prinċipju huma l-Artikoli 54 sa 58 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (CISA) u l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jridu jiġu interpretati fid-dawl tal-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. (Għal ħarsa ġenerali lejn il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-prinċipju *ne bis in idem*, ara d-dokument tal-Eurojust, *The principle of* ne bis in idem *in criminal matters in the case-law of the Court of Justice of the European Union* ('*Il-prinċipju ta'* ne bis in idem *fi kwistjonijiet kriminali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*')).

  Dawn il-*Linji Gwida* jaderixxu b'mod sħiħ għal u japprovaw il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

- Skont id-Deċiżjoni Qafas 2009/948/JHA (il-premessa 12), dawn il-*Linji Gwida* jappoġġjaw b'mod sħiħ l-idea li, fi Spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja komuni tal-UE, il-prinċipju ta' prosekuzzjoni obbligatorja, li jirregola l-liġi tal-proċedura kriminali f'diversi Stati Membri, għandu jitqies bħala li ġie ssodisfat meta kwalunkwe Stat Membru jiżgura l-prosekuzzjoni kriminali ta' reat kriminali partikolari.

- Kull każ huwa uniku u, konsegwentement, kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed dwar liema ġurisdizzjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tieħu passi għandha tkun ibbażata fuq il-fatti u l-merti ta' kull każ individwali. Il-fatturi kollha maħsuba li huma rilevanti għandhom jiġu kkunsidrati fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

- Meta jaslu għal deċiżjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom isibu bilanċ bir-reqqa u b'mod ġust bejn il-fatturi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-bidu ta' prosekuzzjoni f'kull ġurisdizzjoni.

- L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jidentifikaw kull ġurisdizzjoni li fiha prosekuzzjoni mhux biss hija possibbli, iżda wkoll li fiha s-suċċess li każ jitressaq għal prosekuzzjoni huwa prospett realistiku.

- Bħala parti mid-diskussjonijiet tagħhom dwar ir-riżoluzzjoni ta' dawn il-każijiet, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jesploraw il-possibbiltajiet kollha pprovduti mill-konvenzjonijiet internazzjonali u l-istrumenti tal-UE attwali sabiex, pereżempju, tinkiseb evidenza transkonfinali, jiġu ttrasferiti l-proċedimenti jew jiġu ċeduti l-persuni.

- Id-deċiżjoni għandha dejjem tkun ġusta, indipendenti u oġġettiva, u għandha tittieħed wara li jiġu kkunsidrati l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, sabiex b'hekk ikun żgurat li jitħarsu l-garanziji proċedurali ta' kwalunkwe konvenut jew konvenut potenzjali.

### X'tagħmel?

- Hekk kif jiġu identifikati proċedimenti paralleli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti għandhom jagħmlu kuntatt ma' xulxin.

  Fi ħdan il-mandat tiegħu, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) jista' jassisti lill-awtoritajiet kompetenti, pereżempju, billi jiffaċilita l-komunikazzjoni u jidentifika u jikseb id-dettalji tal-awtoritajiet kompetenti li jridu jiġu kkuntattjati.

- Bħala l-pass li jmiss, l-awtoritajiet kompetenti involuti għandhom jibdew jikkooperaw u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom sabiex jevitaw il-ħela tar-riżorsi, id-duplikazzjoni tax-xogħol jew ir-riskju ta' ksur tal-prinċipju *ne bis in idem.* F'ħafna mill-każijiet, id-djalogu, il-fiduċja reċiproka u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti jirnexxu u jgħinu sabiex tinstab soluzzjoni.

- Meta l-proċedimenti paralleli jkunu kkoordinati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jittrattaw il-prosekuzzjonijiet kollha f'ġurisdizzjoni waħda, sakemm dan ikun prattiku, filwaqt li jqisu l-effett li l-prosekuzzjoni ta' xi konvenuti f'ġurisdizzjoni waħda jista' jkollha fuq kwalunkwe prosekuzzjoni fit-tieni jew fit-tielet ġurisdizzjoni. Għandu jsir kull sforz sabiex jiġi evitat li prosekuzzjoni waħda timmina prosekuzzjoni oħra.

- Id-deċiżjoni dwar fejn ser issir il-prosekuzzjoni għandha tittieħed mill-aktar fis possibbli fil-proċess tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni u f'konsultazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet rilevanti kollha f'kull ġurisdizzjoni.

- L-Eurojust tinsab f'pożizzjoni privileġġata sabiex toffri assistenza lill-awtoritajiet ikkonċernati fl-isforzi tagħhom biex jikkooperaw u jsibu soluzzjonijiet, fi kwalunkwe ħin fil-passi preċedenti kollha, kif ukoll biex jidentifikaw il-każijiet pendenti fl-Istati Membri li fihom jistgħu jqumu tali kunflitti (*ara* hawn taħt).

### Fatturi ewlenin

Għandhom jiġu kkunsidrati numru ta' fatturi meta tittieħed deċiżjoni dwar liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi. Kollha kemm huma jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni finali. Il-prijorità u l-piż li għandhom jingħataw lil kull fattur ser ikunu differenti f'kull każ.

Uħud mill-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati huma:

***Territorjalità*** Għandha ssir preżunzjoni preliminari li, jekk ikun possibbli, prosekuzzjoni għandha sseħħ fil-ġurisdizzjoni fejn tkun seħħet il-maġġoranza – jew l-aktar parti importanti – tal-kriminalità jew fejn kienet sostnuta l-maġġoranza – jew l-aktar parti importanti – tat-telf. B'hekk, għandhom jiġu debitament ikkunsidrati kemm id-dimensjonijiet kwantitattivi ('il-maġġoranza') kif ukoll dawk kwalitattivi ('l-aktar parti importanti').

***Lokalizzazzjoni tal-persuna/i suspettata/i jew akkużata/i*** Jistgħu jiġu kkunsidrati għadd ta' elementi b'konnessjoni ma' dan il-fattur, bħal:

- il-post fejn instabet il-persuna suspettata/akkużata;
- in-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tas-soltu tal-persuna suspettata/akkużata;
- il-konnessjonijiet personali b'saħħithom possibbli ma' Stat Membru wieħed jew interessi sinifikanti oħrajn tal-persuna suspettata/akkużata;
- il-possibbiltà tal-iżgurar taċ-ċediment jew tal-estradizzjoni tal-persuna suspettata/akkużata lejn ġurisdizzjoni oħra; u
- il-possibbiltà tat-trasferiment tal-proċedimenti lejn il-ġurisdizzjoni fejn tinsab il-persuna suspettata/akkużata.

F'sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jiġu identifikati diversi ko-konvenuti, mhux biss in-numru tagħhom huwa rilevanti, iżda anki r-rwoli rispettivi tagħhom fil-kummissjoni tal-kriminalità u l-postijiet rispettivi fejn jinsabu. Għal darba oħra, jgħoddu kemm id-dimensjonijiet kwantitattivi kif ukoll dawk kwalitattivi.

L-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi għandha tieħu f'kunsiderazzjoni wkoll l-istrumenti legali tal-UE kollha applikabbli, b'mod partikolari dawk li jirrigwardjaw il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. L-applikazzjoni tagħhom tista' taffettwa l-valutazzjoni ta' dan il-fattur u konsegwentement id-deċiżjoni finali dwar fejn għandha ssir il-prosekuzzjoni. Pereżempju, l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi li jimponu sentenzi ta' kustodja (2008/909/JHA), flimkien mad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (2002/584/JHA), tista' trendi l-lokazzjoni tal-persuna suspettata/akkużata fi kriterju ta' importanza sekondarja, minħabba li fi stadju aktar tard, il-persuna ssentenzjata tista' tiġi ttrasferita lejn Stat Membru ieħor sabiex isservi s-sentenza ta' kustodja.

***Id-disponibbiltà u l-ammissibbiltà tal-evidenza*** L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jsegwu biss każijiet bl-użu ta' evidenza affidabbli, kredibbli u ammissibbli. Għandhom jiġu kkunsidrati l-lokazzjoni u d-disponibbiltà tal-evidenza fil-forma xierqa, kif ukoll l-ammissibbiltà u l-aċċettazzjoni tagħha mill-qorti. Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll il-kwantità u l-kwalità tal-evidenza fl-Istati Membri kkonċernati, għalkemm il-qafas legali introdott mill-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (id-Direttiva 2014/41/UE) jista' jkun mistenni li jiffaċilita l-ġbir tal-evidenza bejn il-fruntieri.

***Il-kisba ta' evidenza minn xhieda, esperti u vittmi*** L-awtoritajiet ġudizzjarji ser ikollhom jikkunsidraw il-possibbiltà li jiksbu evidenza minn xhieda, esperti u vittmi, inkluż, jekk ikun hemm bżonn, id-disponibbiltà biex dawn jivvjaġġaw lejn ġurisdizzjoni oħra sabiex jagħtu dik l-evidenza. Għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni wkoll il-possibbiltà li l-evidenza tagħhom tinkiseb bil-miktub jew b'mezzi oħrajn, pereżempju, mill-bogħod permezz tat-telefon jew b'konferenza bil-vidjo.

***Protezzjoni tax-xhieda*** L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom dejjem ifittxu li jiżguraw li x-xhieda jew dawk li qegħdin jassistu fil-proċess tal-prosekuzzjoni ma jiġux ipperikolati. Meta tittieħed deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni għall-prosekuzzjoni, il-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati jistgħu jinkludu, pereżempju, il-possibbiltà li ġurisdizzjoni waħda tkun tista' toffri programm ta' protezzjoni tax-xhieda, filwaqt li ġurisdizzjoni oħra ma jkollhiex tali possibbiltà.

***L-interessi tal-vittmi*** F'konformità mad-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-interessi sinifikanti tal-vittmi, inkluża l-protezzjoni tagħhom, u jekk dawn jiġux ippreġudikati li kieku kwalunkwe prosekuzzjoni kellha sseħħ f'ġurisdizzjoni waħda minflok f'oħra. Tali kunsiderazzjoni tinkludi l-possibbiltà li l-vittmi jitolbu kumpens.

***L-istadju tal-proċedimenti*** Għandu jiġi kkunsidrat l-istadju tal-iżvilupp tal-proċedimenti kriminali fl-Istati Membri kkonċernati. Meta investigazzjoni tkun diġà fi stadju avvanzat f'ġurisdizzjoni waħda, jista' ma jkunx xieraq li l-każ jiġi ttrasferit lejn ġurisdizzjoni oħra.

***It-tul tal-proċedimenti*** Filwaqt li ż-żmien ma għandux ikun il-fattur determinanti sabiex jiġi deċiż liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi, meta jiġu bbilanċjati fatturi oħrajn, imbagħad l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jikkunsidraw it-tul ta' żmien li jieħdu l-proċedimenti sabiex jiġu konklużi f'ġurisdizzjoni partikolari ('*ġustizzja mdewma hija ġustizzja miċħuda*').

***Rekwiżiti legali*** Għandhom jiġu kkunsidrati l-qafas legali eżistenti, inklużi l-obbligi u r-rekwiżiti li huma imposti f'kull ġurisdizzjoni, kif ukoll l-effetti possibbli ta' deċiżjoni li l-prosekuzzjoni ssir f'ġurisdizzjoni waħda minflok f'oħra u l-eżitu potenzjali f'kull ġurisdizzjoni. Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji ma għandhomx jiddeċiedu li jieħdu passi f'ġurisdizzjoni waħda minflok f'oħra sempliċiment sabiex jevitaw li jikkonformaw mal-obbligi legali li japplikaw f'ġurisdizzjoni waħda iżda mhux f'oħra.

***Setgħat tal-għoti ta' sentenzi*** Filwaqt li għandu jiġi żgurat li l-pieni potenzjali disponibbli jkunu jirriflettu s-serjetà tal-aġir kriminali li huwa soġġett għal prosekuzzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji ma għandhomx ifittxu li jieħdu passi f'ġurisdizzjoni waħda sempliċiment minħabba li l-pieni potenzjali disponibbli huma ogħla minn f'ġurisdizzjoni oħra. Bl-istess mod, is-setgħat tal-għoti ta' sentenzi relattivi tal-qrati f'ġurisdizzjonijiet differenti ma għandhomx ikunu fattur determinanti sabiex jiġi deċiż f'liema ġurisdizzjoni għandha ssir il-prosekuzzjoni ta' każ.

***Rikavat tal-kriminalità*** L-istrumenti legali tal-UE u internazzjonali applikabbli u, b'mod partikolari, l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku tal-UE dwar l-iffriżar u l-konfiska, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġu evalwati s-setgħat disponibbli għat-traċċar, l-irkupru, is-sekwestru u l-konfiska tar-rikavat tal-kriminalità. Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji ma għandhomx jiddeċiedu li jieħdu passi f'ġurisdizzjoni waħda minflok f'oħra biss minħabba li tali prosekuzzjoni tirriżulta fi rkupru aktar effettiv tar-rikavat tal-kriminalità.

***Spejjeż u riżorsi*** Filwaqt li l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom iżommu f'moħħhom l-ispejjeż u r-riżorsi, l-ispejjeż tal-prosekuzzjoni ta' każ, jew l-impatt ta' dan fuq ir-riżorsi ta' uffiċċju ta' prosekuzzjoni, ma għandhomx ikunu fattur sabiex jiġi deċiż jekk il-prosekuzzjoni ta' każ għandhiex issir f'ġurisdizzjoni waħda minflok f'oħra, sakemm ma jiġux ibbilanċjati b'mod ugwali l-fatturi l-oħrajn kollha.

***Il-prijoritajiet tal-Istati Membri*** L-awtoritajiet ġudizzjarji ma għandhomx jirrifjutaw li jaċċettaw każ għal prosekuzzjoni fil-ġurisdizzjoni tagħhom minħabba li din mhijiex meqjusa bħala prijorità fl-Istat Membru tagħhom.

## L-appoġġ tal-Eurojust

- L-assistenza tal-Eurojust tista' tintalab, fi kwalunkwe mument, minn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet ġudizzjarji involuti.
- Fi ħdan il-mandat tagħha u, preferibbilment, minn stadju bikri, l-Eurojust tista' tgħin sabiex tiffaċilita l-kuntatti u l-konsultazzjonijiet preliminari bejn l-awtoritajiet kompetenti, tikkoordina l-azzjonijiet tagħhom, tinkoraġġixxi u tħaffef l-iskambju ta' informazzjoni bil-għan li tinkiseb stampa kompleta tal-każijiet, tiżgura applikazzjoni bla xkiel tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, tikkjarifika r-rabtiet bejn partijiet differenti tan-netwerks kriminali u tiffaċilita d-deċiżjonijiet sussegwenti dwar liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi. F'każijiet fejn l-Eurojust kienet għadha mhijiex involuta u l-awtoritajiet kompetenti ma setgħux jilħqu kunsens fuq kwalunkwe soluzzjoni effettiva fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet diretti pprovduti mid-Deċiżjoni Qafas 2009/948/JHA, il-kwistjoni għandha, fejn xieraq, tiġi riferuta lill-Eurojust minn kwalunkwe awtorità kompetenti involuta.
- L-Eurojust tista' tidentifika proċedimenti paralleli minn kmieni u tipprovdi b'mod proattiv l-appoġġ tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali, grazzi għall-informazzjoni dwar każijiet li fihom inqalgħu jew x'aktarx li jinqalgħu kunflitti ta' ġurisdizzjoni, riċevuta mill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust.
- Waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni organizzati mill-Eurojust, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti jistgħu jiltaqgħu u jiddiskutu l-kwistjonijiet ikkonċernati, bl-appoġġ tal-Membri Nazzjonali. Barra minn hekk, l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti (JITs) jistgħu jkunu għodda utli għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta' ġurisdizzjoni, minħabba li, fil-qafas ta'JIT, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaqblu wkoll fuq liema ġurisdizzjoni għandha tieħu passi u għal liema reati.
- Barra minn hekk, filwaqt li taġixxi permezz tal-Membri Nazzjonali tagħha (individwalment jew b'mod konġunt) jew inkella bħala Kulleġġ, l-Eurojust tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet mhux vinkolanti, li fihom titlob lill-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw li waħda minnhom tista' tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex twettaq investigazzjoni jew sabiex tieħu passi fuq atti speċifiċi.



New Eurojust premises from June 2017



# Amministrazzjoni

5

## 5.1 Appoġġ għal ħidma operattiva u strateġika

L-Amministrazzjoni tal-Eurojust appoġġjat lill-Kulleġġ fil-ħidma operattiva tiegħu u meta jiffunzjona bħala Bord ta' Tmexxija. Fl-2016, il-Kulleġġ organizza 26 laqgħa operattiva u 7 laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija. Barra minn hekk, il-Kulleġġ organizza żewġ Avvenimenti ta' Ppjanar sabiex jiġu diskussi l-iżviluppi organizzazzjonali u l-ippjanar strateġiku. Il-*Manwal tal-Operazzjonijiet tal-Eurojust*, li ġie approvat f'Novembru mill-Kulleġġ, jipprovdi linji gwida għall-assistenza tal-Amministrazzjoni lill-Uffiċċji Nazzjonali meta jittrattaw il-każijiet, avveniment importanti fit-tisħiħ ta' approċċ komuni u inkluživ għall-ġestjoni tax-xogħol fuq każijiet fi ħdan l-organizzazzjoni kollha.

***Suġġetti operazzjonali*** L-awtoritajiet nazzjonali talbu lill-Eurojust sabiex tiġbor informazzjoni jew tipprovdi pariri legali dwar is-suġġetti li ġejjin:

- is-sentenzi tas-CJEU -UE li jinterpretaw it-termini legali 'awtorità ġudizzjarja' u 'deċiżjoni ġudizzjarja' fil-kuntest tal-FD dwar l-EAW;
- ir-rikonoxximent tal-'ħtif tal-minuri mill-ġenituri' minn Stat Membru wieħed għal ieħor bħala reat;
- l-Artikoli 18 u 19 tad-DQ dwar l-EAW li jirrigwardjaw 'trasferiment temporanju' u 'smigħ tal-persuna';
- ġellieda terroristi barranin;
- l-interċettazzjoni ta' konverżazzjonijiet permezz ta' viruses bħal Trojan horse attivati b'mod remot fl-ismartphones; u
- il-liġi proċedurali applikabbli għal sitwazzjonijiet urġenti (eż. stati ta' emerġenza).

***Diskussjonijiet tematiċi*** Il-Kulleġġ skambja għarfien espert u l-aqwa prattika f'oqsma ta' interess operattiv speċjali għall-Eurojust: rapportar evalwattiv fix-xjenza forensika u interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni.

## 5.2 Riorganizzazzjoni tal-Amministrazzjoni

Minn Jannar 2017 ser tiġi implimentata struttura organizzattiva ġdida għall-Amministrazzjoni, wara proposta tad-Direttur Amministrattiv *ad interim* u l-adozzjoni mill-Kulleġġ. Il-prinċipju ewlieni sottostanti għar-riorganizzazzjoni huwa l-użu ottimali tar-riżorsi u l-ħolqien ta' sinerġiji li jappoġġjaw il-ħtiġijiet operattivi tal-Eurojust. Unità tal-Operazzjonijiet ġdida, li tirriżulta mill-fużjoni tal-Unità tal-Analiżi tal-Każijiet u ta' partijiet mill-Unità tas-Servizzi Legali, taġixxi bħala one-stop shop għall-Uffiċċji Nazzjonali u għall-Kulleġġ. L-Unità tal-Operazzjonijiet ser tapplika approċċ multidixxiplinarju sabiex toffri s-servizzi ta' appoġġ tagħha għall-ħidma operattiva. Ser jitwaqqfu Uffiċċju għall-Komunikazzjoni Korporattiva, Uffiċċju għall-Affarijiet Istituzzjonali u Uffiċċju għall-Ippjanar, il-Programmazzjoni u r-Rapportar sabiex isaħħu l-governanza korporattiva u l-abbiltajiet ta' komunikazzjoni tal-Eurojust u jtejbu l-profil tal-Eurojust lejn il-partijiet ikkonċernati.

## 5.3 Persunal u baġit

***Persunal*** Fl-aħħar tal-2016, l-Eurojust kellha 347 impjegat, inklużi 72 Membru Nazzjonali, Deputati u Assistenti, 196 Aġent Temporanju, 31 Aġent Kuntrattwali, 21 Espert Nazzjonali Ssekondat, 8 membri interim u 19-il internat. L-Eurojust issodisfat l-obbligi tagħha fir-rigward tat-tnaqqis ta' karigi b'5 fil-mija għall-aġenziji deċentralizzati.

B'mod parallel ma' dan it-tnaqqis ta' riżorsi amministrattivi, l-Eurojust ingħatat tliet karigi operattivi ġodda mill-awtoritajiet baġitarji bħala 'top-ups intenzjonati' għall-miri stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali sabiex jappoġġjaw id-domandi dejjem jiżdiedu relatati mal-ħidma kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u l-IIS.

***Baġit*** Il-baġit tal-Eurojust għall-2016, EUR 43 539 737, kien jinkludi l-ammont delimitat ta' EUR 6 980 000 għall-proġett tal-bini l-ġdid. Dan il-baġit kien 7 fil-mija aktar baxx minn dak oriġinarjament mitlub mill-Eurojust. Minħabba din il-limitazzjoni u sabiex jiġu żgurati l-forniment tal-ħidma operattiva tagħna xprunata mid-domanda u l-abbiltà li nissodisfaw l-obbligi legali tagħna, il-Programm ta' Ħidma tal-Eurojust għall-2016 ġie mmodifikat sabiex tingħata aktar prijorità lill-attivitajiet tal-aġenzija. Ġew posposti xi żviluppi fl-IT u tħassru diversi laqgħat, bħal-laqgħa mal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust u l-laqgħa mal-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fi Stati terzi, li jiżguraw skjerament baġitarju sħiħ għax-xogħol fuq każijiet u l-laqgħat ta' koordinazzjoni. Il-proċeduri ta' reklutaġġ

sofrew dewmien, li rriżulta f'rata ta' postijiet tax-xogħol battala ta' 3.45 fil-mija. Sa ċertu punt, il-posponiment tal-kunsinna tal-bini l-ġdid taffa l-pressjoni baġitarja lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja, filwaqt li nkisbet rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' 99.89 fil-mija.

***Rapport Konsolidat tal-Attività Annwali*** Kif previst fl-Artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju tal-Eurojust, ir-*Rapport Konsolidat tal-Attività Annwali* (CAAR) jitħejja mid-Direttur Amministrattiv sabiex jirrapporta dwar il-kisbiet tal-aġenzija matul is-sena. Il-CAAR jispjega fid-dettall il-livell miksub ta' implimentazzjoni tal-objettivi tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Eurojust, abbażi tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni identifikati, kif ukoll abbażi tar-riżorsi umani u finanzjarji allokati u l-kontrolli interni applikati. Il-CAAR jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet baġitarji kull sena sal-1 ta' Lulju u jista' jinstab fuq is-sit web tal-Eurojust.

## 5.4 Żviluppi organizzazzjonali

Bħala segwitu għall-evalwazzjoni tal-Eurojust u l-attivitajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 41a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust u skont il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kulleġġ fl-2015, twaqqaf grupp ta' ħidma sabiex jirrevedi u jissimplifika l-istrutturi ta' ħidma interni u l-prijoritajiet stabbiliti. Fl-2016, il-Kulleġġ ħa deċiżjonijiet, inkluż dwar: (i) iż-żieda fis-servizzi u r-riżorsi pprovduti mill-Amministrazzjoni sabiex tappoġġja l-ħidma operattiva; (ii) il-passi konkreti lejn inserzjoni, ipproċessar u tħassir komuni u armonizzati tad-data fis-CMS; u (iii) l-għadd limitat ta' proġetti ta' ħidma politika fl-oqsma tal-prijoritajiet tal-kriminalità u l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.

L-Amministrazzjoni kompliet tassisti lill-Kulleġġ fil-monitoraġġ u l-analiżi tal-impatt tal-iżviluppi leġiżlattivi rigward l-abbozz ta' Regolamenti dwar l-Eurojust u dwar l-istabbiliment tal-EPPO. Fi Frar 2015, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Eurojust, minbarra d-dispożizzjonijiet marbuta mal-EPPO.

Fl-2016, l-Eurojust ikkondiviet il-fehmiet tagħha mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew rigward il-kooperazzjoni tagħha mal-EPPO futur abbażi tal-għarfien espert u l-esperjenza prattika tagħha fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, kif ukoll it-tħassib tagħha rigward l-impatt possibbli fuq ir-riżorsi tagħha.



It-Tim ta' Tmexxija tal-Eurojust, wara r-riorganizzazzjoni tal-Amministrazzjoni

# 5.5 Bini ġdid

Il-kostruzzjoni tal-bini l-ġdid għall-Eurojust ipproċediet kif ippjanat fl-2016 u l-programm baqa' miexi skont l-iskeda. Sal-1 ta' April intlaħaq l-ogħla punt tal-kostruzzjoni, li mmarka l-bidu tal-fażi tal-kostruzzjoni finali għall-kunsinna tal-bini mill-kuntrattur lill-Istat Ospitanti u lill-Eurojust bejn Diċembru 2016 u l-aħħar tal-K1 2017.

L-Eurojust qed tistenna li tidħol fl-akkomodazzjoni ġdida tagħha lejn l-aħħar tal-K2 2017, sakemm tingħata l-bini f'idejha f'konformità mal-programm tar-rekwiżiti tal-Eurojust.


© Corné Bastiaansen

**Kampjun tal-prodotti tal-Eurojust fl-2016**




**Aċċess pubbliku għad-dokumenti**

In-numru ta' talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Eurojust naqas fl-2016, b'total ta' 15-il talba, imqabbla ma' 18 fl-2015. Barra minn hekk, l-Eurojust irċeviet tliet talbiet għal konsultazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament 1049/2001, bħala awtur parti terza tad-dokument mitlub. Fl-2016 ma waslet ebda applikazzjoni konfermatorja. L-Eurojust kompliet taġġorna r-Reġistru Pubbliku tad-dokumenti aċċessibbli permezz tas-sit web tal-Eurojust. Il-lista dejjem tikber ta' dokumenti magħmula direttament disponibbli għall-pubbliku hija maħsuba biex tiffaċilita l-aċċess taċ-ċittadini għad-dokumenti miżmuma mill-Eurojust mingħajr il-ħtieġa li ssir talba formali għal aċċess għad-dokumenti, kif ukoll biex iżżid it-trasparenza u d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Eurojust.




# L-Eurojust u n-netwerks tal-prattikanti

# 6

Is-Segretarjati tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN), tan-Netwerk ta' Esperti Nazzjonali dwar l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (Netwerk ta' JITs) u tan-Netwerk għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra (Netwerk għall-Ġenoċidji) huma ospitati mill-Eurojust u jagħmlu użu mir-riżorsi tagħha. Il-membri tagħhom huma parti mill-persunal tal-Eurojust.

Is-Segretarjati joffru servizzi lin-Netwerks u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-Kulleġġ u mal-Uffiċċji Nazzjonali fl-oqsma ta' azzjoni komuni tagħhom. L-Eurojust tipprovdi wkoll appoġġ legali, amministrattiv u finanzjarju lill-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u tad-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Forum Konsultattiv).

## 6.1 EJN

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, li ġie stabbilit fl-1998, huwa netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali maħtura mill-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Il-punti ta' kuntatt tal-EJN jgħinu lill-prattikanti fuq bażi ta' kuljum b'pariri prattiċi u legali u billi jistabbilixxu kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Is-Segretarjat tiegħu twaqqaf fl-2003.

***Laqgħat*** Il-laqgħat plenarji tal-EJN saru f'Amsterdam u Bratislava. Is-suġġetti diskussi kienu t-THB/l-isfruttament tal-ħaddiema, l-investigazzjonijiet finanzjarji, l-evidenza elettronika, il-kooperazzjoni u s-sinerġiji man-Netwerk Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (ENVR) u l-EJCN. Saru tliet laqgħat fl-Eurojust: il-laqgħa regolari, il-laqgħa tal-Korrispondenti tal-Għodda u l-laqgħa tal-Korrispondenti Nazzjonali.

Saru laqgħat reġjonali tal-EJN fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fil-Portugall u fir-Rumanija. Saru laqgħat nazzjonali tal-EJN fil-Latvja, fil-Polonja, fir-Rumanija u fir-Renju Unit. Dawn il-laqgħat ippermettew lill-punti ta' kuntatt tal-EJN u lill-awtoritajiet lokali jiddiskutu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'oqsma differenti, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-EJN u l-Eurojust. Għal dawn il-laqgħat attendew rappreżentanti mill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust.

***Kooperazzjoni mal-Eurojust*** L-EJN u l-Eurojust komplew jimplimentaw il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar is-Sitt Sessjoni ta' Evalwazzjonijiet Reċiproċi fl-Istati Membri.

Bħala parti mil-laqgħa plenarja tal-EJN taħt il-Presidenza Olandiża, il-punti ta' kuntatt tal-EJN ltaqgħu mal-kollegi tagħhom fl-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust f'sessjonijiet ta' ħidma bilaterali sabiex jiddiskutu kif għandu jiġi żgurat l-aqwa appoġġ possibbli lill-prattikanti billi jissaħħu s-sinerġiji bejn l-EJN u l-Eurojust. F'ħafna każijiet, kienet ikkonfermata kooperazzjoni tajba. Ġiet enfasizzata l-importanza ta' kuntatti regolari u mill-qrib u konsultazzjonijiet bejn il-punti ta' kuntatt tal-EJN u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust. Bħala eżitu ġenerali, id-dokument konġunt ser jiġi rivedut.

***Sit web tan-NĠE*** Ġew aġġornati diversi taqsimiet tas-sit web. Ġiet rilaxxata verżjoni ġdida tal-Kompendju. Din l-għodda tappoġġja l-abbozzar tat-tipi kollha ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, abbażi tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku jew ta' MLA.

Inħolqu verżjonijiet ġodda għat-taqsima fil-Librerija Ġudizzjarja dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-istrumenti legali. Barra minn hekk, is-Segretarjat tal-EJN żviluppa għodda ta' rapportar online ġdida għall-attivitajiet tal-punti ta' kuntatt tal-EJN, lesta biex tintuża minn Jannar 2017.

L-EJNkompla jiżviluppa r-relazzjonijiet tiegħu ma' netwerks ġudizzjarji oħrajn u ma' Stati terzi. Id-dettalji ta' kuntatt tagħhom huma disponibbli għall-punti ta' kuntatt tal-EJN f'taqsima ġdida tas-sit web tal-EJN imsejħa 'Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u netwerks ġudizzjarji'.

***Taħriġ*** Is-Segretarjat tal-EJN organizza s-seba' kors ta' taħriġ lingwistiku għall-punti ta' kuntatt tal-EJN, b'kollaborazzjoni mal-EJTN. Matul perjodu ta' ġimgħa, il-punti ta' kuntatt setgħu jtejbu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom, kif ukoll kellhom l-opportunità li jinformaw parteċipanti oħrajn dwar il-funzjonament tal-EJN u s-sit web tiegħu.

**Dokument Konġunt bejn l-Eurojust u l-EJN**

Id-Dokument Konġunt, *Assistance in International Cooperation in Criminal Matters for Practitioners, EJN and Eurojust, 'What can we do for you? ('Assistenza f'Kooperazzjoni Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali għall-Prattikanti, għall-EJN u għall-Eurojust, 'X'nistgħu nagħmlu għalik?')*, huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u huwa ppubblikat fuq is-siti web tal-EJN u tal-Eurojust. Huwa jinforma lill-prattikanti dwar is-servizzi u l-assistenza li jistgħu jiġu pprovduti mill-EJN u mill-Eurojust sabiex ikun żgurat li l-EJN u l-Eurojust jittrattaw il-każijiet fi ħdan il-mandati tagħhom, jużaw il-ħin u r-riżorsi b'mod effettiv u jevitaw id-duplikazzjoni tax-xogħol.

## 6.2 Netwerk ta' JITs

In-Netwerk ta' JITs huwa netwerk ta' punti ta' kuntatt tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji nazzjonali, li ġie stabbilit fl-2005 sabiex jistimula l-użu ta' JITsu jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni u l-aqwa prattika. Is-Segretarjat tiegħu twaqqaf fl-2011. Is-Segretarjat ilu mill-2013 jiġġestixxi l-programm ta' għotjiet stabbilit mill-Eurojust sabiex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tal-JIT (*ara* t-taqsima 1.4).

***Laqgħa annwali*** It-12-il laqgħa annwali tal-Esperti Nazzjonali dwar il-JITs saret f'Ġunju, b'enfasi speċifika fuq l-isfidi u l-opportunitajiet offruti mill-JITs f'każijiet ta' IIS. Fuq perjodu ta' jumejn, esperti u prattikanti minn madwar l-Ewropa, kif ukoll aġenziji u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, iddiskutew il-passi konkreti sabiex jittejjeb l-użu ta' JITs f'IIS. Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust.

***Proġetti*** In-Netwerk ta' JITsirreveda żewġ dokumenti utli għall-prattikanti, li huma disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Eurojust: **il-manwal tal-JITs**, li ttejjeb bir-reqqa sabiex iservi bħala gwida prattika għall-JITs, inkluża taqsima dwar 'il-mistoqsijiet frekwenti', kif ukoll il-**mudell ta' ftehim tal-JITs**, li ġie rivedut bil-għan li jiġi ssimplifikat il-mudell eżistenti u jiġu inkorporati diversi emendi derivati mill-analiżi tal-ftehimiet eżistenti. Huwa kien approvat mill-Kunsill tal-Ministri permezz ta' Riżoluzzjoni.

In-Netwerk ta' JITs kompla jiġbor informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-JITs (ġew ippubblikati sommarji ġodda għal DK, IT, LV, HU, PL, PT, FI u UK) u l-prattika (inbdew 20 evalwazzjoni ġodda tal-JITs). Din l-informazzjoni hija magħmula disponibbli fiż-żona ristretta għall-JITs, pjattaforma fuq l-internet li l-prattikanti tal-UE jistgħu jitolbu aċċess għaliha.

***Taħriġ*** Minbarra l-kors *Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti* (*ara* l-kapitolu 3), u l-konklużjonijiet tal-laqgħa annwali, in-Netwerk ta' JITsu s-Segretarjat tiegħu kkontribwixxew għal taħriġ tal-JIT li jimmira speċifikament għall-isfidi f'każijiet ta' IIS. Dan l-avveniment ġie organizzat f'kooperazzjoni mas-CEPOL, mal-EJTN u mas-Segretarjat tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija għax-Xlokk tal-Ewropa (PCC-SEE) u matul tlett ijiem laqqa' flimkien 25 parteċipant minn Stati Membri u Stati terzi affettwati minn din ix-xorta ta' attività kriminali organizzata sabiex jittejjeb l-użu tal-JITs f'dan il-qasam.

## 6.3 Netwerk għall-Ġenoċidji

In-Netwerk għall-Ġenoċidji ġie stabbilit fl-2002 sabiex jiżgura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra permezz tal-iskambju ta' informazzjoni operattiva, l-aqwa prattika u esperjenza. Huwa netwerk ta' prattikanti – investigaturi, prosekuturi u uffiċjali tal-MLA. Is-Segretarjat tiegħu twaqqaf f'Lulju 2011.

***Laqgħat*** Saru żewġ laqgħat plenarji fl-Eurojust, li ffokaw fuq l-isfidi prattiċi tal-każ kontra l-mexxejja tal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda (FDLR) fil-Ġermanja u fuq ir-reati relatati mas-sakkeġġi u l-qerda tas-siti ta' wirt kulturali fis-Sirja u fl-Iraq. Il-konklużjonijiet taż-żewġ laqgħat annwali huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust. Barra minn hekk, saret laqgħa *ad hoc* sabiex jiġu diskussi u jitmexxew 'il quddiem l-investigazzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-kunflitt bl-armi li għaddej fis-Sirja, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-influss sostanzjali ta' refuġjati Sirjani fit-territorju tal-UE, fosthom vittmi, xhieda u awturi ta' atroċitajiet. Ir-rapporti tal-laqgħat ġew ippubblikati bħala dokumenti tal-Kunsill. 10169/16 u 13409/16.

L-ewwel Jum tal-UE kontra l-Impunità ġie organizzat fit-23 ta' Mejju mill-Presidenza Olandiża, min-Netwerk għall-Ġenoċidji, mill-Eurojust u mill-Kummissjoni Ewropea. L-għan tal-avveniment annwali huwa li jqajjem kuxjenza dwar l-aktar reati faħxija, jippromwovi l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet nazzjonali, jindirizza l-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali u jġedded l-impenn fl-UE kollha sabiex tiġi miġġielda l-impunità għal dawn ir-reati. L-eżitu ġie ppubblikat bħala d-dokument tal-Kunsill 10233/16.

***Taħriġ*** F'Ottubru, in-Netwerk għall-Ġenoċidji implimenta programm ta' taħriġ dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti, f'kooperazzjoni ma' esperti mit-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) u mat-Tim tan-NU dwar l-Istat tad-Dritt. In-Netwerk għall-Ġenoċidji kompla bil-kooperazzjoni tiegħu mal-EJTN fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi u beda jikkoopera mas-CEPOL sabiex jiżviluppa programm ta' taħriġ li jiffoka fuq l-aspetti investigattivi ta' reati internazzjonali ewlenin.

***Proġetti*** Fl-2016 twettqu diversi evalwazzjonijiet u ġbir ta' data fattwali. L-aktar kwestjonarju komprensiv ivvaluta l-applikazzjoni attwali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/JHA dwar it-twaqqif ta' unitajiet speċjalizzati fil-livell nazzjonali għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali ewlenin. Il-motiv wara dawn l-unitajiet jinsab fl-għarfien speċjalizzat sabiex jiġu

indirizzati l-isfidi legali u prattiċi u jinżammu l-għarfien espert, l-aqwa prattika u l-lezzjonijiet mitgħallma fi ħdan l-istess unità. Il-ħidma kienet tinkludi wkoll kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-protezzjoni u l-parteċipazzjoni tal-vittmi fil-proċess ġudizzjarju. L-eżitu ġie ppubblikat bħala d-dokument tal-Kunsill 10234/16.

# 6.4 Forum Konsultattiv

Il-Forum Konsultattiv ġie stabbilit fl-2010 sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, kif ukoll sabiex jipprovdi kontribut mill-ġudikatura lill-istituzzjonijiet tal-UE għall-iżvilupp tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-UE.

***Laqgħa konġunta*** Wara riflessjoni dwar il-format u l-kontenut fil-ġejjieni, l-2016 kienet l-ewwel sena li l-Presidenzi tal-UE organizzaturi għamlu sejħa għal laqgħa konġunta. F'Ġunju, il-Bord tal-Prosekuturi Ġenerali tan-Netherlands u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakka laqqgħu flimkien il-11-il laqgħa tal-Forum Konsultattiv, li ffokat fuq l-aħħar żviluppi fiċ-ċiberkriminalità, it-terroriżmu u l-IIS, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' Stati terzi ewlenin fil-għlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata.

***EJCN*** Il-Forum Konsultattiv iddiskuta l-eżitu tas-seminar strateġiku, *Keys to Cyberspace*, li jikkonċerna l-isfidi frekwenti li jiffaċċjaw il-prosekuturi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità, billi jiffoka fuq il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi u l-kriptaġġ. Huma laqgħu b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Presidenza Olandiża tal-UE sabiex tistabbilixxi l-EJCN bħala mod ta' kif jitrawmu l-kuntatti fost il-prattikanti ġudizzjarji fil-qasam taċ-ċiberkriminalità fl-Istati Membri u tiżdied l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-każijiet ta' ċiberkriminalità.

***Rispons ġudizzjarju għat-terroriżmu u għall-IIS*** Rappreżentanti mill-Istati Membri kkonċernati qasmu l-esperjenza tagħhom rigward it-tisħiħ tar-rispons ġudizzjarju għat-theddid tat-terroriżmu u għall-attakki terroristiċi riċenti fi Franza u fil-Belġju. Ingħatat ħarsa lejn l-isfidi ffaċċjati u l-lezzjonijiet mitgħallma fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każijiet ta' IIS, b'mod partikolari fir-rigward tal-affermazzjoni tal-ġurisdizzjoni fuq l-ibħra miftuħa u l-valur miżjud tal-kunsiderazzjoni ta' tali tip ta' reat bħala kriminalità serja u organizzata.

Ġiet enfasizzata l-ħtieġa li tissaħħaħ u tiġi ssimplifikata l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali permezz ta' kuntatti mtejba fost il-prattikanti u l-kondiviżjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-aqwa prattika, kif ukoll permezz ta' trawwim tal-investigazzjonijiet billi jintużaw, pereżempju, tekniki investigattivi speċjali u JITs, jekk ikun xieraq.

***Kooperazzjoni ma' Stati terzi ewlenin*** Ġew skambjati opinjonijiet dwar l-isfidi prattiċi u legali ffaċċjati u l-modi possibbli ta' kif tittejjeb il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji mill-Istati terzi fir-rigward tal-eżekuzzjoni tat-talbiet għal MLA, l-iskambju ta' informazzjoni u l-ġbir tal-evidenza. L-Eurojust tat ħarsa lejn l-attivitajiet tagħha li għaddejjin fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, fejn enfasizzat il-valur miżjud tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni, il-prosekuturi ta' kollegament stazzjonati fl-Eurojust u n-netwerk tagħha ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji fi Stati terzi li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Il-konklużjonijiet tal-laqgħa huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust.

# Grazzi



Nirringrazzjaw lil **Francisco Jiménez Villarejo**, Membru Nazzjonali għal *Spanja*, għall-ħidma u l-kontribut siewi tiegħu bħala Viċi President tal-Kulleġġ tal-Eurojust minn Novembru 2013 sa Novembru 2016.

# Grazzi u addiju



**Petter Sødal**, Prosekutur ta' Kollegament għan-*Norveġja* fl-Eurojust minn Ottubru 2013 sa Awwissu 2016



**Klaus Rackwitz**, Direttur Amministrattiv minn Ottubru 2011 sa Settembru 2016

© Eurojust, 2017

*Id-drittijiet kollha riżervati. Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta jew użata f'kwalunkwe forma b'xi mod, grafiku, elettroniku jew mekkaniku, inkluż fotokopjar, reġistrazzjoni, rekordjar, jew ħżin ta' informazzjoni u sistemi ta' irkupru, mingħajr il-permess tal-Eurojust.*

ISBN: 978-92-9490-116-3

**EUROJUST**

**Maanweg 174, 2516 AB The Hague, il-Pajjiżi l-Baxxi**
Telefown: +31 70 412 5000 - E-mail: info@eurojust.europa.eu - Website: www.eurojust.europa.eu